# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 56

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 64

16 ta' Frar 2021

Werrej

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

OPINJONIJIET

**Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew**

**Il-556 Sessjoni Plenarja tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew – Interactio, 2.12.2020–3.12.2020**

2021/C 56/01 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Lejn strateġija tal-UE għat-tisħiħ tal-ħiliet u l-kompetenzi ekoloġiċi għal kulħadd" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 1

2021/C 56/02 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Tranżizzjoni industrijali lejn ekonomija Ewropea ekoloġika u diġitali: rekwiżiti regolatorji u r-rwol tal-imsieħba soċjali u tas-soċjetà ċivili" (opinjoni esploratorja) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 10

2021/C 56/03 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Il-prinċipji tas-servizzi pubbliċi għall-istabbiltà tal-ordni demokratiku (opinjoni esploratorja mitluba mill-Presidenza Ġermaniża) . . . 29

2021/C 56/04 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-ħtieġa li jiġu garantiti drittijiet reali ta' persuni b'diżabilità biex jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew" (opinjoni addizzjonali fuq inizjattiva proprja) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 36

III *Atti preparatorji*

**Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew**

**Il-556 Sessjoni Plenarja tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew – Interactio, 2.12.2020–3.12.2020**

2021/C 56/05 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ħlas transkonfinali fl-Unjoni (kodifikazzjoni)" *[COM(2020) 323 final — 2020/0145 (COD)]* . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 43

MT

| | | |
|---|---|---|
| 2021/C 56/06 | Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — L-Aġenda u l-Pjan tal-Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi 2021-2025” *[COM(2020) 606 final]* | 47 |
| 2021/C 56/07 | Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew (riformulazzjoni) *[COM(2020) 579]* u “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1139 fir-rigward tal-kapaċità tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea li taġixxi bħala Korp ta’ Analiżi tal-Prestazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew” *[COM(2020) 577]* | 53 |
| 2021/C 56/08 | Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri ta’ ġestjoni, ta’ konservazzjoni u ta’ kontroll applikabbli fiż-żona tal-Konvenzjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 520/2007” *[COM(2020) 308 final — 2020/0139 (COD)]* | 59 |
| 2021/C 56/09 | Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KEE fir-rigward ta’ miżuri temporanji b’rabta mat-taxxa fuq il-valur miżjud għall-vaċċini tal-COVID-19 u ma’ apparat mediku dijanjostiku in vitro b’reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19” *[COM(2020) 688 final — 2020/0311 (CNS)]* | 61 |
| 2021/C 56/10 | Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni biex tivvota favur iż-żieda fil-kapital tal-Fond Ewropew tal-Investiment *[COM(2020) 774 final — 2020/0343 (COD)]* | 62 |
| 2021/C 56/11 | Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2004/37/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol *(COM(2020) 571 final — 2020/0262 (COD))* | 63 |
| 2021/C 56/12 | Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti aspetti ta’ sikurezza ferrovjarja u ta’ konnettività ferrovjarja fir-rigward tal-infrastruttura transfruntiera li tgħaqqad l-Unjoni mar-Renju Unit permezz taċ-Channel Fixed Link *(COM(2020) 782 final — 2020/0347 (COD))* | 64 |

I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# OPINJONIJIET

# IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

## IL-556 SESSJONI PLENARJA TAL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW – INTERACTIO, 2.12.2020–3.12.2020

## Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Lejn strateġija tal-UE għat-tisħiħ tal-ħiliet u l-kompetenzi ekoloġiċi għal kulħadd"

**(opinjoni fuq inizjattiva proprja)**

(2021/C 56/01)

Relatur: **Tatjana BABRAUSKIENĖ**

| | |
|---|---|
| Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja | 20.2.2020 |
| Bażi legali | Artikolu 32(2) tar-Regoli ta' Proċedura |
| | Opinjoni fuq inizjattiva proprja |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza |
| Adottata fis-sezzjoni | 11.11.2020 |
| Adottata fil-plenarja | 2.12.2020 |
| Sessjoni plenarja Nru | 556 |
| Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet) | 241/4/8 |

### 1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-KESE jenfasizza li **r-responsabbiltà ambjentali hija l-obbligu ta' kulħadd**. L-iżvilupp ambjentali sostenibbli jeħtieġ bidla soċjali drastika, inkluż tibdil individwali u kollettiv fil-mentalità, l-imġiba, u l-istili ta' ħajja tagħna, kif ukoll fl-organizzazzjoni soċjali, politika u ekonomika tal-pajjiżi u s-soċjetajiet tagħna.

1.2. Il-KESE jħeġġeġ lill-Istati Membri jistabbilixxu strateġiji nazzjonali effettivi bl-involviment tal-imsieħba soċjali u l-partijiet interessati rilevanti biex jieħdu passi favur l-implimentazzjoni urġenti tal-**Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-NU** li jitolbu li l-pajjiżi jieħdu azzjoni dwar edukazzjoni ta' kwalità tajba li tkun inklużiva u ekwa (SDG 4) u dwar it-tibdil fil-klima (SDG 13). B'mod partikolari, il-mira 13.3 għandha l-għan li jittejbu l-edukazzjoni, is-sensibilizzazzjoni u l-kapaċitajiet umani u istituzzjonali rigward il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, l-adattament għalih, it-tnaqqis tal-impatt tiegħu u t-twissija bikrija. Il-mira 4.7 għandha l-għan li tiżgura li l-istudenti kollha jiksbu l-għarfien u l-ħiliet meħtieġa biex jippromovu l-iżvilupp sostenibbli", li mhuwiex biss mezz biex jissaħħu l-ħiliet u biex tingħata spinta lill-ekonomija, iżda wkoll biex jitmexxew 'il quddiem l-għanijiet ta' **ċittadinanza u paċi globali**. L-edukazzjoni taqdi rwol kruċjali f'din il-bidla, li tagħmel iżjed milli sempliċement tindirizza l-kwistjonijiet ambjentali f'kurrikulu kwalunkwe.

1.3. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jimplimentaw l-ewwel prinċipju tal-**Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali**, li jgħid li l-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja ta' kwalità tajba u inklużivi għandhom ikunu dritt għal kulħadd fl-Ewropa, japplikawh biex tittejjeb il-provvista tal-ħiliet u l-kompetenzi ekoloġiċi għall-protezzjoni ambjentali u l-ħiliet, u ħiliet professjonali għal kulħadd biex tiġi appoġġjata l-implimentazzjoni ta' dan il-prinċipju permezz ta' finanzjament pubbliku sostenibbli, abbażi ta' ftehim mal-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili.

1.4. Il-KESE huwa tal-fehma li l-ħiliet ekoloġiċi, ir-responsabbiltà ambjentali u l-iżvilupp sostenibbli għandhom jiġu integrati 'mod trasversali fi ħdan l-eżiti tat-tagħlim (għarfien, ħiliet, attitudnijiet u valuri) tat-tagħlim formali, informali u dak mhux formali tal-istudenti ta' kull età f'kull settur tal-edukazzjoni, fl-apprendistati, u fl-iskemi ta' taħriġ għall-impjegati fi ħdan is-setturi ekoloġiċi u lil hinn minnhom.

1.5. Il-KESE jfakkar lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex jorbtu aħjar il-politiki ambjentali mal-politiki dwar l-impjieg u l-edukazzjoni. Dan għandu jgħin ukoll biex issir enfasi fuq l-antiċipazzjoni tal-ħiliet u l-iżvilupp tal-ħiliet ta' persuni qiegħda jew ta' persuni li jkunu qed jaħdmu li t-taħriġ tagħhom għandu jkopri r-responsabbiltà ambjentali u jiffoka b'mod speċifiku fuq il-ħiliet ekoloġiċi. Għalhekk huwa essenzjali li jiġi żgurat li t-tibdil fil-klima fit-tagħlim jiġi allinjat ma' kultura skolastika demokratika u ma' ambjent ta' tagħlim ta' "kultura ekoloġika", li hija l-esperjenza tal-**ħolqien ta' skejjel ekoloġiċi** li, billi jkollhom infrastruttura adegwata li tħaddan kuxjenza dwar il-klima u li tippreserva l-ambjent, jitmexxew b'mod sostenibbli fi sħubija mal-partijiet interessati kollha fl-iskejjel u li jħejju lill-istudenti għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima bħala ċittadini attivi u fl-impjiegi futuri tagħhom.

1.6. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni Ewropea twettaq **riċerka fil-livell tal-UE** dwar il-ħiliet ekoloġiċi u l-iżvilupp tal-kompetenzi fi ħdan l-Istati Membri u tibbaża l-istrateġija politika tagħha fuq tali riċerka. L-iskejjel huma sors kruċjali ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet ambjentali għall-istudenti speċjalment fl-era tal-Internet "li jaf kollox", tal-midja soċjali u tal-aħbarijiet foloz. Madankollu, tinħtieġ aktar informazzjoni dwar il-politiki tal-Istati Membri tal-UE dwar l-integrazzjoni tas-sensibilizzazzjoni dwar it-tibdil fil-klima, ir-responsabbiltà ambjentali, u l-iżvilupp sostenibbli, bħala ħiliet u kompetenzi ekoloġiċi, fi ħdan il-politiki tal-edukazzjoni u l-kurrikuli edukattivi tal-edukazzjoni bikrija, l-edukazzjoni ġenerali u l-edukazzjoni għolja. Riċerka bħal din għandha tiffoka wkoll fuq il-ħiliet ekoloġiċi soċjali u professjonali u l-kompetenzi fis-settur tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET), is-settur tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali inizjali (IVET) u s-settur tal-edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali kontinwi (CVET), u t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-persuni qiegħda u tal-ħaddiema.

1.7. Il-KESE jfakkar li l-ħiliet u l-kompetenzi ekoloġiċi huma meħtieġa għaċ-ċittadini kollha, żgħar u kbar. Għalhekk, għandu jkun hemm aktar attenzjoni biex jiġu implimentati f'konformità mal-implimentazzjoni tal-**Qafas ta' Kompetenzi Ewlenin** ([1]) għat-tipi kollha ta' edukazzjoni u jintuża biex tittejjeb il-kompetenza taċ-ċittadinanza, li hija meħtieġa biex ikun hemm sens ta' responsabbiltà għall-ambjent u l-kompetenza matematika u l-kompetenza fix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija, li jeħtieġ li jappoġġjaw is-sostenibbiltà ambjentali, b'mod partikolari fir-rigward tal-progress xjentifiku u teknoloġiku. Barra minn hekk, il-ħiliet ekoloġiċi u l-kwistjonijiet ta' responsabbiltà ambjentali għandhom jiġu integrati fis-suġġetti kollha, b'mod partikolari fil-ġeografija, l-etika u l-filosofija.

1.8. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon li l-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa tal-Kummissjoni Ewropea ([2]) (2020) tiffoka fuq il-ħiliet ekoloġiċi iżda jiddispjaċih li ma tipprovdix mira għall-pajjiżi dwar il-proporzjon tal-parteċipazzjoni tal-adulti f'taħriġ ta' kwalità tajba u inklużiv f'tal-anqas il-ħiliet u l-kompetenzi ekoloġiċi bażiċi, mentri tissuġġerixxi mira għall-parteċipazzjoni fit-taħriġ għall-adulti fil-ħiliet diġitali bażiċi.

1.9. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Patt Ekoloġiku Ewropew ([3]) (2019) jippreżenta strateġija komprensiva tal-UE dwar il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-protezzjoni tal-ambjent sabiex tinkiseb newtralità klimatika tal-UE sal-2050, u l-fatt li ħabbret strateġiji differenti li se jiġu segwiti minn regolamenti, fondi u riformi nazzjonali futuri. Il-KESE jitlob lill-Istati Membri jistabbilixxu politiki nazzjonali li jiffukaw ukoll fuq l-edukazzjoni dwar ir-responsabbiltà ambjentali

([1]) ĠU C 189, 4.6.2018, p. 1.
([2]) COM(2020) 274 final.
([3]) COM(2019) 640 final.

u l-ħiliet ekoloġiċi, u t-**titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid proattivi** biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni ġusta għal ekonomija ekoloġika għal kulħadd, b'mod partikolari għall-ħaddiema f'setturi li sejrin lura. Il-KESE jfakkar li riformi bħal dawn għandhom isiru fi ħdan djalogu soċjali effettiv mat-trade unions tal-għalliema u tal-ħaddiema, ma' min iħaddem u permezz ta' konsultazzjoni mal-organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili.

1.10. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon is-suġġeriment tal-Patt Ekoloġiku Ewropew li jitwaqqaf **"qafas ta' kompetenza Ewropew"** u jirrakkomanda li l-Kummissjoni tiżviluppah biex ikun applikabbli għat-tagħlim **formali, informali u mhux formali** skont il-"Metodu Miftuħ ta' Kooperazzjoni", li jkun jinvolvi rappreżentanti tal-ministeri tal-edukazzjoni, l-imsieħba soċjali mis-setturi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, u partijiet interessati rilevanti oħra bħall-NGOs taż-żgħażagħ u dawk edukattivi.

1.11. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew ([4]) u enfasizza li **l-istrateġija industrijali** trid tinkludi l-impatti fuq il-forza tax-xogħol, kif ukoll **it-taħriġ, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema** ([5]) u l-KESE jappoġġja d-dimensjoni reġjonali ta' din l-istrateġija u l-governanza b'saħħitha tad-djalogu soċjali. Il-KESE jenfasizza li jeħtieġ ukoll li n-negozji jiżviluppaw ukoll strateġiji dwar il-protezzjoni ambjentali, li għalihom jinħtieġ ukoll l-iżvilupp tal-ħiliet għal min iħaddem.

1.12. Il-KESE jitlob lill-presidenzi futuri tal-UE u lill-Kummissjoni Ewropea biex iżidu l-kooperazzjoni bejn il-**Kunsill Edukazzjoni, il-Kunsill Impjiegi u l-Kunsill Ambjent** sabiex dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-ogħla livell jorbtu l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima mal-importanza li jiġu pprovduti ħiliet u kompetenzi ekoloġiċi għall-etajiet kollha f'kull forma u tip tas-settur tal-edukazzjoni u t-taħriġ.

1.13. Il-KESE jitlob għal **strateġija komprensiva fil-livell tal-UE**, bħal rakkomandazzjoni tal-Kunsill, dwar it-titjib tal-edukazzjoni u t-taħriġ dwar il-ħiliet u l-kompetenzi ekoloġiċi, l-iżvilupp ta' strateġiji tal-iskejjel ekoloġiċi, u t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid għall-adulti, fil-post tax-xogħol u lil hinn minnu, fil-ħiliet meħtieġa għall-protezzjoni tal-ambjent, għas-soċjetà u l-ekoloġizzazzjoni tal-ekonomija. Nissuġġerixxu li tali rakkomandazzjoni tal-Kunsill tkun tista' tagħti segwitu għas-suġġerimenti tal-Aġenda l-ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa biex tiffoka fuq kif għandha tiġi żviluppata attitudni ekoloġika għal kulħadd, u tagħmel lir-responsabbiltà ambjentali kompetenza trasversali fl-edukazzjoni u t-taħriġ fi ħdan iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, u tiffoka fuq l-ugwaljanza fl-iżvilupp tal-ħiliet ekoloġiċi għall-etajiet kollha u b'mod speċjali għall-gruppi żvantaġġati mil-lat soċjoekonomiku. L-implimentazzjoni tal-istrateġija b'dan il-mod għandha tirrikjedi wkoll li dan it-titjib fl-edukazzjoni u t-taħriġ ikun akkumpanjat minn riżorsi tekniċi, finanzjarji u tal-persunal sostenibbli u adegwati u ffinanzjati mill-baġit pubbliku.

1.14. Il-KESE jemmen li l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu politiki u finanzjament komprensivi biex **jappoġġjaw l-iżvilupp professjonali inizjali u kontinwu tal-għalliema u ta' dawk li jħarrġu dwar il-protezzjoni ambjentali** bħala tema trasversali għall-għalliema fis-suġġetti u l-livelli kollha u t-tipi ta' edukazzjoni u taħriġ, kif ukoll taħriġ speċifiku dwar il-ħiliet u l-kompetenzi ekoloġiċi. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll l-għoti ta' appoġġ professjonali adegwat għall-għalliema u l-ħarrieġa u jipprovdulhom materjali tat-tagħlim, għodod, metodi u prattiki ta' struzzjoni rilevanti u aġġornati dwar dan is-suġġett.

1.15. Il-KESE jfakkar li l-kisba ta' ħiliet ekoloġiċi fil-post tax-xogħol iżżid ir-reżiljenza u l-adattabbiltà tal-ħaddiema, il-maniġers u l-partijiet interessati, u fl-istess ħin tikkontribwixxi għat-tkabbir ekoloġiku. Il-KESE jitlob li tiġi appoġġjata l-kollaborazzjoni u li jiġu kondiviżi r-riżorsi tal-kumpaniji (speċjalment l-SMEs) sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' taħriġ fir-rigward tal-ħiliet u l-kompetenzi ekoloġiċi personali u tekniċi.

1.16. Il-KESE jitlob li jiġi żgurat **finanzjament min-naħa tal-UE għall-ħiliet ekoloġiċi u l-kompetenza tal-protezzjoni ambjentali**; pereżempju, **Erasmus+**, l-FSE+, il-Pakkett ta' Rkupru, u l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta għandhom jiffukaw fuq l-għoti ta' appoġġ finanzjarju għall-iżvilupp tal-ħiliet ekoloġiċi għall-istudenti kollha ta' kull età.

([4]) Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2020 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew.
([5]) Enfasi miżjuda minna.

1.17. Il-KESE jappella għall-**ekoloġizzazzjoni tas-Semestru Ewropew** ([6]) u jitlob li l-Kummissjoni taħdem mal-ministeri tal-edukazzjoni, l-imsieħba soċjali rilevanti u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex ifasslu Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż għall-Istati Membri tal-UE dwar kif jista' jissaħħaħ l-għoti tal-ħiliet u l-kompetenzi ekoloġiċi fil-livelli u t-tipi kollha tas-setturi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, **mill-edukazzjoni bikrija tat-tfal sal-edukazzjoni għolja u t-tagħlim għall-adulti**, u fl-istess ħin jitqies l-appoġġ effettiv għall-adulti fil-post tax-xogħol u lil hinn minnu.

## 2. **Kummenti ġenerali**

2.1. L-indirizzar tat-tibdil fil-klima għandu impatt enormi fuq il-kundizzjonijiet soċjali, l-edukazzjoni, l-impjieg u s-suq tax-xogħol. Is-sena 2019 fl-Ewropa kienet ikkaratterizzata minn mobilizzazzjonijiet taċ-ċittadini partikolarment importanti, b'mod partikolari mill-istudenti, li talbu lill-awtoritajiet pubbliċi jieħdu azzjoni urġenti u ambizzjuża biex jindirizzaw it-tibdil fil-klima. Ir-responsabbiltà ambjentali u l-ħiliet ekoloġiċi huma meħtieġa minn kulħadd, kemm mill-konsumaturi u ċ-ċittadini inġenerali, kif ukoll minn dawk li jfasslu l-politika, in-negozji u l-ħaddiema. Dawn jinħtieġu għal kull settur u attività, kemm fil-ħajja tax-xogħol (li tkopri l-kompiti mill-ippjanar u mill-innovazzjoni strateġiċi sax-xogħol fil-livell lokali fil-fabbriki u s-servizzi) kif ukoll fil-ħajja ta' kuljum (rigward id-dar, it-trasport u l-konsum, pereżempju) prinċipalment bħala parti integrata ta' kull professjoni, għalkemm ċerti impjiegi jistgħu jitqiesu bħala impjiegi "speċjalizzati fl-ambjent".

2.2. It-tfixkil fl-ekonomiji kkawżat mill-pandemija tal-COVID-19 m'għandux jagħmel il-politika dwar il-klima prijorità aktar baxxa għall-gvernijiet u n-nies fl-Ewropa. Il-politiċi, il-kumpaniji, dawk li jfasslu l-liġi u l-attivisti tal-Ewropa talbu lill-mexxejja tagħha biex jipprovdu investiment ekoloġiku sabiex jerġa' jinbeda t-tkabbir wara l-pandemija tal-coronavirus. Is-suppożizzjoni hija li l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-promozzjoni tal-bijodiversità jikkontribwixxu għall-bini mill-ġdid ta' ekonomiji ekonomiji aktar b'saħħithom. Il-pakketti ta' stimulu fiskali wara l-COVID-19 se jipprovdu opportunità biex jingħata bidu għal irkupru trasformattiv u ekoloġiku bil-ħolqien ta' impjiegi ekoloġiċi.

2.3. B'mod parallel, kien hemm protesti mifruxa f'diversi pajjiżi minħabba riformi fiskali u soċjali perċepiti bħala inġusti minn parti mill-popolazzjonijiet tagħhom. Dawn l-iżviluppi reċenti juru l-urġenza u l-ħtieġa ta' politiki ambizzjużi u sinifikanti dwar il-klima li għandhom ikunu inklużivi u ta' appoġġ għall-iżjed reġjuni, setturi, ħaddiema u ċittadini b'mod ġenerali vulnerabbli. Dawn il-politiki dwar il-klima naturalment għandhom **impatt fuq it-tagħlim formali, informali u mhux formali tal-istudenti kollha f'kull età** u l-ħiliet ekoloġiċi ir-responsabbiltà ambjentali u l-iżvilupp sostenibbli għandhom jiġu integrati b'mod trasversali fir-riżultati tat-tagħlim (l-għarfien, il-ħiliet, l-attitudnijiet u l-valuri) ta' kull settur tal-edukazzjoni, l-apprendistati, u l-provvediment ta' taħriġ għall-impjegati fi ħdan is-setturi ekoloġiċi u lil hinn minnhom. Għandna nifhmu l-ħiliet u l-kompetenzi ekoloġiċi bħala dawk li huma meħtieġa mis-soċjetà u mill-ekonomija fir-rigward tar-rekwiżiti ambjentali. Il-kwistjonijiet ambjentali jkopru firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet, mit-tibdil fil-klima u t-tnaqqis sar-riżorsi naturali u l-bijodiversità.

2.4. L-edukazzjoni taqdi rwol kruċjali fis-sensibilizzazzjoni dwar l-isfidi ambjentali u biex issawwar l-attitudnijiet u l-imġiba li jistgħu jagħmlu differenza. Filwaqt li ħafna żgħażagħ ta' 15-il sena jħossuhom pessimisti dwar il-futur tagħhom mill-perspettiva ambjentali ([7]), skont l-OECD ([8]), bosta pajjiżi diġà inkorporaw **suġġetti ambjentali fil-kurrikuli tagħhom** u qed janalizzaw kwistjonijiet bħar-riċiklaġġ, il-mudelli ta' konsum ta' kuljum u l-imġiba sostenibbli. L-iskejjel huma sors kruċjali ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet ambjentali għall-istudenti u post fejn jitħejjew ċittadini responsabbli u li jaħsbu b'mod kritiku b'għarfien u fehim tal-kawżi u l-konsegwenzi tal-problemi ambjentali, kif ukoll bl-għarfien, il-ħiliet u l-attitudnijiet meħtieġa biex jinstabu soluzzjonijiet aktar sostenibbli. Madankollu, tinħtieġ aktar informazzjoni dwar il-politiki tal-Istati Membri tal-UE dwar l-integrazzjoni tas-sensibilizzazzjoni dwar it-tibdil fil-klima, ir-responsabbiltà ambjentali, u l-iżvilupp sostenibbli, bħala ħiliet u kompetenzi ekoloġiċi, fil-kurrikuli tal-edukazzjoni tal-edukazzjoni bikrija, l-edukazzjoni ġenerali u l-edukazzjoni għolja.

([6]) Kunsill Ambjent, 5 ta' Marzu 2019.
([7]) OECD (2019), Avvisati, F., Is there a generational divide in environmental optimism?, PISA in Focus, Nru 95.
([8]) OECD (2014), Trends shaping education 2014 Spotlight 4.

2.5. Il-ħiliet u l-kompetenzi ekoloġiċi huma meħtieġa għaċ-ċittadini kollha, żgħar u kbar. It-terminu ħiliet ekoloġiċi huwa trasversali u għandu x'jaqsmu mal-kapaċità li l-aspetti ambjentali jiġu integrati ma' ħiliet oħra. Dan jeħtieġ komprensjoni u għarfien suffiċjenti dwar kwistjonijiet ambjentali iżda fl-istess ħin bażi soda tal-ħiliet ġenerali u l-ħiliet relatati max-xogħol. Il-Qafas ta' Kompetenzi Ewlenin ([9]) isemmi li jeħtieġ li*l-kompetenza matematika u l-kompetenza fix-xjenza, it-teknoloġija, u l-inġinerija* jappoġġjaw is-sostenibbiltà ambjentali, b'mod partikolari fir-rigward tal-progress xjentifiku u teknoloġiku, u tinħtieġ il-kompetenza taċ-ċittadinanza biex iċ-ċittadini jkunu responsabbli għall-ambjent. Il-kompetenzi fix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM) huma bażi importanti biex wieħed jifhem il-kwistjonijiet ambjentali kif ukoll biex jiġu żviluppati soluzzjonijiet għall-problemi. Kompetenzi bħall-ħsieb kritiku, il-kreattività u l-kollaborazzjoni/xogħol f'tim huma importanti wkoll biex jippermettu ċittadinanza li tkun konxja tal-aspett ambjentali u attiva.

2.6. Skont l-OECD, filwaqt li fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi minoranza biss ta' skejjel għandhom korsijiet iddedikati għall-ambjent, il-kwistjoni ħafna drabi tiġi diskussa bħala parti minn kurrikuli bażiċi oħra, u ħafna skejjel joffru attivitajiet barra l-ħinijiet tal-iskola li jiffukaw fuq l-ambjent ([10]). Madankollu, għad m'hemmx **riċerka internazzjonali** ddedikata dwar l-istrateġiji nazzjonali u l-kurrikuli dwar ix-xjenza ambjentali, l-attitudnijiet ambjentali u l-iżvilupp speċifiku tal-provvista ta' ħiliet ekoloġiċi u l-valutazzjoni ta' ħiliet bħal dawn. Għalhekk, il-KESE jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tinforza r-riċerka dwar il-ħiliet ekoloġiċi u l-iżvilupp tal-kompetenzi fi ħdan l-Istati Membri u tibbaża l-istrateġija tagħha fuq tali riċerka.

2.7. L-ekoloġizzazzjoni tal-ekonomija tfisser il-produzzjoni ta' prodotti u servizzi b'inqas enerġija, inqas materja prima u b'inqas emissjonijiet tal-karbonju. Din tapplika għall-attivitajiet ekonomiċi kollha fis-setturi kollha u l-ambitu tagħha jħaddan il-ħaddiema u l-konsumaturi ([11]). Il-bidla lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju timplika bidliet strutturali fis-setturi u l-okkupazzjonijiet hekk kif jitfaċċaw okkupazzjonijiet ekoloġiċi ġodda jew meta tikber id-domanda għalihom. Madankollu, l-iżjed ħaġa meħtieġa hija l-ekoloġizzazzjoni tal-okkupazzjonijiet diġà eżistenti. Dan jissarraf f'**ħiliet ġodda li jitolbu aġġornamenti tal-kurrikulu** jew saħansitra kwalifiki ġodda fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ.

2.8. Kull professjoni għandha tqis l-aspetti ambjentali speċifiċi tagħha. Filwaqt li l-ekoloġizzazzjoni tal-ekonomija toħloq ħtiġijiet tal-ħiliet, b'mod partikolari f'setturi speċifiċi bħall-effiċjenza fl-enerġija u fir-riżorsi, il-kostruzzjoni jew il-manifattura, il-mixja lejn ekonomija ċirkolari toħloq ħtiġijiet ta' ħiliet ekoloġiċi f'firxa wiesgħa ta' industriji. Jeħtieġ li dawn il-ħiliet ġodda jiġu riflessi wkoll f'setturi tal-edukazzjoni differenti, inklużi l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (ETV), li jvarjaw mill-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali inizjali (IVET) sal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali kontinwi (CVET), kif ukoll kurrikuli tal-apprendistati. Dawn il-ħiliet ekoloġiċi ġodda jistgħu jvarjaw minn ħiliet tekniċi u speċifiċi għall-impjiegi sa dawk "aktar personali", bħall-użu responsabbli tar-riżorsi, li jistgħu jkunu rilevanti fl-okkupazzjonijiet, il-livelli tal-ġerarkija u s-setturi ([12]).

2.9. Għad m'hemmx **strateġija komprensiva fil-livell tal-UE**, bħal rakkomandazzjoni tal-Kunsill, dwar it-titjib tal-edukazzjoni u t-taħriġ dwar il-ħiliet u l-kompetenzi ekoloġiċi, l-iżvilupp ta' strateġiji tal-iskejjel ekoloġiċi, u t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid għall-adulti, fil-post tax-xogħol u lil hinn minnu, fil-ħiliet meħtieġa għall-protezzjoni tal-ambjent, għas-soċjetà u għall-ekoloġizzazzjoni tal-ekonomija. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon li l-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa tal-Kummissjoni Ewropea ([13]) (2020) tiffoka fuq il-ħiliet ekoloġiċi iżda jiddispjaċih li ma tipprovdix mira għall-pajjiżi dwar il-proporzjon tal-adulti li għandhom tal-anqas il-ħiliet u l-kompetenzi ekoloġiċi bażiċi, mentri tissuġġerixxi mira għall-parteċipazzjoni fit-taħriġ għall-adulti fil-ħiliet diġitali bażiċi. Nipproponu li rakkomandazzjoni tal-Kunsill tkun tista' tagħti segwitu għas-suġġerimenti tal-Aġenda l-ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa biex tiffoka fuq kif

([9]) ĠU C 189, 4.6.2018, p. 1.

([10]) OECD (2012), How "green" are today's 15-year-olds? PISA in Focus, Nru 15.

([11]) Eurofound (2011), Industrial relations and sustainability: the role of social partners in the transition towards a green economy.

([12]) Cedefop (2019), Skills for green jobs: 2018 update Rapport ta' sinteżi Ewropew. Ir-riċerka tas-Cedefop tiddiskuti l-iżviluppi fil-Ġermanja, id-Danimarka, Spanja, l-Estonja, Franza u r-Renju Unit.

([13]) COM(2020) 274 final.

għandha tiġi żviluppata attitudni ekoloġika għal kulħadd, u tagħmel lir-responsabbiltà ambjentali kompetenza trasversali fl-edukazzjoni u t-taħriġ fi ħdan iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, u tiffoka fuq l-ugwaljanza fil-kisba tal-ħiliet ekoloġiċi għall-etajiet, il-ġeneri u l-gruppi żvantaġġati mil-lat soċjoekonomiku kollha.

2.10. Il-bidla għal ekonomija ċirkolari u b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju inevitabbilment se tibdel l-istrutturi settorjali u okkupazzjonali u ġġib magħha opportunitajiet iżda wkoll sfidi, inklużi setturi li qed imorru lura u setturi li qed jiffaċċjaw ostakli ta' reklutaġġ. Minn din il-perspettiva, approċċi mfassla apposta għal gruppi ta' adulti aktar vulnerabbli, bħal dawk b'livell baxx ta' ħiliet ([14]), iwasslu għal benefiċċji soċjoekonomiċi addizzjonali.

2.11. Għandhom jiġu stabbiliti politiki u finanzjament komprensivi u finanzjament komprensivi biex jappoġġjaw l-iżvilupp professjonali inizjali u kontinwu tal-għalliema u ta' dawk li jħarrġu dwar il-protezzjoni ambjentali bħala tema trasversali għall-għalliema fis-suġġetti u l-livelli kollha u t-tipi ta' edukazzjoni u taħriġ, kif ukoll taħriġ speċifiku dwar il-ħiliet u l-kompetenzi ekoloġiċi. Għandhom jiġu żgurati wkoll l-għoti ta' appoġġ professjonali adegwat għall-għalliema u l-ħarrieġa u materjali tat-tagħlim, għodod, metodi u prattiki ta' struzzjoni rilevanti u aġġornati dwar dan is-suġġett.

2.12. Skont riċerka li saret dan l-aħħar ([15]), il-programmi ta' taħriġ għall-iżvilupp tal-ħiliet ta' persuni qiegħda jew ta' persuni li, b'mod ġenerali, rarament jaħdmu ikollhom enfasi speċifika fuq il-ħiliet ekoloġiċi, għalkemm l-organizzazzjonijiet tas-setturi u l-organizzazzjonijiet tal-karità/mingħajr skop ta' qligħ xi drabi jkunu attivi fl-iżvilupp ta' dawn il-ħiliet. Dan jista' jirrifletti r-rabta dgħajfa identifikata bejn il-politiki marbutin mal-ambjent u dawk li għandhom x'jaqsmu mal-impjieg u l-ħiliet, inkluża l-antiċipazzjoni tal-ħiliet. Fil-pajjiżi eżaminati, il-ħiliet u l-impjiegi ekoloġiċi rarament ikunu l-uniku punt fokali tar-regolamenti, il-politiki u l-istrateġiji. Fl-istess ħin, is-sussidji u l-inċentivi mmirati lejn il-kumpaniji għall-iżvilupp tal-ħiliet ekoloġiċi huma rari.

3. **Kummenti speċifiċi**

3.1. Il-KESE josserva li **l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-NU** jitolbu azzjoni mill-pajjiżi dwar edukazzjoni ta' kwalità tajba inkluživa u ekwa (SDG 4) u dwar it-tibdil fil-klima (SDG 13). B'mod partikolari, il-mira 13.3 għandha l-għan li jittejbu l-edukazzjoni, is-sensibilizzazzjoni u l-kapaċitajiet umani u istituzzjonali rigward il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, l-adattament għalih, it-tnaqqis tal-impatt tiegħu u t-twissija bikrija. Il-mira 4.7 għandha l-għan li tiżgura li l-istudenti kollha jiksbu l-għarfien u l-ħiliet meħtieġa biex jippromovu l-iżvilupp sostenibbli", li mhuwiex biss mezz biex jissaħħu l-ħiliet u biex tingħata spinta lill-ekonomija, iżda wkoll biex jitmexxew 'il quddiem l-għanijiet ta' **ċittadinanza demokratika u paċi globali u attivi**.

3.2. Il-KESE jrmfasizza l-bżonn i jiġi implimentat l-ewwel prinċipju tal-**Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali**, li jgħid li l-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja ta' kwalità tajba u inklużivi għandhom ikunu dritt għal kulħadd fl-Ewropa, fil-kuntest tal-provvista tal-ħiliet u l-kompetenzi ekoloġiċi għal kulħadd biex tiġi appoġġjata l-implimentazzjoni ta' dan il-prinċipju permezz ta' finanzjament pubbliku sostenibbli, abbażi ta' ftehim mal-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili.

3.3. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Patt Ekoloġiku Ewropew ([16]), ippubblikat fil-11 ta' Diċembru 2019, jippreżenta strateġija komprensiva tal-UE dwar il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-protezzjoni tal-ambjent sabiex tinkiseb newtralità klimatika tal-UE sal-2050, u l-fatt li ħabbret strateġiji differenti li se jiġu segwiti minn regolamenti, fondi u riformi nazzjonali futuri. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon partikolari l-idea li l-Patt Ekoloġiku Ewropew jagħmel enfasi fuq il-fatt li: "L-iskejjel, l-istituti tat-taħriġ u l-universitajiet jinsabu f'pożizzjoni tajba biex jinvolvu l-iskulari, il-ġenituri u l-komunità b'mod ġenerali fil-bidliet meħtieġa għal tranżizzjoni b'suċċess." Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jenfasizza wkoll l-importanza tat-titjib proattiv tal-ħiliet u t-taħriġ ill-ġdid biex tiġi ffaċilitata t-tranżżizzjoni ġusta għal ekonomija ekoloġika għal kulħadd, b'mod partikolari għall-ħaddiema fis-setturi li sejrin lura.

([14]) Ara Cedefop (2020), Empowering adults through upskilling and reskilling pathways, Volum 1: popolazzjoni adulta b'potenzjal għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, għal viżjoni komprensiva tal-adulti b'livell baxx ta' ħiliet fl-UE 27 u fir-Renju Unit.

([15]) Cedefop (2019), Skills for green jobs: 2018 update Rapport ta' sinteżi Ewropew. Din ir-riċerka tiddiskuti l-iżviluppi fil-Ġermanja, id-Danimarka, Spanja, l-Estonja, Franza u r-Renju Unit.

([16]) COM(2019) 640 final.

3.4. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew iħabbar il-pjan tal-Kummissjoni Ewropea li tħejji "**qafas Ewropew ta' kompetenza** biex tiżviluppa u ivvaluta l-għarfien, il-ħiliet u l-attitudnijiet dwar it-tibdil fil-klima u l-iżvilupp sostenibbli. Se tipprovdi wkoll il-materjali ta' appoġġ u tiffaċilita l-iskambju ta' prattiki tajbin fin-networks tal-programmi għat-taħriġ tal-għalliema fl-UE." Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon dan is-suġġeriment u jirrakkomanda li l-Kummissjoni tiżviluppa t-tip ta' qafas tal-kompetenzi li jkun applikabbli għat-tagħlim **formali, informali u mhux formali** skont il-Metodu Miftuħ ta' Kooperazzjoni, li jkun jinvolvi rappreżentanti tal-ministeri tal-edukazzjoni, l-imsieħba soċjali mis-setturi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, u partijiet interessati rilevanti oħra bħall-NGOs taż-żgħażagħ u dawk edukattivi.

3.5. Minn perspettiva ta' tagħlim formali, il-ħiliet eoloġiċi u enfasi fuq it-tibdil fil-klima fit-tagħlim jimxu id f'id mal-idea li l-iskejjel jitmexxew b'mod aktar demokratiku, u ma' ambjent ta' tagħlim ta' "kultura ekoloġika", li qed twassal għall-**ħolqien ta' skejjel ekoloġiċi** li, billi jkollhom infrastruttura adegwata li tħaddan kuxjenza dwar il-klima u li tippreserva l-ambjent, jitmexxew b'mod sostenibbli fi sħubija mal-komunità skolastika kollha u jħejju lill-istudenti għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima bħala ċittadini attivi u fl-impjiegi futuri tagħhom.

3.6. Jeħtieġ li jiġu żviluppati ħiliet ekoloġiċi fi ħdan **strateġiji nazzjonali attivi għall-edukazzjoni/taħriġ u l-ħiliet**, f'kooperazzjoni mal-atturi rilevanti, bħala parti minn djalogu soċjali effettiv u f'konsultazzjoni mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili rilevanti inklużi l-istudenti, iż-żgħażagħ, l-għalliema, u l-organizzazzjonijiet tal-ġenituri sabiex tiġi promossa ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u soċjalment inklużiva. Jeħtieġ ukoll li dawn l-istrateġiji jissawru u jiġu aġġornati abbażi ta' sistema effettiva ta' antiċipazzjoni u tqabbil tal-ħiliet ([17]) li tinkorpora l-partijiet interessati rilevanti kollha, b'mod partikolari l-imsieħba soċjali u l-NGOs taż-żgħażagħ u dawk edukattivi, u tqis għanijiet politiċi oħra, bħal dawk rilevanti għall-edukazzjoni, l-impjieg, il-protezzjoni ambjentali, l-ekonomija ċirkolari u l-migrazzjoni. Dan jippermetti l-provvista f'waqtha u mmirata tal-edukazzjoni u t-taħriġ dwar ħiliet ekoloġiċi li jissodisfaw il-ħtiġijiet tas-soċjetà u l-ekonomija. Fir-rigward tat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari bħala għan strateġiku għall-Istati Membri, it-trawwim tal-użu tal-ħiliet ekoloġiċi għandu jiġi allinjat ukoll ma' strateġiji ta' tkabbir nazzjonali sabiex jiġi żgurat li l-inizjattivi ta' edukazzjoni u taħriġ jissodisfaw għanijiet strateġiċi nazzjonali.

3.7. Minbarra l-edukazzjoni formali, l-ambjenti mhux formali jikkontribwixxu għall-edukazzjoni għaċ-ċittadinanza ambjentali billi jipprovdu l-opportunità u l-kundizzjonijiet li jippermettu liż-żgħażagħ jiksbu l-għarfien kif ukoll il-ħiliet, il-valuri, l-attitudnijiet u l-azzjonijiet favur l-ambjent meħtieġa biex isiru ċittadini ambjentali. Barra minn hekk, iċ-ċittadini ambjentali huma responsabiizzati u motivati li jipparteċipai fis-soċjetà bħala aġenti tal-bidla fid-direzzjoni li jsolvu l-problemi ambjentali kontemporanji, jimpedixxu l-ħolqien ta' problemi ġodda, u jiksbu is-sostenibbiltà u jrawmu mill-ġdid ir-relazzjonijiet tagħna (tal-bniedem) man-natura. Il-pedagoġiji li jinkludu l-edukazzjoni bbażata fil-post, l-edukazjoni dwar l-ekoloġija ċivika, pedagoġija dwar il-ġustizzja ekoloġika, kompetenza mil-lat tal-azzjoni u tagħlim soċjoxjentifiku abbażi tar-riċerka jistgħu jikkontribwixxu biex jibnu l-kompetenzi taż-żgħażagħ għall-parteċipazzjoni ċivika profonda metieġa biex issir il-bidla ambjentali u soċjali ([18]). Għalhekk, huwa kruċjali li jiġu appoġġjati **l-programmi u l-organizzazzjonijiet tal-edukazzjoni mhux formali permezz ta' dawn il-metodi għat-titjib tal-ħiliet**, peress li jikkomplementaw l-edukazzjoni formali fl-iskola.

3.8. Abbażi tal-eżempju tal-ewwel **laqgħa tal-Kunsill Konġunt** bejn il-Ministri tal-finanzi u l-edukazzjoni fil-livell tal-UE fl-2019 ([19]), il-Kumitat jitlob lill-presidenzi futuri tal-UE u lill-Kummissjoni Ewropea biex iżidu l-kooperazzjoni fost il-Kunsill Edukazzjoni, il-Kunsill Impjieg u l-Kunsill Ambjent sabiex dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-ogħla livell jorbtu l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima mal-importanza li jiġu pprovduti l-ħiliet u l-kompetenzi ekoloġiċi għall-etajiet kollha.

---

([17]) Għal aktar informazzjoni dwar l-antiċipazzjoni u t-tqabbil tal-ħiliet taħt sistema komprensiva għall-governanza tal-ħiliet, ara l-paġna web tas-Cedefop dwar l-antiċipazzjoni u t-tqabbil tal-ħiliet Għall-importanza li l-antiċipazzjoni tal-ħiliet ikollha fil-mira l-ħiliet ekoloġiċi, ara Cedefop (2019), Skills for green jobs: 2018 update.

([18]) Paraskeva-Hadjichambi D. et al. (2020) Educating for Environmental Citizenship in Non-formal Frameworks for Secondary Level Youth. In: Hadjichambis A. et al. (eds) Conceptualising Environmental Citizenship for 21st Century Education. Environmental Discourses in Science Education, vol. 4. Springer, Cham. (mhux disponibbli bil-Malti)

([19]) Sessjoni konġunta tal-Ministri tal-Edukazzjoni u l-Finanzi.

3.9. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon ukoll il-fatt li l-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew ([20]) li fiha "[j]enfasizza li **l-istrateġija industrijali** trid tinkludi l-kunsiderazzjoni debita tal-impatti fuq il-forza tax-xogħol, kif ukoll tat-**taħriġ, tat-taħriġ mill-ġdid u tat-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema** ([21]); jitlob li l-Kummissjoni teżamina bir-reqqa d-dimensjoni reġjonali ta' din l-istrateġija, b'tali mod li tiżgura li ħadd u l-ebda reġjun ma jitħalla jaqa' lura; jinsisti li din l-istrateġija trid tinkludi djalogu soċjali li l-ħaddiema jkunu involuti fih bis-sħiħ." Il-KESE jenfasizza li n-negozji jeħtieġ li jiżviluppaw ukoll strateġiji dwar il-protezzjoni ambjentali, li għalihom jinħtieġ ukoll l-iżvilupp tal-ħiliet għal min iħaddem.

3.10. Ir-responsabbiltà ambjentali tibda billi tipprovdi informazzjoni lin-nies dwar liema soluzzjonijiet tekniċi għandhom jibdew jużaw għall-ekoloġizzazzjoni tal-ekonomija, il-ħajja privata, u l-unitajiet domestiċi. Għal dan, huwa kruċjali li jiddaħħlu fis-seħħ miżuri, sabiex il-kumpaniji, il-korpi pubbliċi u l-unitajiet domestiċi jkollhom soluzzjonijiet aktar ekoloġiċi, flimkien ma' taħriġ dwar kif jintużaw dawn is-soluzzjonijiet teknoloġiċi permezz ta' proċess ta' tagħlim bil-prattika. Għalhekk, l-Istrateġija ta' Tranżizzjoni Ġusta ([22]) għandha **tappoġġja l-iżvilupp tal-kompeteni u l-ħiliet tal-adulti ta' kull età** fil-postijiet tax-xogħol u lil hinn minnhom u b'hekk tgħinhom jagħmlu għażliet u tranżizzjonijiet fil-karriera u li jsegwu mentalità sostenibbli fil-ħajja.

3.11. L-ewwel prinċipju tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jeħtieġ li jsir realtà biex jiġi żgurat li l-adulti kollha jkollhom aċċess ugwali għal taħriġ u tagħlim tul il-ħajja ta' kwalità tajba u inklużivi kemm fil-postijiet tax-xogħol kif ukoll lil hinn minnhom fir-rigward tal-ħiliet ekoloġiċi, il-kompetenzi, it-teknoloġiji ekoloġiċi, u l-ħiliet ekoloġiċi tekniċi u personali ta' professjonijiet partikolari li jwasslu għar-rikonoxximent tat-taħriġ biex jittejjeb il-livell tal-kwalifiki. Jenħtieġ li jingħata appoġġ effettiv għat-titjib tal-għoti ta' taħriġ dwar il-ħiliet ekoloġiċi u ħiliet għall-impjiegi ekoloġiċi għandhom jingħataw lil ħaddiema fi kwalunkwe livell ta' ħiliet u fi kwalunkwe daqs ta' kumpanija, irrispettivament mis-settur u ż-żona ġeografika li jaħdmu fihom. Tali appoġġ jeħtieġ li jiġi żviluppat bħala strateġija nazzjonali u settorjali, bl-involviment tal-Kunsilli tal-Ħiliet Settorjali u l-imsieħba soċjali, b'attenzjoni speċjali għall-kwalità tat-taħriġ tal-fornituri.

3.12. Jeħtieġ li l-UE tagħti spinta lill-investiment tagħha biex tnaqqas l-emissjonijiet tal-karbonju u l-impronta tagħha permezz ta' proġetti li jistgħu joħolqu wkoll impjiegi ta' kwalità tajba. **Il-finanzjament tal-ħiliet ekoloġiċi u l-kompetenza tal-protezzjoni ambjentali** huwa essenzjali bħala parti mill-**Erasmus+** biex jiġu appoġġjati l-proġetti ta' kooperazzjoni taż-żgħażagħ u tal-edukazzjoni fil-qlieda kontra t-tibdil fil-klima, il-mobilità u l-iskambju tal-istudenti, iż-żgħażagħ, u l-persunal dwar it-tagħlim, l-iżvilupp ta' skejjel ekoloġiċi u t-taħriġ tal-għalliema. Il-KESE jinnota li l-Kummissjoni qed taħdem biex tipprovdi lill-Istati Membri b'riżorsi finanzjarji ġodda biex jagħmlu l-bini u l-operazzjonijiet tal-iskejjel aktar sostenibbli bil-għan li jiġu mobilizzati EUR 3 biljun f'investiment fl-infrastruttura tal-iskejjel fl-2020. Aħna nappoġġjaw l-idea li fondi oħra tal-UE, bħall-FSE +, il-Pakkett ta' Rkupru, u l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta jiffukaw fuq l-għoti ta' appoġġ finanzjarju għall-iżvilupp tal-ħiliet ekoloġiċi tal-istudenti ta' kull età. Fl-istess ħin, jeħtieġ li jiġi żgurat investiment pubbliku sostenibbli fl-edukazzjoni u t-taħriġ ([23]).

3.13. L-appoġġ għat-taħriġ tal-adulti huwa gwadann importanti għall-individwu, l-impjegatur u l-ekonomija kollha fi żmien **trasformazzjoni** fundamentali **tad-dinja tax-xogħol**, prinċipalment xprunata mit-tibdil fil-klima. **Il-finanzjament tat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid** tal-forza tax-xogħol, bl-għajnuna tal-FSE +, ta' fondi Ewropej oħra, tal-appoġġ nazzjonali tas-servizz pubbliku tal-impjiegi u tal-kontribuzzjoni tal-impjegaturi huwa tal-akbar importanza u jenħtieġ li jkun appoġġjat minn strateġiji effettivi ta' taħriġ mill-ġdid u ta' titjib tal-ħiliet. L-appoġġ għall-kollaborazzjoni u l-kondiviżjoni tar-riżorsi fost il-kumpaniji biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tat-taħriġ jistgħu jkunu ta' għajnuna speċjalment għall-SMEs li ma jkollhomx il-ħin u r-riżorsi biex jipprovdu t-taħriġ waħedhom ([24]). Il-kisba ta' ħiliet ekoloġiċi fil-post tax-xogħol iżżid ir-reżiljenza u l-adattabbiltà tal-ħaddiema, il-maniġers u l-partijiet interessati, u tikkontribwixxi għat-tkabbir ekoloġiku.

([20]) Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2020 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew.

([21]) Enfasi miżjuda minna.

([22]) Il-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta huwa parti mill-Pjan ta' Investiment Ewropew għal Patt Ekoloġiku u se jimmobilizza mill-inqas EUR 100 biljun f'investimenti biex jipprovdi appoġġ immirat addizzjonali għall-iżjed reġjuni l-aktar milquta mit-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima u b'inqas kapaċità li jindirizzaw l-isfida.

([23]) ĠU C 262, 25.7.2018, p. 1.

([24]) Cedefop (2019), Skills for green jobs: 2018 update Ir-riċerka tiddiskuti l-iżviluppi fil-Ġermanja, id-Danimarka, Spanja, l-Estonja, Franza u r-Renju Unit.

3.14. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Kunsill Ambjent iltaqa' fil-5 ta' Marzu 2020 u ddiskuta l-Patt Ekoloġiku u **L-ekoloġizzazzjoni tas-Semestru Ewropew** ([25]) u jitlob li l-Kummissjoni taħdem mal-ministeri tal-edukazzjoni, l-imsieħba soċjali rilevanti u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jiddefinixxu Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż għall-Istati Membri tal-UE dwar kif jista' jissaħħaħ l-għoti tal-ħiliet u l-kompetenzi ekoloġiċi fil-livelli u t-tipi kollha tas-setturi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, mill-edukazzjoni bikrija tat-tfal sal-edukazzjoni għolja u t-tagħlim għall-adulti, filwaqt li jitqies l-appoġġ effettiv għall-adulti fil-post tax-xogħol u lil hinn minnu.

Brussell, it-2 ta' Diċembru 2020.

Christa SCHWENG
*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*

---

([25]) Kunsill Ambjent, 5 ta' Marzu 2019.

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Tranżizzjoni industrijali lejn ekonomija Ewropea ekoloġika u diġitali: rekwiżiti regolatorji u r-rwol tal-imsieħba soċjali u tas-soċjetà ċivili"**

**(opinjoni esploratorja)**

(2021/C 56/02)

Relatur: **Lucie STUDNIČNÁ**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Parlament Ewropew, 15.9.2020 |
| Bażi legali | Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum |
| Adottata fil-plenarja | 2.12.2020 |
| Sessjoni plenarja Nru | 556 |
| Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet) | 148/89/19 |

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Hemm numru ta' prerekwiżiti għat-tranżizzjoni industrijali lejn ekonomija Ewropea ekoloġika u diġitali biex jinkiseb futur sostenibbli, ġust u soċjalment aċċettabbli fl-Ewropa. Minħabba l-pandemija tal-COVID-19, saru iżjed urġenti l-ħtieġa għal parteċipazzjoni ferm usa' u aktar b'saħħitha tal-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili fit-tfassil tal-politika fil-livelli kollha, kif ukoll għal qafas regolatorju u standards b'saħħithom fil-livell Ewropew, speċjalment dwar l-aġenda soċjali. Il-pjan ta' azzjoni mħabbar biex jimplimenta l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali għandu jkollu rwol importanti f'dan l-isforz.

1.2. Il-KESE jemmen li huwa essenzjali li tiġi rikonoxxuta l-komplementarjetà bejn it-tibdil fil-klima, il-politiki tal-ekonomija ċirkolari, u r-responsabbiltà soċjali korporattiva, u li jiġu enfasizzati l-karatteristiċi ċirkolari tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli.

1.3. Ir-rwol tal-impjegaturi, tal-intraprendituri u l-kontribut tas-settur privat biex jixprunaw il-bidla strutturali huma essenzjali għat-tranżizzjoni industrijali. Peress li l-innovazzjoni fl-Ewropa tipikament toriġina minn entitajiet żgħar, hemm bżonn li ssir enfasi fuq il-ħolqien ta' ambjent favorevoli għan-negozju u fuq il-promozzjoni tal-potenzjal tal-SMEs li jipprovdu servizzi ta' livell għoli bbażati fuq l-għarfien. Dawn ta' spiss jaqdu rwol pijunier għall-pożizzjonament fis-suq ta' industriji relatati u huma impjegaturi affidabbli u reżistenti għall-kriżijiet. Għandha tiġi sfruttata wkoll l-esperjenza tal-intrapriżi u l-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali: dawn huma attivi f'oqsma li huma affettwati mit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Bħala tali, in-negozji u l-proċessi ta' innovazzjoni soċjali tagħhom jeħtieġ li jiġu promossi.

1.4. B'mod koerenti, għandu jiġi stabbilit mekkaniżmu li jiddereġi r-riżorsi finanzjarji tas-settur privat lejn investimenti konformi mal-kriterji ESG (kriterji ambjentali, soċjali u ta' governanza). L-istrateġiji dwar l-Unjoni Bankarja, l-Unjoni tas-Swieq Kapitali, il-finanzi sostenibbli, il-finanzi diġitali u l-SMEs għalhekk kollha jsaħħu lil xulxin u jiġġustifikaw li l-fondi jiġu kanalizzati lejn proġetti aktar produttivi, f'ekonomija fejn sa 80 % tal-ħtiġijiet ta' finanzjament tagħha jiddependu mis-settur bankarju.

1.5. Ewropa li tkun reżiljenti, sostenibbli, ġusta u prosperuża tirrikjedi qafas regolatorju li jista' jtejjeb proċess ta' tranżizzjoni ġusta filwaqt li jqis l-impatti etiċi u l-interessi pubbliċi tagħha bħall-protezzjoni tal-konsumatur, is-saħħa, is-sikurezza u l-kwalità. Il-KESE jirrakkomanda li l-istituzzjonijiet Ewropej u nazzjonali jintroduċu strutturi ta' governanza ġodda li jistgħu jiżguraw l-involviment attiv tal-ekonomija lokali, l-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' miżuri ġusti biex jiżguraw li t-tranżizzjonijiet ikunu soċjalment ġusti. Wieħed mill-arranġamenti ewlenin ta' governanza għall-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-progress ta' tranżizzjonijiet soċjalment ġusti huwa s-Semestru Ewropew. Il-KESE jirrakkomanda li fis-Semestru Ewropew jiġu inkorporati indikaturi soċjali, ekonomiċi u ambjentali ġodda, imtejba, li jistgħu jitkejlu u jkunu komplementari, biex jissorveljaw u jżommu rekord tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

1.6. Ir-rwol tar-reġjuni għandu jissaħħaħ fl-aġenda ta' tranżizzjoni Ewropea. L-ippjanar fit-tul, approċċ b'saħħtu bbażat fuq il-post, speċjalizzazzjoni intelliġenti u aġenda tal-kapital uman huma l-fokus ewlieni, kif ukoll ir-rikonċiljazzjoni tal-ambizzjoni ta' tranżizzjoni fit-tul mal-prijoritajiet fuq medda qasira ta' żmien.

1.7. Il-KESE jemmen li l-istrumenti ta’ finanzjament u appoġġ għal attivitajiet relatati mat-tranżizzjoni fil-livell tal-UE għandhom jiġu kkomplementati minn riżorsi nazzjonali, bil-koordinazzjoni meħtieġa bejn il-livelli differenti ta’ governanza. Biex jiġi żgurat finanzjament suffiċjenti, il-KESE jirrakkomanda wkoll firxa usa’ ta’ riżorsi proprji.

1.8. L-aġenda tal-kapital uman hija waħda mill-prerekwiżiti għal tranżizzjoni li tirnexxi. Numru ta’ atturi, inklużi istituzzjonijiet edukattivi, impjegaturi, trade unions, servizzi pubbliċi tal-impjiegi, NGOs, u organizzazzjonijiet professjonali jeħtieġ li jikkoperaw fl-isfera tal-iżvilupp tal-ħiliet u jantiċipaw is-sett sħiħ tal-ħtiġijiet futuri b’rabta mal-ħiliet ġodda u qodma.

1.9. Il-KESE jilqa’ l-pjan ta’ azzjoni mħabbar biex jimplimenta l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. L-acquis rilevanti tal-liġi tal-UE dwar ix-xogħol għandu jiġi rinfurzat biex jappoġġja aħjar tranżizzjoni ġusta għall-ħaddiema. Il-pjan ta’ azzjoni għandu jistabbilixxi livell minimu ta’ drittijiet fil-livell tal-UE, inklużi: id-dritt għas-saħħa u s-sikurezza li jkopri l-ħaddiema kollha u tipi ġodda ta’ xogħol; informazzjoni, konsultazzjoni, kodeterminazzjoni u drittijiet ta’ parteċipazzjoni mhux limitati għal sitwazzjonijiet ta’ tranżizzjoni; drittijiet għall-iżvilupp tal-ħiliet; standards minimi għall-assigurazzjoni tal-qgħad; paga minima; u n-negozjar kollettiv.

## 2. **Kummenti ġenerali u approċċ li jħares ’il quddiem**

2.1. Din l-Opinjoni esploratorja kienet mitluba mill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali tal-Parlament Ewropew bħala kontribut għall-pjan ta’ azzjoni li jmiss biex jimplimenta l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u s-Summit Soċjali tal-UE li jmiss, ippjanat għal Mejju 2021 f’Porto.

2.2. In-negozju u l-ħaddiema Ewropej qed jiffaċċjaw il-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi massivi tal-pandemija tal-COVID-19. Ħafna kumpaniji qed jisfaxxaw, qed nitilfu l-impjiegi u l-unitajiet domestiċi qed jitilfu l-għajxien tagħhom. Minkejja miżuri ta’ salvataġġ ekonomiku mingħajr preċedent immirati biex itaffu l-effetti tal-konfinament fuq l-impjiegi u l-kumpaniji, il-previżjonijiet ekonomiċi jagħtu stampa inkwetanti ħafna. L-ekonomija tal-UE hija mbassra li tonqos bi 8,3 % fl-2020 u tikber b’5,8 % fl-2021. It-tkabbir fl-2021 se jkun ukoll kemxejn anqas robust minn kif previst fir-rebbiegħa [1]. L-Istati Membri għandhom dejn rekord u l-UE ġarrbet ukoll dejn komuni għall-ewwel darba. Barra minn hekk, lanqas ma nafu l-konsegwenzi tal-Brexit.

2.3. L-industriji u s-setturi ewlenin, mir-riżorsi umani sar-riċerka, għandhom jiġu identifikati u appoġġjati biex iwasslu għal politika industrijali Ewropea li tipproteġi dawn is-setturi strateġiċi fis-suq u tiżgura s-sigurtà tal-provvista tar-riżorsi ewlenin. Il-politika industrijali tal-Ewropa għandha sservi bħala qafas ġenerali li jikkoordina d-diversi politiki Ewropej b’mod koerenti u komprensiv u b’hekk jipprovdi sinerġiji. Trasformazzjoni bħal din tirrikjedi li l-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi r-rotta u l-politiki tal-Istati Membri jiġu allinjati ma’ dawk tal-UE. Dan ma jfissirx mikroġestjoni, iżda jfisser allinjament tal-politiki sabiex ikunu koerenti u jrawmu bidla trasformattiva. Dan il-proċess se jkun possibbli biss bil-parteċipazzjoni attiva tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tal-imsieħba soċjali. Mingħajr “patt soċjali” ibbażat fuq parteċipazzjoni demokratika u effettiva taċ-ċittadini tal-UE ma jkun hemm l-ebda Patt Ekoloġiku ta’ benefiċċju għal kulħadd.

2.4. B’mod koerenti, għandu jiġi stabbilit mekkaniżmu li jidderieġi r-riżorsi finanzjarji tas-settur privat lejn investimenti konformi mal-kriterji ESG (kriterji ambjentali, soċjali u ta’ governanza). L-istrateġiji dwar l-Unjoni Bankarja, l-Unjoni tas-Swieq Kapitali, il-finanzi sostenibbli, il-finanzi diġitali u l-SMEs għalhekk kollha jsaħħu lil xulxin u jiġġustifikaw li l-fondi jiġu kanalizzati lejn proġetti aktar produttivi, f’ekonomija fejn sa 80 % tal-ħtiġijiet ta’ finanzjament tagħha jiddependu mis-settur bankarju.

2.5. It-terminu li ħareġ f’dan il-kuntest fir-rigward tal-bidla ambjentali u teknoloġika huwa “tranżizzjoni ġusta”. Il-KESE jara t-tranżizzjoni ġusta bħala komponent ewlieni kemm tal-baġit kif ukoll tal-pjan ta’ rkupru li jagħti spinta lil ekonomija Ewropea aktar ekoloġika. Għalhekk, jeħtieġ li jiġi żviluppat fehim usa’ dwar “tranżizzjoni ġusta” (lil hinn minn ekonomiji bbażati fuq il-karbonju) li timplimenta bis-sħiħ il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali [2], abbażi ta’ kuntratt soċjali ġdid, filwaqt li tixpruna riforma fir-rigward tas-sistemi ridistributtivi, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. F’dak li jirrigwarda l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali huma partikolarment importanti

(1) EC Summer 2020 Economic Forecast: A deeper recession with wider divergences [Tbassir Ekonomiku tas-Sajf 2020 tal-KE: Riċessjoni aktar profonda b’diverġenzi usa’, (mhux disponibbli bil-Malti)].

(2) ĠU C 364, 28.10.2020, p. 1.

l-impjiegi ta' kwalità għolja għal kulħadd, l-aċċess għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja, inkluż id-dritt għat-tagħlim tul il-ħajja, speċjalment għal gruppi vulnerabbli, l-aċċess ugwali għall-kura tas-saħħa u servizzi soċjali għal kulħadd, il-protezzjoni soċjali, u l-inklużjoni ta' gruppi vulnerabbli, bħall-persuni qiegħda fit-tul, in-nisa, iż-żgħażagħ, il-migranti u l-persuni b'diżabilità. Dawn l-għanijiet importanti kollha jistgħu jintlaħqu fuq il-bażi ta' ekonomija prosperuża, impjiegi ġodda u bi kwalifiki għolja offruti minn min iħaddem, u bl-investiment meħtieġ f'teknoloġiji ġodda.

2.6. Il-pajjiżi u r-reġjuni fi tranżizzjoni industrijali tipikament jiffaċċjaw sfidi biex jimmodernizzaw il-bażi industrijali tagħhom, jaġġornaw il-ħiliet tal-forza tax-xogħol, jikkumpensaw għat-telf ta' impjiegi f'setturi ewlenin u jżidu l-produttività baxxa li tillimita t-tkabbir tal-introjtu. B'mod ġenerali, huma se jibbenefikaw minn progress ekoloġiku u teknoloġiku u żviluppi relatati, iżda xi postijiet u ċerti gruppi tal-popolazzjoni, b'mod partikolari gruppi vulnerabbli bħal persuni b'diżabilità, l-anzjani, ir-Rom u l-migranti, qegħdin f'riskju li jitħallew jibqgħu lura. L-indirizzar tal-isfidi assoċjati mat-trasformazzjonijiet fit-tul jirrikjedi antiċipazzjoni tal-bidla u l-immaniġġjar attiv tat-tranżizzjoni min-naħa ta' dawk li jfasslu l-politika, l-imsieħba soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-partijiet interessati ewlenin f'dawn il-pajjiżi u reġjuni. Id-djalogu soċjali, l-informazzjoni, il-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, inkluż fil-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet (bordijiet u bordijiet superviżorji) għandhom rwol ewlieni biex jindirizzaw u jinfluwenzaw it-teħid tad-deċiżjonijiet tal-kumpanija sabiex jimmaniġġjaw it-tranżizzjonijiet b'mod li jħares 'il quddiem. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ u tiżviluppa d-dimensjoni soċjali fl-istrateġija industrijali aġġornata futura.

2.7. L-indirizzar tal-kriżi pandemika u l-iffaċilitar għal trasformazzjoni industrijali li tirnexxi huma fl-interessi tal-gruppi kollha tal-partijiet interessati, u jirrikjedi sforz konġunt u għanijiet kondiviżi (bħall-iżvilupp tan-negozju fit-tul), u djalogu soċjali effettiv fi klima ta' kunfidenza, kif ukoll attitudni pożittiva. Il-KESE jemmen li ġestjoni tajba, u għalhekk sostenibbli, tan-negozju flimkien mal-antiċipazzjoni tal-bidla għandha tkun ibbażata fuq l-istandards legali minimi ppruvati tas-suq intern, bil-vuċi tal-ħaddiema espressa permezz ta' informazzjoni, konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fil-bordijiet tal-kumpanija.

2.8. Id-diġitalizzazzjoni u l-awtomatizzazzjoni t-tnejn li huma għandhom effetti pożittivi u negattivi għall-ekonomija u s-soċjetà. Din it-tranżizzjoni tkun teħtieġ regolazzjoni li ssegwi l-pass tat-trasformazzjoni teknoloġika u l-antiċipazzjoni tal-bidla billi tinvolvi eż. l-imsieħba soċjali. Il-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej (EWCs) u l-kunsilli tax-xogħlijiet ta' Societas Europaea (SE) jistgħu jservu bħala eżempju pożittiv ta' involviment transkonfinali obbligatorju tal-ħaddiema fl-ibbilanċjar tal-interessi u l-esplorazzjoni ta' soluzzjonijiet fi spirtu ta' sħubija soċjali. Dan jinvolvi l-garanzija ta' taħriġ għall-ħaddiema u n-negozjar ta' ftehimiet kollettivi biex jappoġġjaw l-awtonomija tax-xogħol u jiżguraw bilanċ tajjeb bejn ix-xogħol u l-ħajja privata. Bid-diġitalizzazzjoni u l-ekonomija tal-Internet feġġew forom ġodda ta' xogħol, bħal xogħol fuq il-pjattaformi, fejn il-ħaddiema huma mingħajr ebda sigurtà soċjali u sigurtà tax-xogħol u spiss jaħdmu taħt kundizzjonijiet prekarji ħafna u bi status mhux ċar. Il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-istatus tagħhom għandhom jiġu armonizzati fil-livell Ewropew biex jinkoraġġixxu mobbiltà ġusta u integrazzjoni fis-suq intern ([3]). Għal dan il-għan, il-KESE jħoss il-ħtieġa li tinħoloq ċertezza legali għall-ħaddiema billi jiġi definit status legali għax-xogħol fl-ekonomija tal-pjattaforma diġitali. L-aċċess limitat jew l-ebda aċċess għall-protezzjoni soċjali jinvolvi spiża, mhux biss għall-ħaddiema nfushom iżda wkoll għas-sistemi tas-sigurtà soċjali.

2.9. It-trasformazzjoni diġitali tinvolvi wkoll riskji potenzjali f'oqsma bħall-istabbiltà finanzjarja, il-kriminalità finanzjarja u l-protezzjoni tal-konsumatur. Dawn ir-riskji jistgħu jiżdiedu aktar minħabba l-pajsaġġ regolatorju frammentat fl-UE, u żviluppi globali irregolari fir-regolazzjoni tas-settur. Il-KESE għalhekk jara li hemm il-ħtieġa li l-UE toħloq qafas regolatorju komprensiv u stabbli f'dan il-qasam. Huwa jirrakkomanda wkoll li l-UE tkompli mill-ġdid bl-inizjattiva tagħha biex tintaxxa kumpaniji diġitali kbar ([4]).

2.10. Il-ħaddiema għandhom ikunu jistgħu jippreparaw ruħhom b'mod adegwat għas-suq tax-xogħol, u l-bidliet ekonomiċi li diġà qegħdin isiru se jkunu fundamentali għat-tkabbir tal-industrija u s-suċċess ekonomiku usa' tal-Ewropa. Il-ħiliet ġodda u ta' livell ogħla, inkluż għal ħaddiema manwali, jippreżentaw sfida għas-sistemi ta' apprendistat. Il-ħiliet ta' livell ogħla jirrikjedu aktar taħriġ vokazzjonali f'istituzzjonijiet ta' edukazzjoni terzjarja. B'kuntrast mas-sistemi ta'

([3]) ĠU C 429, 11.12.2020, p. 173.
([4]) ĠU C 429, 11.12.2020, p. 6.

apprendistat inizjali li tfasslu mill-aħjar, in-nuqqas ta' oqfsa nazzjonali u kontroll tal-kwalità huma kwistjonijiet, bħalma hija l-progressjoni minn apprendistati inizjali għal edukazzjoni terzjarja. Il-futur se jirrikjedi kooperazzjoni u innovazzjoni kemm mis-soċjetà ċivili kif ukoll mill-gvernijiet fil-livelli kollha biex jinħolqu l-kundizzjonijiet ekwi mitluba mill-organizzazzjonijiet rappreżentati fil-KESE ([5]).

2.11. Il-KESE jinnota li t-teknoloġija diġitali u l-applikazzjonijiet ta' intelliġenza artifiċjali (IA) għandhom ikunu ċċentrati fuq il-bniedem u jibbenefikaw lis-soċjetà tagħna kollha kemm hi, u huwa favur qafas regolatorju għall-intelliġenza artifiċjali. It-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali m'għandhiex issir reżistenza għalihom, u l-UE għandha tippromovi l-iżvilupp ta' sistemi ta' IA mmirati għal applikazzjonijiet speċifiċi biex jaċċelleraw it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u klimatiċi ([6]).

## 3. **L-innovazzjoni**

3.1. Se jkun hemm ħtiġijiet ta' innovazzjoni sostanzjali: mill-ħolqien u l-aċċellerazzjoni ta' proċessi ġodda ta' produzzjoni b'livell baxx ta' karbonju (li ħafna minnhom jeħtieġu modi fundamentalment differenti ta' disinn u ta' produzzjoni, minbarra materja prima u/jew proċessi industrijali ewlenin ġodda) għall-innovazzjoni mhux biss fil-katini tal-valur aktar ċirkolari tal-industriji tal-materjali bażiċi iżda wkoll fis-sistemi li jipprovdulhom l-enerġija. Barra minn hekk, l-aktar teknoloġiji promettenti b'livell baxx ta' karbonju se jkollhom bżonn juru li jistgħu jintużaw fuq skala industrijali. Dan se jirrikjedi appoġġ politiku rapidu biex tiġi introdotta u xprunata l-espansjoni tar-rotot ġodda ta' produzzjoni b'livell baxx ta' karbonju u l-espansjoni tal-użi ta' materjali sa mhux aktar tard mill-2030.

3.2. It-trasformazzjonijiet meħtieġa biex tinkiseb tranżizzjoni ġusta madwar l-UE se jirrikjedu qafas kondiviż biex jimmobilizza l-gvernijiet, in-negozji u s-soċjetà ċivili abbażi ta' soluzzjonijiet immirati għall-problemi. L-innovazzjoni soċjali għandha rwol ewlieni x'taqdi f'dan il-proċess. F'dan ir-rigward, pass importanti jista' jkun li tinħoloq strateġija intersettorjali tal-UE dwar l-innovazzjoni soċjali, jingħata rikonoxximent akbar lill-atturi tal-ekonomija soċjali, u jiġu ttestjati u forsi jintużaw il-mudelli tan-negozju tagħhom. Dan jgħin biex tiġi żviluppata ekosistema għal esperimentazzjoni sussidjata fil-livelli tal-UE, nazzjonali, reġjonali u lokali.

## 4. **Il-promozzjoni tal-intraprenditorija u l-kontribut tas-settur privat**

4.1. L-intraprenditorija u l-kontribut tas-settur privat li jixprunaw it-tibdil strutturali għandhom rwol ewlieni fit-tranżizzjoni industrijali. Għadd ta' ostakli għall-intraprenditorija innovattiva spiss jippersistu fejn hemm wirt industrijali b'saħħtu, notevolment livelli baxxi ta' attività relatata ma' negozji ġodda u mal-espansjoni, kulturi ta' intraprenditorija dgħajfa, u nuqqas ta' innovazzjoni u ta' networks ta' għarfien konnessi tajjeb.

4.2. Peress li l-innovazzjoni fl-Ewropa tipikament toriġina minn entitajiet żgħar, hemm bżonn ta' enfasi fuq il-promozzjoni tal-potenzjal tal-SMEs li jipprovdu servizzi ta' livell għoli u bbażati fuq l-għarfien bħal dawk tal-professjonijiet liberi, inkluż fir-rigward tal-finanzjament. Dawn ta' spiss jaqdu rwol pijunier għall-pożizzjonament fis-suq ta' industriji relatati, u huma impjegaturi affidabbli u reżistenti għall-kriżijiet.

4.3. L-intrapriżi u l-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali, bħala atturi f'settur li wera reżiljenza kbira u kkontribwixxa għall-mitigazzjoni tal-effetti tal-kriżi tal-COVID-19, huma attivi b'mod predominanti f'oqsma li huma affettwati mit-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi. Bħala tali, il-promozzjoni tal-operazzjonijiet tagħhom u l-proċessi ta' innovazzjoni soċjali jeħtieġ li jkunu żgurati.

## 5. **Ir-rwol tal-imsieħba soċjali u tas-soċjetà ċivili**

5.1. Il-KESE enfasizza li "l-bidliet fil-proċessi produttivi u l-ekonomija ġenerali li wasslu għalihom it-teknoloġiji ġodda, l-intelliġenza artifiċjali u l-big data se jibdlu b'mod radikali wkoll is-suq tax-xogħol" u huwa importanti li "dawn il-proċessi ta' tibdil iseħħu fil-kuntest ta' djalogu soċjali li jagħti l-frott, u b'rispett għad-drittijiet u l-kwalità tal-ħajja tal-ħaddiema" ([7]).

---

([5]) Studju tal-KESE dwar *Finding a new consensus on European civil society values and their evaluation* (Insibu kunsens ġdid dwar il-valuri tas-soċjetà ċivili Ewropea u l-valutazzjoni tagħhom, [mhux disponibbli bil-Malti]).

([6]) ĠU C 47, 11.2.2020, p. 64.

([7]) ĠU C 353, 18.10.2019, p. 6.

5.2. Il-kooperazzjoni mill-qrib bejn il-partijiet ikkonċernati lokali/reġjonali ewlenin hija essenzjali biex jiġu identifikati l-aktar applikazzjonijiet sostenibbli u jiġi massimizzat l-iżvilupp soċjoekonomiku. Il-prattiki tajba tal-imsieħba soċjali fil-livelli kollha bbażati fuq ftehimiet kollettivi li joħolqu kundizzjonijiet indaqs għal kompetituri ekonomiċi f'settur jew reġjun jipprovdu punt ta' referenza għat-trawwim ta' strateġija ta' tranżizzjoni ġusta fir-rigward tad-dekarbonizzazzjoni u l-objettivi l-oħra tal-politika dwar il-klima ([8]).

## 6. **L-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta — rekwiżiti ta' governanza/regolatorji**

6.1. It-tranżizzjoni għal ekonomija newtrali għall-klima tippreżenta sett ta' sfidi kumplessi ta' governanza għal dawk li jfasslu l-politika. Waħda minn dawn hija l-ibbilanċjar tad-dimensjoni strateġika fit-tul tat-tranżizzjoni mal-ħtieġa għal azzjoni fuq perjodu qasir ta' żmien. Filwaqt li t-tranżizzjoni teħtieġ ħsieb strateġiku u tfassil tal-politika fit-tul, tirrikjedi wkoll kapaċità li takkomoda ċ-ċikli elettorali u x-xewqa assoċjata tal-gvernijiet u partijiet interessati oħra biex jaraw ir-riżultati tal-proġetti implimentati.

6.2. Wieħed mill-arranġamenti ewlenin ta' governanza għall-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-progress ta' tranżizzjonijiet soċjalment ġusti huwa s-Semestru Ewropew. Huwa importanti ħafna li tiġi pprovduta evalwazzjoni kostanti tal-politiki Ewropej u nazzjonali fil-livelli soċjali, ekonomiċi u ambjentali. Is-Semestru Ewropew gradwalment żviluppa dimensjoni aktar soċjali, iżda d-dimensjonijiet makroekonomiċi u fiskali tiegħu għadhom jippredominaw. Il-KESE għalhekk jipproponi li fis-Semestru Ewropew jiġu inkorporati indikaturi soċjali, ekonomiċi u ambjentali ġodda, imtejba, li jistgħu jitkejlu u li huma komplementari biex jissorveljaw u jżommu rekord tal-aspetti kollha tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-prinċipji tiegħu, kif ukoll is-17-il SDG ([9]), filwaqt li jinħolqu sinerġiji mat-tabella ta' valutazzjoni soċjali billi jiġi introdott il-kunċett ta' ekonomija ta' benesseri sostenibbli għal kulħadd ([10]), flimkien ma' Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż soċjali u ambjentali mmirati ([11]). Is-Semestru issa ġie mfassal mill-ġdid ukoll biex jipprovdi għal aktar azzjoni biex tappoġġja l-irkupru, li l-KESE jittama li jista' jgħin ukoll biex iġedded il-mekkaniżmu kollu ta' governanza tal-UE u jagħmilha tiffunzjona bħala forza ta' gwida għas-sopravivenza tad-demokrazija kif ukoll għal konverġenza 'l fuq fl-UE.

6.3. L-analiżi komprensiva ta' sinerġiji u kompromessi bejn l-għanijiet, l-inizjattivi u r-rakkomandazzjonijiet proposti mill-UE fid-diversi oqsma ta' politika tas-Semestru tkun tirrikjedi livell għoli ta' integrazzjoni tal-politiki, koerenza u koordinazzjoni bejn l-atturi istituzzjonali varji responsabbli għall-politiki ekonomiċi, soċjali u ambjentali, u titjib fil-kapaċitajiet analitiċi tagħhom.

6.4. Barra minn hekk, biex jiġi kkumpensat l-iżbilanċ istituzzjonali fil-governanza ekonomika u soċjali, il-KESE jirrakkomanda l-użu ta' "regola tad-deheb" ([12]) meta jiġu applikati r-regoli fiskali tal-UE li jeżentaw l-investiment pubbliku mill-kalkoli tad-deficit u meta titqies is-sostenibbiltà tal-livelli tad-dejn eżistenti, sabiex tiġi ggarantita infrastruttura moderna tal-kura tas-saħħa, ekoloġika, edukattiva u teknoloġika u tiġi evitata riċessjoni bla preċedent ([13]).

6.5. Bl-istess mod, il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon is-sospensjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u jitlob li jiġi rivedut ([14]) fl-interessi tal-iżgurar kemm tal-istabbiltà kif ukoll tat-tkabbir biex jiġu appoġġjati l-irkupru u t-tranżizzjoni tal-industrija tal-UE għal ekonomija ċirkolari u diġitali newtrali għall-klima.

## 7. **Prekundizzjonijiet reġjonali għal tranżizzjoni industrijali**

7.1. It-tranżizzjoni industrijali sseħħ f'forom differenti, li jagħmluha diffiċli li jinstab approċċ ta' "politika waħda tajba għal kulħadd" għall-iżvilupp ta' perkorsi industrijali ġodda. Filwaqt li xi setturi ekonomiċi se jmorru għall-agħar, u jesperjenzaw tnaqqis "irriversibbli" fil-produzzjoni ekonomika u l-impjieg, oħrajn se jkollhom jgħaddu minn ristrutturar drammatiku. Dan se jkun jirrikjedi approċċ politiku komprensiv u investiment massiv, kemm pubbliku kif ukoll privat, u għandu jkun akkumpanjat minn swieq tax-xogħol lokali u reġjonali li jiffunzjonaw tajjeb.

([8]) Framework Agreement for a Fair Transition of Coal Mining and Sustainable Development of the Mining Communities for the period 2019-2027 [Ftehim Qafas għal Tranżizzjoni Ġusta tal-Estrazzjoni tal-Faħam u l-Iżvilupp Sostenibbli tal-Komunitajiet tal-Estrazzjoni tal-Faħam għall-perjodu 2019-2027] (Spanja); Jobs for the Climate [Impjiegi għall-Klima] (il-Portugall); Agreement of Social Partners on Just Transition and Climate Change [Ftehim tal-Imsieħba Soċjali dwar Tranżizzjoni Ġusta u t-Tibdil fil-Klima] (il-Greċja); Thyssenkrupp Steel Europe: Future Pact for Steel 20-30 [Thyssenkrupp Steel Europe: Patt Futur għall-Azzar 20-30 (il-Ġermanja] (Marzu 2020)).

([9]) ĠU C 120, 14.4.2020, p. 1.

([10]) Charveriat, C. and Bodin, E. (2020), Delivering the Green Deal: the role of a reformed European Semester within a new sustainable economy strategy [Nimplimentaw il-Patt Ekoloġiku: ir-rwol ta' Semestru Ewropew riformat fi strateġija ġdida ta' ekonomija sostenibbli].

([11]) ĠU C 14, 15.1.2020, p. 1.

([12]) ĠU C 311, 18.9.2020, p. 1.

([13]) ĠU C 311, 18.9.2020, p. 1.

([14]) ĠU C 311, 18.9.2020, p. 1.

7.2. Ir-rikonċiljazzjoni tal-ambizzjoni ta' tranżizzjoni fit-tul mal-prijoritajiet fuq perjodu ta' żmien qasir tista' tkun ta' sfida minħabba li jista' ma jkunx faċli li tinkiseb l-approvazzjoni tal-pubbliku għal miżuri ta' politika li għandhom effett immedjat limitat. Dan ipoġġi lir-reġjuni fi tranżizzjoni industrijali f'sitwazzjoni diffiċli. Minn naħa waħda, jeħtieġ li jlaħħqu mal-ħtieġa immedjata għal azzjoni minħabba li l-industriji tradizzjonali sejrin lura, biex jindirizzaw kwistjonijiet bħal qgħad ogħla, telf ta' introjtu u kundizzjonijiet tal-għajxien li qed jiddeterjoraw għal partijiet tal-popolazzjoni, speċjalment gruppi żvantaġġati u vulnerabbli bħal persuni b'diżabilità jew l-anzjani. Min-naħa l-oħra, jeħtieġ li jieħdu azzjoni biex jaħtfu opportunitajiet assoċjati mal-modernizzazzjoni industrijali, bħalma huma opportunitajiet biex jattiraw industrija b'valur miżjud ogħla, il-ħolqien u/jew biex jattiraw kumpaniji u mudelli ta' negozju ġodda u l-użu aħjar tat-teknoloġiji abilitanti. Meta jsiru żbalji hemm konsegwenzi politiċi li jistgħu jaffettwaw ukoll l-appoġġ għall-azzjoni klimatika. It-tkabbir tal-movimenti tal-lemin estrem fl-Ewropa u bnadi oħra jista' parzjalment jiġi ntraċċat għad-deindustrijalizzazzjoni u reġjuni sħaħ li jitħallew jibqgħu lura ([15]).

## 8. **Laqgħa mar-reġjuni fi tranżizzjoni industrijali: riżultati ewlenin**

8.1. Ir-rwol tar-reġjuni fil-proċess ta' tranżizzjoni għandu jissaħħaħ fl-aġenda Ewropea. L-involviment ta' amministrazzjonijiet reġjonali jista' jikkontribwixxi għall-ħolqien tal-ekosistemi meħtieġa għal tranżizzjoni li tirnexxi. L-ippjanar fit-tul, approċċ b'saħħtu bbażat fuq il-post, speċjalizzazzjoni intelliġenti u aġenda tal-kapital uman issemmew bħala l-prerekwiżiti għal dan il-proċess.

8.2. Diversi reġjuni fl-Ewropa – speċjalment ir-reġjuni tal-faħam u l-azzar – diġà għaddew minn tranżizzjoni għal raġunijiet ta' aġenda ekonomika jew klimatika. Il-prekundizzjoni ewlenija għal tranżizzjoni li tirnexxi hija approċċ inklużiv u antiċipatorju biex jiżgura li n-nies ikollhom futur deċenti. Dan jinkludi t-tfassil ta' pjan direzzjonali realistiku, il-ħolqien tal-infrastruttura meħtieġa tar-riċerka, u l-provvista ta' faċilitajiet teknoloġiċi, innovattivi, akkademiċi u edukattivi, flimkien mal-finanzjament meħtieġ. Biex jiġi żgurat finanzjament adatt, l-istrumenti Ewropej ippjanati biex jappoġġjaw dawn ir-reġjuni (eż. il-Fond Ewropew għal Tranżizzjoni Ġusta) m'għandhomx jissostitwixxu l-isforzi nazzjonali.

## 9. **Finanzjament u appoġġ għal attivitajiet u proġetti relatati mat-tranżizzjoni fil-livell tal-UE**

9.1. Il-proċess ta' tranżizzjoni industrijali jista' jipprovdi opportunitajiet enormi, iżda biex dawn jiġu sfruttati hemm bżonn investiment sostanzjali f'manifattura avvanzata u infrastruttura aċċessibbli, kif ukoll riċerka u innovazzjoni. Dan jitlob ukoll spiża inizjali, li tinkludi benefiċċji u spejjeż li jissostitwixxu l-introjtu għal taħriġ (mill-ġdid) tal-ħaddiema.

9.2. Hemm ħafna strumenti diġà fis-seħħ, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell tal-UE, biex jappoġġjaw attivitajiet u proġetti relatati mat-tranżizzjoni. L-objettiv li tinkiseb tranżizzjoni ġusta ġie mtenni wkoll fil-pjan ta' rkupru tal-UE. Madankollu, il-miżuri ta' appoġġ għall-politika ta' spiss wisq jiġu mfassla u implimentati b'mod indipendenti f'livelli differenti ta' gvern, bi ftit jew xejn koordinazzjoni u ftit monitoraġġ u evalwazzjoni.

9.3. Il-KESE jappella lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew biex iżidu u jallokaw biżżejjed fondi għall-ħtiġijiet ta' investiment fil-QFP 2021-2027 biex titwettaq tranżizzjoni ekoloġika u diġitali reali u radikali. Biex jinkiseb finanzjament suffiċjenti, il-KESE jirrakkomanda wkoll li titwessa' l-firxa tar-riżorsi proprji, possibbilment biex jinkludu taxxa fuq is-servizzi diġitali, Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva, u taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji ([16]).

9.4. Fil-perjodu ta' programmazzjoni kurrenti, ir-regoli applikabbli għal kumpaniji kbar li rċevew appoġġ mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej jistipulaw li għandhom iħallsu lura dik il-kontribuzzjoni jekk, fi żmien għaxar snin mill-ħlas finali tal-għajnuna li rċevew, l-attività produttiva tiġi delokalizzata barra l-Unjoni (l-Artikolu 71(2) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([17])). Il-KESE jemmen li d-dispożizzjonijiet għandhom jissaħħu għall-perjodu ta' programmazzjoni futur sabiex jippromovu r-ripatrijazzjoni tal-impjiegi u jiggarantixxu l-koeżjoni, jippreservaw in-nisġa/il-kapaċità produttiva, jagħtu spinta lill-impjieg u jippromovu "żvilupp territorjali" aktar sostenibbli.

([15]) Rodríguez-Pose, A. (2017), "The revenge of the places that don't matter (and what to do about it)", Cambridge Journal of Regions, Economy and Society, Vol. 11, Nru 1, pp. 189–209.
([16]) ĠU C 440, 6.12.2018, p. 106.
([17]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320.

9.5. Il-KESE jappoġġja wkoll it-titjib tal-governanza fiskali tal-UE filwaqt li jitqiesu r-riskji għas-sostenibbiltà u jittieħdu t-tagħlimiet mill-iskrinjar tal-aħjar prattiki u tal-pjani fiskali rigward l-ibbaġitjar ekoloġiku. Barra minn hekk, huma meħtieġa inċentivi fiskali biex jipperswadu lill-kumpaniji u lill-individwi biex jinvestu f'inizjattivi ekoloġiċi b'impatt soċjali ([18]).

9.6. L-isfidi li l-Ewropa qed tiffaċċja bit-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika u diġitali jirrikjedu investimenti massivi li ma jistgħux jiġu indirizzati għal kollox mill-fondi pubbliċi u l-finanzjament tradizzjonali permezz ta' self mill-banek. Se jkunu meħtieġa ammonti kbar ta' investiment mis-settur privat. B'mod koerenti, għandu jiġi stabbilit mekkaniżmu li jidderieġi r-riżorsi finanzjarji tas-settur privat lejn investimenti konformi mal-kriterji ESG (kriterji ambjentali, soċjali u ta' governanza). L-istrateġiji dwar l-Unjoni Bankarja, l-Unjoni tas-Swieq Kapitali, il-finanzi sostenibbli, il-finanzi diġitali u l-SMEs għalhekk kollha jsaħħu lil xulxin u jiġġustifikaw li l-fondi jiġu kanalizzati lejn proġetti aktar produttivi. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-ħolqien tal-Pjattaforma dwar Finanzi Sostenibbli u jantiċipa aċċellerazzjoni fl-iżvilupp tat-tassonomija soċjali.

## 10. **Implikazzjonijiet għall-impjieg**

10.1. Minħabba li t-tranżizzjoni industrijali ħafna drabi tirrikjedi bidla minn industriji tal-manifattura qodma u tradizzjonali għal attivitajiet orjentati lejn il-futur (anke f'setturi tradizzjonali), din tista' twassal għal qgħad ogħla mill-medja (tal-anqas temporanjament) minħabba deindustrijalizzazzjoni ikkonċentrata lokalment u minħabba li l-bażi tal-ħiliet tinsab f'setturi li sejrin lura. L-antiċipazzjoni u l-involviment tar-rappreżentanti tal-ħaddiema fil-livell tal-fergħa u tal-intrapriża u qabel ma jittieħdu d-deċiżjonijiet huma fundamentali. Huwa kruċjali li l-politiki biex jindirizzaw it-tranżizzjoni industrijali jgħinu lill-ħaddiema u lill-komunitajiet lokali, speċjalment ħaddiema b'diżabilità u ħaddiema oħra minn gruppi vulnerabbli, biex jimmaniġġjaw it-tranżizzjoni bl-anqas tfixkil possibbli filwaqt li jkollhom l-aqwa benefiċċji potenzjali.

### 10.2. *Ħiliet*

10.2.1. It-tranżizzjoni b'suċċess fix-xogħol tal-futur tirrikjedi li l-politiki dwar l-impjieg u l-iżvilupp tal-ħiliet jiġu adattati għall-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol lokali. Fl-istess ħin, il-provvista tal-ħiliet jeħtieġ li titqabbel mad-domanda għall-ħiliet. L-antiċipazzjoni aħjar tas-sett futur tal-ħtiġijiet b'rabta mal-ħiliet, u l-provvista adatta permezz ta' taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet ħaddiema, inkluż permezz tal-aċċess għat-tagħlim tul il-ħajja, għandhom jiġu kkombinati ma' politiki li jistimolaw l-investiment f'sorsi ġodda ta' impjieg u tkabbir tal-produttività. Ir-R&Ż tal-industrija għandhom ifittxu speċifikament opportunitajiet biex jistabbilixxu tmexxija teknoloġika, li min-naħa tagħha se toħloq opportunitajiet għat-titjib tal-ħiliet. L-istituti tekniċi, l-organizzazzjonijiet professjonali u l-NGOs, kif ukoll l-aġenziji pubbliċi tal-impjieg, se jkollhom ukoll rwol ewlieni x'jaqdu biex jipprovdu riżerva fil-forma ta' programmi ta' taħriġ mill-ġdid.

10.2.2. Il-KESE jinnota li l-appoġġ lill-persuni b'taħriġ fi tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi ġusti se jibda bil-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali u bl-iżgurar tar-rikonoxximent u ċ-ċertifikazzjoni ta' korsijiet ta' taħriġ li jippermettu li t-tagħlim mhux formali u informali jkun parti sħiħa mill-kwalifiki ta' persuna ([19]).

10.3. L-Aġenda għall-Ħiliet għandha tagħti aktar attenzjoni għall-iżvilupp tal-kompetenzi ewlenin matul iċ-ċikli/kurrikuli ta' edukazzjoni obbligatorja, kif ukoll għat-tagħlim taż-żgħażagħ u tal-adulti.

10.4. Il-Kummissjoni ppubblikat Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali (2021-2027) ([20]). Din għandha tkun strateġija trasversali li tista' wkoll iżżid l-importanza strateġika tal-edukazzjoni u t-taħriġ fost l-oqsma tal-politika fil-livell Ewropew.

([18]) ĠU C 311, 18.9.2020, p. 63.
([19]) ĠU C 10, 11.1.2021, p. 40.
([20]) https://ec.europa.eu/education/sites/default/files/document-library-docs/deap-factsheet-sept2020_en.pdf

10.5. *Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali*

It-tranżizzjonijiet ġusti jirrikjedu politiki soċjali adegwati biex jappoġġjaw kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin, negozjar kollettiv li jiffunzjona tajjeb u sistemi ta' relazzjonijiet industrijali, u l-provvediment ta' protezzjoni soċjali adatta biex tgħin lill-ħaddiema fi tranżizzjoni. Il-KESE jixtieq iressaq xi proposti għall-pjan ta' azzjoni li jmiss tal-Kummissjoni biex timplimenta l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

10.5.1. Il-KESE jissuġġerixxi li l-Kummissjoni għandha tivvaluta mill-ġdid l-adegwatezza tal-*acquis* rilevanti tal-liġi tal-UE dwar ix-xogħol, billi ssaħħu sabiex jappoġġja aħjar tranżizzjoni ġusta għall-ħaddiema.

10.5.2. Id-dritt għas-sikurezza u s-saħħa huwa dritt fundamentali fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema kollha, irrispettivament mir-relazzjoni ta' impjieg tagħhom jew mit-tip ta' mudell ta' negozju li jaħdmu fih. Il-KESE jinsab imħasseb ħafna li xi tipi ġodda ta' xogħol maħluqa mit-tranżizzjonijiet klimatiċi u diġitali jistgħu jaqgħu barra mill-ambitu tad-dispożizzjonijiet dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali. Barra minn hekk, diġà ntwerew riskji sinifikanti fil-postijiet tax-xogħol diġitalizzati, bħall-intensifikazzjoni tax-xogħol, l-istress u l-vjolenza psikosoċjali ([21]), u fil-futur nistgħu nistennew li naraw inċidenti kkawżati mill-Intelliġenza Artifiċjali ([22]), inċidenti li ma rridux inħallu jseħħu. Il-KESE għalhekk jitlob li l-ħaddiema kollha fl-UE jiġu protetti mil-leġiżlazzjoni dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali ([23]).

10.5.3. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea tirrevedi regolarment ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data u r-regolamenti relatati fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi ([24]).

10.5.4. Id-djalogu soċjali, fil-livell nazzjonali u Ewropew, għandu rwol ewlieni fit-tfassil tal-politiki ekonomiċi, tax-xogħol u soċjali. Il-KESE jappoġġja l-iżvilupp, fil-qafas tad-djalogu soċjali fil-livelli nazzjonali u Ewropej xierqa, ta' miżuri xierqa dwar "tranżizzjoni ġusta" biex jimmaniġġjaw, ibiddlu u jintroduċu protezzjoni minima f'każijiet ta' postijiet tax-xogħol organizzati mill-ġdid jew tkeċċijiet kollettivi li jirriżultaw minn tranżizzjonijiet (teknoloġiċi, demografiċi, tal-globalizzazzjoni, tat-tibdil fil-klima u tal-ekonomija ċirkolari), inkluż id-dritt ta' involviment f'negozjar kollettiv biex jiġi antiċipat it-tibdil u jiġi pprovdut appoġġ lill-ħaddiema affettwati (adattament tad-Direttiva dwar sensji kollettivi) ([25]).

10.5.5. Il-KESE jtenni l-ħtieġa għal konsultazzjoni u informazzjoni għall-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom meta jiġu introdotti bidliet, teknoloġiji ġodda u sistemi ta' IA li jistgħu jwasslu għal bidliet fl-organizzazzjoni tax-xogħol, superviżjoni u kontroll tax-xogħol, u f'sistemi għall-valutazzjoni u r-reklutaġġ tal-ħaddiema. Id-drittijiet għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni, li jimplimentaw kif dovut id-Direttiva dwar il-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej, għandhom jiġu żgurati fl-intrapriżi kollha, u għandu jiġi introdott qafas armonizzat fil-livell tal-UE fir-rigward tal-parteċipazzjoni fil-livell tal-bord. Il-KESE għalhekk jitlob qafas Ewropew b'saħħtu u robust ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni, u parteċipazzjoni tal-ħaddiema ([26]) bħala aspett importanti fl-iżvilupp ta' perkorsi ġusti u ekwi għar-rikostruzzjoni u/jew għat-tranżizzjonijiet ambjentali u diġitali. Il-Kummissjoni għandha tippromovi djalogu soċjali bil-ħsieb li tinvolvi l-ħaddiema fit-tranżizzjonijiet klimatiċi u diġitali fl-Istati Membri kollha u tissorvelja r-riżultati tiegħu permezz tas-Semestru Ewropew.

10.5.6. Hemm bżonn ta' qafas għal ristrutturar soċjalment responsabbli u antiċipazzjoni tat-tibdil korporattiv li jikkomplementa l-informazzjoni eżistenti, id-drittijiet ta' konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema u li jikkorispondi mal-elementi ewlenin tal-Mudell Soċjali Ewropew ([27]). Il-KESE jemmen li l-Kummissjoni Ewropea għandha tirrevedi l-Qafas ta' Kwalità tal-UE għall-Antiċipazzjoni tal-Bidla u r-Ristrutturar kif ukoll tipproponi bażi legali għal kundizzjonijiet ta' qafas speċifiċi li jikkonċernaw il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema sabiex ittejjeb l-involviment tal-ħaddiema fil-ġestjoni tal-isfidi tal-Patt Ekoloġiku u tat-trasformazzjoni diġitali ([28]).

([21]) ILO (2019) *The Threat of Physical and Psychosocial Violence and Harassment in Digitalized Work* (It-Theddida tal-Vjolenza Fiżika u Psikosoċjali u l-Fastidju fix-Xogħol Diġitalizzat, [mhux disponibbli bil-Malti]).
([22]) ĠU C 47, 11.2.2020, p. 64.
([23]) ĠU C 14, 15.1.2020, p. 52.
([24]) ĠU C 47, 11.2.2020, p. 64.
([25]) ĠU C 14, 15.1.2020, p. 1.
([26]) ĠU C 10, 11.1.2021, p. 14.
([27]) ĠU C 161, 6.6.2013, p. 35.
([28]) ĠU C 364, 28.10.2020, p. 1.

10.5.7. Il-Pjan ta' Azzjoni għandu jistabbilixxi livell minimu ta' drittijiet fil-livell tal-UE: il-KESE talab azzjoni dwar il-protezzjoni tal-introjtu minimu ([29]) biex twaqqaf il-faqar u tippromovi suq tax-xogħol inkluživ, u għalhekk jilqa' l-pjani tal-Kummissjoni u tal-Presidenza Ġermaniża tal-Kunsill sabiex jiġi stabbilit qafas Ewropew dwar skemi ta' introjtu minimu ([30]). Il-KESE rrakkomanda l-esplorazzjoni tal-possibbiltà li jiġu stabbiliti standards minimi komuni fil-qasam tal-assigurazzjoni kontra l-qgħad fl-Istati Membri tal-UE ([31]). Il-Kumitat talab ukoll inizjattiva Ewropea dwar paga minima u negozjar kollettiv ([32]), u għalhekk jilqa' ([33]) l-inizjattiva tal-Kummissjoni dwar paga minima adatta fl-Unjoni Ewropea ([34]).

10.6. *Kuntratt soċjali ġdid*

Sabiex jiġu stabbiliti perkorsi għall-irkupru li jinvestu fl-impjiegi u jipproteġu d-drittijiet u l-paga li tiggarantixxi l-għajxien, sabiex jerġgħu jinbnew istituzzjonijiet b'saħħithom tas-suq tax-xogħol għall-ħaddiema kollha skont l-impenji tal-passat, u sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni soċjali, il-KESE jitlob li t-tranżizzjoni ġusta titqiegħed fil-qalba tal-irkupru permezz tad-djalogu soċjali, bl-involviment attiv tas-soċjetà ċivili biex tgħin fit-tfassil ta' tranżizzjoni industrijali soċjali, ġusta u inkluživa.

Brussell, it-2 ta' Diċembru 2020.

Christa SCHWENG
*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*

---

([29]) ĠU C 190, 5.6.2019, p. 1.
([30]) Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tisħiħ tal-Protezzjoni tal-Introjtu Minimu għall-Ġlieda Kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali matul il-Pandemija tal-COVID-19 u Lil Hinn Minnha.
([31]) ĠU C 97, 24.3.2020, p. 32.
([32]) ĠU C 429, 11.12.2020, p. 159.
([33]) ĠU C 364, 28.10.2020, p. 1.
([34]) COM(2020) 682 final.

*ANNESS*

L-emendi li ġejjin inċaħdu waqt id-diskussjoni iżda rċevew tal-inqas kwart tal-voti mixħuta (Artikolu 59(3) tar-Regoli ta' Proċedura):

(a) ***Punt 2.1 (Emenda 9)***

Ibdel it-test kif ġej:

2.1. *~~Din l-Opinjoni esploratorja kienet mitluba mill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali tal-Parlament Ewropew bħala kontribut għall-pjan ta' azzjoni li jmiss biex jimplimenta l-EPSR u s-Summit Soċjali tal-UE li jmiss, ippjanat għal Mejju 2021 f'Porto.~~ Din l-Opinjoni esploratorja kienet mitluba mill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali tal-Parlament Ewropew. Skont l-ittra tal-Parlament Ewropew, l-Opinjoni għandha tkopri b'mod partikolari s-suġġetti li ġejjin: it-tranżizzjoni ġusta, il-patt ekoloġiku, it-tranżizzjoni diġitali, l-istrateġija industrijali, il-politiki dwar l-impjieg u l-inklużjoni soċjali, li jinsabu fil-qalba ta' sensiela ta' fajls leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi attwali u futuri marbuta mat-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali.*

**Riżultat tal-votazzjoni:**

Favur: 99

Kontra: 129

Astensjonijiet: 20

(b) ***Punt 2.2 (Emenda 10)***

Ibdel it-test kif ġej:

2.2. *In-negozju u l-ħaddiema Ewropej qed jiffaċċjaw il-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali ~~u ekonomiċi~~ massivi tal-pandemija tal-COVID-19. Ħafna kumpaniji qed jisfaxxaw, in-nies qed jitilfu ~~nitilfu~~ l-impjiegi u l-unitajiet domestiċi qed jitilfu l-għajxien tagħhom. Minkejja miżuri ta' salvataġġ ekonomiku mingħajr preċedent immirati biex itaffu l-effetti tal-konfinament fuq l-impjiegi u l-kumpaniji, il-previżjonijiet ekonomiċi jagħtu stampa inkwetanti ħafna. L-ekonomija tal-UE hija mbassra li tonqos bi 8,3 % fl-2020 u tikber b'5,8 % fl-2021. It-tkabbir fl-2021 se jkun ukoll kemxejn anqas robust minn kif previst fir-rebbiegħa* (1)*. Il-pandemija tal-COVID-19 laqtet ħażin l-ekonomija Ewropea: bosta kumpaniji qed jikkollassaw, qed nitilfu l-impjiegi, l-unitajiet domestiċi qed jitilfu l-għajxien, is-servizz tas-saħħa qed jitlef l-effiċjenza. L-Istati Membri għandhom dejn rekord, li jaqbeż ir-regoli stabbiliti tal-infiq, u l-UE ġarrbet ukoll dejn komuni għall-ewwel darba. Lanqas ma nafu l-konsegwenzi tal-Brexit u ma nafux meta se tintemm il-pandemija.*

**Riżultat tal-votazzjoni:**

Favur: 95

Kontra: 140

Astensjonijiet: 22

(c) ***Punt 2.3 (Emenda 11)***

Ibdel it-test kif ġej:

2.3. *L-industriji u s-setturi ewlenin, mir-riżorsi umani sar-riċerka, għandhom jiġu identifikati u appoġġjati biex iwasslu għal politika industrijali Ewropea li tipproteġi dawn is-setturi strateġiċi fis-suq u tiżgura s-sigurtà tal-provvista tar-riżorsi ewlenin. Il-politika industrijali tal-Ewropa għandha sservi bħala qafas ġenerali li jikkoordina d-diversi politiki Ewropej b'mod koerenti u komprensiv u b'hekk jipprovdi sinerġiji. Trasformazzjoni bħal din tirrikjedi li l-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi r-rotta u l-politiki tal-Istati Membri jiġu*

(1) EC Summer 2020 Economic Forecast: A deeper recession with wider divergences [Tbassir Ekonomiku tas-Sajf 2020 tal-KE: Riċessjoni aktar profonda b'diverġenzi usa', (mhux disponibbli bil-Malti)].

*allinjati ma' dawk tal-UE. Dan ma jfissirx mikroġestjoni, iżda jfisser allinjament tal-politiki sabiex ikunu koerenti u jrawmu bidla trasformattiva. Dan il-proċess se jkun possibbli biss bil-parteċipazzjoni attiva tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tal-imsieħba soċjali. ~~Mingħajr "patt soċjali" ibbażat fuq parteċipazzjoni demokratika u effettiva taċ-ċittadini tal-UE ma jkun hemm l-ebda Patt Ekoloġiku ta' benefiċċju għal kulħadd.~~*

**Riżultat tal-votazzjoni:**

Favur: 91

Kontra: 137

Astensjonijiet: 18

(d) ***Punt 2.5 ġdid (Emenda 13)***

Żid punt ġdid:

2.5. *L-aqwa risposta ta' politika hija li jitwettqu l-aspettattivi tan-NextGenerationEU, li jirrappreżenta opportunità unika għal irkupru rapidu u trasformattiv. Li dan jiġi implimentat u li jsir impenn mas-settur privat għandu jingħata l-ogħla prijorità.*

**Riżultat tal-votazzjoni:**

Favur: 97

Kontra: 136

Astensjonijiet: 22

(e) ***Punt 2.6 ġdid (Emenda 14)***

Żid punt ġdid:

2.6. *L-isfidi li ġab miegħu l-Brexit għandhom jingħelbu permezz ta' spinta qawwija biex jissaħħaħ is-Suq Uniku li joħloq ambjent aktar b'saħħtu, sod u kompetittiv għall-kumpaniji.*

**Riżultat tal-votazzjoni:**

Favur: 93

Kontra: 141

Astensjonijiet: 20

(f) ***Punt 2.4 (Emenda 15)***

Ibdel it-test kif ġej:

2.4. *It-terminu li hareġ f'dan il-kuntest fir-rigward tal-bidla ambjentali u teknoloġika huwa "tranżizzjoni ġusta". Il-KESE jara t-tranżizzjoni ġusta bħala komponent ewlieni kemm tal-baġit kif ukoll tal-pjan ta' rkupru li jagħti spinta lil ekonomija Ewropea aktar ekoloġika. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġi żviluppat fehim usa' dwar "tranżizzjoni ġusta" (lil hinn minn ekonomiji bbażati fuq il-karbonju) ~~li timplimenta bis-sħiħ il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali [2], ibbażat fuq kuntratt soċjali ġdid, filwaqt li tixpruna riforma fir-rigward tas-sistemi ridistributtivi, il-bilanċ~~ abbażi tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri,. ~~F'dak li jirrigwarda l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali huma partikolarment importanti~~ l-impjiegi ta' kwalità għolja għal kulħadd, l-aċċess għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja, inkluż ~~id-dritt~~ l-aċċess għat-tagħlim tul il-ħajja, speċjalment għal gruppi vulnerabbli, l-aċċess ugwali għall-kura tas-saħħa u servizzi soċjali għal kulħadd, il-protezzjoni soċjali, u l-inklużjoni ta' gruppi vulnerabbli, bħall-persuni qiegħda fit-tul, in-nisa, iż-żgħażagħ, il-migranti legali jew il-persuni b'diżabilità. Dawn l-għanijiet importanti kollha jistgħu jinkisbu fuq il-bażi ta' ekonomija prosperuża, impjiegi ġodda u bi kwalifiki għolja offruti minn min iħaddem, u bl-investiment meħtieġ f'teknoloġiji ġodda.*

~~[2] European Economic and Social Committee's contribution to the European Commission's 2021 Work Programme (Il-kontribut tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni Ewropea għall-2021, [mhux disponibbli bil-Malti]).~~

**Riżultat tal-votazzjoni:**

Favur: 82

Kontra: 152

Astensjonijiet: 20

(g) ***Punt 2.5 (Emenda 16)***

Ibdel it-test kif ġej:

2.5. *Il-pajjiżi u r-reġjuni fi tranżizzjoni industrijali tipikament jiffaċċjaw sfidi biex jimmodernizzaw il-bażi industrijali tagħhom, jaġġornaw il-ħiliet tal-forza tax-xogħol, jikkumpensaw għat-telf ta' impjiegi f'setturi ewlenin, ~~u j~~iżidu l-produttività baxxa li tillimita t-tkabbir tal-introjtu, konverġenza 'l fuq u jikkumpensaw għal xejriet demografiċi sfavorevoli. B'mod ġenerali, huma se jibbenefikaw minn progress ekoloġiku u teknoloġiku u żviluppi relatati, iżda xi postijiet u ċerti gruppi tal-popolazzjoni, b'mod partikolari gruppi vulnerabbli bħal persuni b'diżabilità, l-anzjani, ir-Rom u l-migranti legali, qegħdin f'riskju li jitħallew jibqgħu lura. L-indirizzar tal-isfidi assoċjati mat-trasformazzjonijiet fit-tul jirrikjedi antiċipazzjoni tal-bidla u l-immaniġġjar attiv tat-tranżizzjoni min-naħa ta' dawk li jfasslu l-politika, l-imsieħba soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-partijiet interessati ewlenin f'dawn il-pajjiżi u reġjuni. Id-djalogu soċjali, l-informazzjoni, il-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema ~~u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom~~, inkluż fil-~~korpi~~proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet ~~(bordijiet u bordijiet superviżorji)~~ għandhom rwol ewlieni biex jindirizzaw u jinfluwenzaw it-teħid tad-deċiżjonijiet tal-kumpanija sabiex jimmaniġġjaw it-tranżizzjonijiet b'mod li jħares 'il quddiem. ~~Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ u tiżviluppa d-dimensjoni soċjali fl-istrateġija industrijali aġġornata futura.~~*

**Riżultat tal-votazzjoni:**

Favur: 92

Kontra: 152

Astensjonijiet: 17

(h) ***Punt 2.6 (Emenda 17)***

Ibdel it-test kif ġej:

2.6. *L-indirizzar tal-kriżi pandemika u l-iffaċilitar għal trasformazzjoni industrijali li tirnexxi huma fl-interessi tal-gruppi kollha tal-partijiet interessati, u jirrikjedi sforz konġunt u għanijiet kondiviżi (bħall-iżvilupp tan-negozju fit-tul), u djalogu soċjali effettiv fi klima ta' kunfidenza, kif ukoll attitudni pożittiva. Il-KESE jemmen li ġestjoni tajba, u għalhekk sostenibbli, tan-negozju flimkien mal-antiċipazzjoni tal-bidla hija ċ-ċavetta għas-suċċess ~~għandha tkun ibbażata fuq l-istandards legali minimi ppruvati tas-suq intern, bil-vuċi tal-ħaddiema espressa permezz ta' informazzjoni, konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fil-bordijiet tal-kumpanija~~.*

**Riżultat tal-votazzjoni:**

Favur: 90

Kontra: 151

Astensjonijiet: 18

(i) ***Punt 2.7 (Emenda 18)***

Ibdel it-test kif ġej:

2.7. *Id-diġitalizzazzjoni u l-awtomatizzazzjoni t-tnejn li huma għandhom effetti pożittivi u negattivi għall-ekonomija u s-soċjetà. Din it-tranżizzjoni tkun teħtieġ ~~regolazzjoni~~ approċċi li ~~ssegwi~~ jsegwu l-pass tat-trasformazzjoni teknoloġika u l-antiċipazzjoni tal-bidla billi tinvolvi eż. l-imsieħba soċjali. Il-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej (EWCs) u l-kunsilli tax-xogħlijiet ta' Societas Europaea (SE) jistgħu jservu bħala eżempju pożittiv ta' involviment transkonfinali obbligatorju tal-ħaddiema fl-ibbilanċjar tal-interessi u l-esplorazzjoni ta'soluzzjonijiet fi spirtu ta' sħubija soċjali. Dan jinvolvi l-garanzija ta' taħriġ għall-ħaddiema u n-negozjar ta' ftehimiet kollettivi jew*

*ftehimiet soċjali oħrajn biex jappoġġjaw l-awtonomija tax-xogħol u jiżguraw bilanċ tajjeb bejn ix-xogħol u l-ħajja privata. Bid-diġitalizzazzjoni u l-ekonomija tal-Internet feġġew forom ġodda ta' xogħol, bħal xogħol fuq il-pjattaformi, fejn il-ħaddiema huma mingħajr ebda sigurtà soċjali u sigurtà tax-xogħol u spiss jaħdmu taħt kundizzjonijiet prekarji ħafna u bi status mhux ċar. ~~Il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-istatus tagħhom għandhom jiġu armonizzati fil-livell Ewropew biex jinkoraġġixxu mobbiltà ġusta u integrazzjoni fis-suq intern ([3]). Għal dan il-għan, il-KESE jħoss il-ħtieġa li tinħoloq ċertezza legali għall-ħaddiema billi jiġi definit status legali għax-xogħol fl-ekonomija tal-pjattaforma diġitali. L-aċċess limitat jew l-ebda aċċess għall-protezzjoni soċjali jinvolvi spiża, mhux biss għall-ħaddiema nfushom iżda wkoll għas-sistemi tas-sigurtà soċjali.~~*

**Riżultat tal-votazzjoni:**

Favur: 88

Kontra: 149

Astensjonijiet: 24

(j) ***Punt 2.8 (Emenda 19)***

Ibdel it-test kif ġej:

2.8. *It-trasformazzjoni diġitali tinvolvi wkoll riskji potenzjali f'oqsma bħall-istabbiltà finanzjarja, il-kriminalità finanzjarja u l-protezzjoni tal-konsumatur. Dawn ir-riskji jistgħu jiżdiedu aktar minħabba l-pajsaġġ regolatorju frammentat fl-UE, u żviluppi globali irregolari fir-regolazzjoni tas-settur. Il-KESE għalhekk jara li hemm il-ħtieġa li l-UE toħloq qafas regolatorju komprensiv u stabbli f'dan il-qasam. Huwa jirrakkomanda wkoll li matul l-2021 tinkiseb soluzzjoni globali fil-qasam fiskali fil-livell tal-OECD ~~l-UE tkompli mill-ġdid bl-inizjattiva tagħha biex tintaxxa kumpaniji diġitali kbar~~* ([4]).

**Riżultat tal-votazzjoni:**

Favur: 89

Kontra: 149

Astensjonijiet: 22

(k) ***Punt 5.2 (Emenda 21)***

Ibdel it-test kif ġej:

5.2. *Il-kooperazzjoni mill-qrib bejn il-partijiet ikkonċernati lokali/reġjonali ewlenin hija essenzjali biex jiġu identifikati l-aktar applikazzjonijiet sostenibbli u jiġi massimizzat l-iżvilupp soċjoekonomiku. Il-prattiki tajba tal-imsieħba soċjali fil-livelli kollha bbażati fuq ftehimiet kollettivi jew forom oħra ta' djalogu soċjali li joħolqu kundizzjonijiet indaqs għal kompetituri ekonomiċi f'settur jew reġjun jipprovdu punt ta' referenza għat-trawwim ta' strateġija ta' tranżizzjoni ġusta fir-rigward tad-dekarbonizzazzjoni u l-objettivi l-oħra tal-politika dwar il-klima* ([5]).

**Riżultat tal-votazzjoni:**

Favur: 93

Kontra: 146

Astensjonijiet: 19

~~([3]) L-Opinjoni tal-KESE (SOC/645) dwar Ħidma tajba Xogħol ġust fl-ekonomija tal-pjattaformi.~~

([4]) L-Opinjoni tal-KESE dwar Il-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa, l-evitar tat-taxxa u l-ħasil tal-flus.

([5]) Framework Agreement for a Fair Transition of Coal Mining and Sustainable Development of the Mining Communities for the period 2019-2027 [Ftehim Qafas għal Tranżizzjoni Ġusta tal-Estrazzjoni tal-Faħam u l-Iżvilupp Sostenibbli tal-Komunitajiet tal-Estrazzjoni tal-Faħam għall-perjodu 2019-2027] (Spanja); Jobs for the Climate [Impjiegi għall-Klima] (il-Portugall); Agreement of Social Partners on Just Transition and Climate Change [Ftehim tal-Imsieħba Soċjali dwar Tranżizzjoni Ġusta u t-Tibdil fil-Klima] (il-Greċja); Thyssenkrupp Steel Europe: Future Pact for Steel 20-30 [Thyssenkrupp Steel Europe: Patt Futur għall-Azzar 20-30 (il-Ġermanja] (Marzu 2020)).

(l) ***Punt 6.2 (Emenda 22)***

Ibdel it-test kif ġej:

6.2. *Wieħed mill-arranġamenti ewlenin ta' governanza għall-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-progress ta' tranżizzjonijiet soċjalment ġusti huwa s-Semestru Ewropew. Huwa importanti ħafna li tiġi pprovduta evalwazzjoni ċiklika kostanti tal-politiki Ewropej u nazzjonali fil-livelli soċjali, ekonomiċi u ambjentali. Is-Semestru Ewropew gradwalment żviluppa dimensjoni aktar soċjali, iżda d-dimensjonijiet makroekonomiċi u fiskali tiegħu għadhom jippredominaw. ~~Il-KESE għalhekk jipproponi li fis-Semestru Ewropew jiġu inkorporati indikaturi soċjali, ekonomiċi u ambjentali ġodda, imtejba, li jistgħu jitkejlu u li huma komplementari biex jissorveljaw u jżommu rekord tal-aspetti kollha tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-prinċipji tiegħu, kif ukoll is-17-il SDG (6), filwaqt li jinħolqu sinerġiji mat-tabella ta' valutazzjoni soċjali billi jiġi introdott il-kunċett ta' ekonomija ta' benesseri sostenibbli għal kulħadd (7), flimkien ma' Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż soċjali u ambjentali mmirati (8)~~. Is-Semestru issa ġie mfassal mill-ġdid ukoll biex jipprovdi għal aktar azzjoni biex tappoġġja l-irkupru, li l-KESE jittama li jista' jgħin ukoll biex ~~iġedded~~isaħħaħ il-mekkaniżmu kollu ta' governanza tal-UE u jagħmilha tiffunzjona bħala forza ~~ta' gwida għas-sopravivenza tal~~li talimenta d-demokrazija kif ukoll għal konverġenza 'l fuq fl-UE.*

**Riżultat tal-votazzjoni:**

Favur: 87

Kontra: 148

Astensjonijiet: 21

(m) ***Punt 6.4 (Emenda 23)***

Ibdel it-test kif ġej:

6.4. *Barra minn hekk, biex jiġi kkumpensat l-iżbilanċ istituzzjonali fil-governanza ekonomika u soċjali, il-KESE jirrakkomanda l-użu ta' "regola tad-deheb"* [9] *ibbilanċjata tajjeb mingħajr ma tiġi kompromessa l-istabbiltà finanzjarja għal perjodu medju ta' żmien meta jiġu applikati r-regoli fiskali tal-UE li jeżentaw l-investiment pubbliku, ġustifikat, mill-kalkoli tad-defiċit u meta titqies is-sostenibbiltà tal-livelli tad-dejn eżistenti u futuri, sabiex tiġi ggarantita infrastruttura moderna tal-kura tas-saħħa, ekoloġika, edukattiva u teknoloġika u tiġi evitata riċessjoni bla preċedent* [10].

**Riżultat tal-votazzjoni:**

Favur: 87

Kontra: 159

Astensjonijiet: 16

(n) ***Punt 9.3 (Emenda 24)***

Ibdel it-test kif ġej:

9.3. *Il-KESE jappella lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew biex isaħħu l-klima tan-negozju, iżidu u jallokaw biżżejjed fondi għall-ħtiġijiet ta' investiment fil-QFP 2021-2027 biex titwettaq tranżizzjoni ekoloġika u diġitali ~~reali u radikali~~. Biex jinkiseb finanzjament suffiċjenti, il-KESE jirrakkomanda wkoll li jiġu analizzati l-effetti f'każ li titwessa' l-firxa tar-riżorsi proprji, possibbilment li jiġu minn dħul mis-sistema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet, minn mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera u minn imposta diġitali ~~biex jinkludu taxxa fuq is-servizzi diġitali, Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva, u taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji~~* [11].

---

~~(6)~~ L-Opinjoni tal-KESE dwar L-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli 2020 (ĠU C 120, 14.4.2020, p. 1).

~~(7)~~ Charveriat, C. and Bodin, E. (2020), Delivering the Green Deal: the role of a reformed European Semester within a new sustainable economy strategy [Nimplimentaw il-Patt Ekoloġiku: ir-rwol ta' Semestru Ewropew riformat fi strateġija ġdida ta' ekonomija sostenibbli].

~~(8)~~ L-Opinjoni tal-KESE dwar Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali – evalwazzjoni tal-implimentazzjoni inizjali u rakkomandazzjonijiet għall-futur (ĠU C 14, 15.1.2020, p. 1).

(9) ĠU C 311, 18.9.2020, p. 1.

(10) ĠU C 311, 18.9.2020, p. 1.

(11) ĠU C 440, 6.12.2018, p. 106.

**Riżultat tal-votazzjoni:**

Favur: 91

Kontra: 157

Astensjonijiet: 13

(o) ***Punt 9.4 (Emenda 25)***

Ibdel it-test kif ġej:

9.4. *Fil-perjodu ta' programmazzjoni kurrenti, ir-regoli applikabbli għal kumpaniji kbar li rċevew appoġġ mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej jistipulaw li għandhom iħallsu lura dik il-kontribuzzjoni jekk, fi żmien għaxar snin mill-ħlas finali tal-għajnuna li rċevew, l-attività produttiva tiġi delokalizzata barra l-Unjoni (l-Artikolu 71(2) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill). Il-KESE jemmen li d-dispożizzjonijiet għandhom jissaħħu għall-perjodu ta' programmazzjoni futur sabiex jippromovu r-ripatrijazzjoni tal-impjiegi u jiggarantixxu l-koeżjoni fl-ispirtu tal-awtonomija strateġika, jippreservaw in-nisġa/il-kapaċità produttiv(a), jagħtu spinta lill-impjieg u jippromovu "żvilupp territorjali" aktar sostenibbli.*

**Riżultat tal-votazzjoni:**

Favur: 89

Kontra: 149

Astensjonijiet: 19

(p) ***Punt 9.5 (Emenda 26)***

Ibdel it-test kif ġej:

9.5. *Il-KESE jappoġġja wkoll it-titjib tal-governanza fiskali tal-UE filwaqt li jitqiesu r-riskji għas-sostenibbiltà u jittieħdu t-tagħlimiet mill-iskrinjar tal-aħjar prattiki u tal-pjani fiskali rigward l-ibbaġitjar ekoloġiku. Barra minn hekk, jistgħu jkunu~~huma~~ meħtieġa inċentivi fiskali biex jimmotivaw ~~jipperswadu~~ lill-kumpaniji u lill-individwi biex jinvestu f'inizjattivi ekoloġiċi b'impatt soċjali* ([12]). *Tali sussidji għandhom jiġu vvalutati bir-reqqa f'analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji.*

**Riżultat tal-votazzjoni:**

Favur: 93

Kontra: 154

Astensjonijiet: 16

(q) ***Punt 9.6 (Emenda 27)***

Ibdel it-test kif ġej:

9.6. *L-isfidi li l-Ewropa qed tiffaċċja bit-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika u diġitali jirrikjedu investimenti massivi li ma jistgħux jiġu indirizzati għal kollox mill-fondi pubbliċi u l-finanzjament tradizzjonali permezz ta' self mill-banek. Ammonti kbar ser jinħtieġu mis-settur privat~~ta' kull xorta ta' fondi privati jiġu investiti kull sena f'attivitajiet ekonomiċi dannużi fil-firxa sħiħa ta' setturi tal-industrija, li eventwalment ikunu b'riskju li jispiċċaw bħala "assi mhux rekuperabbli" (sunk assets)~~. B'mod koerenti, għandu jiġi stabbilit mekkaniżmu li jidderieġi r-riżorsi finanzjarji tas-settur privat lejn investimenti konformi mal-kriterji ESG (kriterji ambjentali, soċjali u ta' governanza). L-istrateġiji dwar l-Unjoni Bankarja, l-Unjoni tas-Swieq Kapitali, il-finanzi sostenibbli, il-finanzi diġitali u l-SMEs għalhekk kollha jsaħħu lil xulxin u jiġġustifikaw li l-fondi jiġu kanalizzati lejn proġetti aktar produttivi. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-ħolqien tal-Pjattaforma dwar Finanzi Sostenibbli u jantiċipa aċċellerazzjoni fl-iżvilupp tat-tassonomija soċjali.*

([12]) ĠU C 311, 18.9.2020, p. 63.

**Riżultat tal-votazzjoni:**

Favur: 74

Kontra: 154

Astensjonijiet: 31

(r) ***Punt 10.1 (Emenda 28)***

Ibdel it-test kif ġej:

10.1. *Minħabba li t-tranżizzjoni industrijali ħafna drabi tirrikjedi bidla minn industriji tal-manifattura qodma u tradizzjonali għal attivitajiet orjentati lejn il-futur (anke f'setturi tradizzjonali), din tista' twassal għal qgħad ogħla mill-medja (tal-anqas temporanjament) minħabba deindustrijalizzazzjoni ikkonċentrata lokalment u minħabba li l-bażi tal-ħiliet tinsab f'setturi li sejrin lura. ~~L-antiċipazzjoni u l-involviment tar-rappreżentanti tal-ħaddiema fil-livell tal-fergħa u tal-intrapriża u qabel ma jittieħdu d-deċiżjonijiet huma fundamentali.~~ Huwa kruċjali li l-politiki biex jindirizzaw it-tranżizzjoni industrijali jgħinu lill-ħaddiema u lill-komunitajiet lokali, speċjalment ħaddiema b'diżabilità u ħaddiema oħra minn gruppi vulnerabbli, biex jimmaniġġjaw it-tranżizzjoni bl-anqas tfixkil possibbli filwaqt li jimmassimizzaw il-benefiċċji potenzjali.*

**Riżultat tal-votazzjoni:**

Favur: 88

Kontra: 149

Astensjonijiet: 17

(s) ***Punti 10.5, 10.5.1, 10.5.2, 10.5.3, 10.5.4, 10.5.5, 10.5.6, 10.5.7 (Emenda 30)***

Ħassar il-punti:

~~10.5. *Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tal-EPSR*~~

~~*It-tranżizzjonijiet ġusti jirrikjedu politiki soċjali adegwati biex jappoġġjaw kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin, negozjar kollettiv li jiffunzjona tajjeb u sistemi ta' relazzjonijiet industrijali, u l-provvediment ta' protezzjoni soċjali xierqa biex tgħin lill-ħaddiema fi tranżizzjoni. Il-KESE jixtieq iressaq xi proposti għall-pjan ta' azzjoni li jmiss tal-Kummissjoni biex timplimenta l-EPSR.*~~

~~10.5.1. *Il-KESE jissuġġerixxi li l-Kummissjoni għandha tivvaluta mill-ġdid l-adegwatezza tal-acquis rilevanti tal-liġi tal-UE dwar ix-xogħol, billi ssaħħu sabiex jappoġġja aħjar tranżizzjoni ġusta għall-ħaddiema.*~~

~~10.5.2. *Id-dritt għas-sikurezza u s-saħħa huwa dritt fundamentali fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema kollha, irrispettivament mir-relazzjoni ta' impjieg tagħhom jew mit-tip ta' mudell ta' negozju li jaħdmu fih. Il-KESE jinsab imħasseb ħafna li xi tipi ġodda ta' xogħol maħluqa mit-tranżizzjonijiet klimatiċi u diġitali jistgħu jaqgħu barra mill-ambitu tad-dispożizzjonijiet dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali (OSH). Barra minn hekk, diġà ntwerew riskji sinifikanti fil-postijiet tax-xogħol diġitalizzati, bħall-intensifikazzjoni tax-xogħol, l-istress u l-vjolenza psikosoċjali*~~ [13]~~*, u fil-futur nistgħu nistennew li naraw inċidenti kkawżati mill-Intelliġenza Artifiċjali*~~ [14]~~*, inċidenti li ma rridux inħallu jseħħu. Il-KESE għalhekk jitlob li l-ħaddiema kollha fl-UE jiġu protetti mil-leġislazzjoni dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali*~~ [15].

~~(13) ILO (2019) The Threat of Physical and Psychosocial Violence and Harassment in Digitalized Work (It-Theddida tal-Vjolenza Fiżika u Psikosoċjali u l-Fastidju fix-Xogħol Diġitalizzat, [mhux disponibbli bil-Malti]).~~

~~(14) ĠU C 47, 11.2.2020, p. 64.~~

~~(15) ĠU C 14, 15.1.2020, p. 52.~~

~~10.5.3. *Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea tirrevedi regolarment ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR) u r-regolamenti relatati fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi* [16]~~.

~~10.5.4. *Id-djalogu soċjali, fil-livell nazzjonali u Ewropew, għandu rwol ewlieni fit-tfassil tal-politiki ekonomiċi, tax-xogħol u soċjali. Il-KESE jappoġġja l-iżvilupp, fil-qafas tad-djalogu soċjali fil-livelli nazzjonali u Ewropej xierqa, ta' miżuri xierqa dwar "tranżizzjoni ġusta" biex jimmaniġġjaw, ibiddlu u jintroduċu protezzjoni minima f'każijiet ta' postijiet tax-xogħol organizzati mill-ġdid jew tkeċċijiet kollettivi li jirriżultaw minn tranżizzjonijiet (teknoloġiċi, demografiċi, tal-globalizzazzjoni, tat-tibdil fil-klima u tal-ekonomija ċirkolari), inkluż id-dritt ta' involviment f'negozjar kollettiv biex jiġi antiċipat it-tibdil u jiġi pprovdut appoġġ lill-ħaddiema affettwati (adattament tad-Direttiva dwar sensji kollettivi)* [17]~~.

~~10.5.5. *Il-KESE jtenni l-ħtieġa għal konsultazzjoni u informazzjoni għall-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom meta jiġu introdotti bidliet, teknoloġiji ġodda u sistemi ta' IA li jistgħu jwasslu għal bidliet fl-organizzazzjoni tax-xogħol, superviżjoni u kontroll tax-xogħol, u f'sistemi għall-valutazzjoni u r-reklutaġġ tal-ħaddiema. Id-drittijiet għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni, li jimplimentaw kif dovut id-Direttiva dwar il-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej, għandhom jiġu żgurati fl-intrapriżi kollha, u għandu jiġi introdott qafas armonizzat fil-livell tal-UE fir-rigward tal-parteċipazzjoni fil-livell tal-bord. Il-KESE għalhekk jitlob qafas Ewropew b'saħħtu u robust ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni, u parteċipazzjoni tal-ħaddiema* [18] *bħala aspett importanti fl-iżvilupp ta' perkorsi ġusti u xierqa għar-rikostruzzjoni u/jew għat-tranżizzjonijiet ambjentali u diġitali. Il-Kummissjoni għandha tippromwovi djalogu soċjali bil-ħsieb li tinvolvi l-ħaddiema fit-tranżizzjonijiet klimatiċi u diġitali fl-Istati Membri kollha u tissorvelja r-riżultati tagħha permezz tas-Semestru Ewropew.*~~

~~10.5.6. *Hemm bżonn ta' qafas għal ristrutturar soċjalment responsabbli u antiċipazzjoni tat-tibdil korporattiv li jikkomplementa l-informazzjoni eżistenti, id-drittijiet ta' konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema u li jikkorrispondi mal-elementi ewlenin tal-Mudell Soċjali Ewropew* [19]*. Il-KESE jemmen li l-Kummissjoni Ewropea għandha tirrevedi l-Qafas ta' Kwalità tal-UE għall-Antiċipazzjoni tal-Bidla u r-Ristrutturar kif ukoll tipproponi bażi legali għal kundizzjonijiet ta' qafas speċifiċi li jikkonċernaw il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema sabiex ittejjeb l-involviment tal-ħaddiema fil-ġestjoni tal-isfidi tal-Patt Ekoloġiku u tat-trasformazzjoni diġitali* [20]~~.

~~10.5.7. *Il-Pjan ta 'Azzjoni għandu jistabbilixxi livell minimu ta' drittijiet fil-livell tal-UE: il-KESE talab azzjoni dwar il-protezzjoni tal-introjtu minimu* [21] *biex twaqqaf il-faqar u tippromwovi suq tax-xogħol inklużiv, u għalhekk jilqa' l-pjani tal-Kummissjoni u tal-Presidenza Ġermaniża tal-Kunsill sabiex jiġi stabbilit qafas Ewropew dwar skemi ta' introjtu minimu* [22]*. Il-KESE jrakkomanda l-esplorazzjoni tal-possibbiltà li jiġu stabbiliti standards minimi komuni fil-qasam tal-assigurazzjoni kontra l-qgħad fl-Istati Membri tal-UE* [23]*. Il-Kumitat talab ukoll inizjattiva Ewropea dwar paga minima u negozjar kollettiv* [24]*, u għalhekk jilqa'* [25] *l-inizjattiva tal-Kummissjoni dwar paga minima adatta fl-Unjoni Ewropea* [26]~~.

**Riżultat tal-votazzjoni:**

Favur: 93

Kontra: 149

Astensjonijiet: 17

---

[16] ~~ĠU C 47, 11.2.2020, p. 64.~~
[17] ~~ĠU C 14, 15.1.2020, p. 1.~~
[18] ~~L-Opinjoni tal-KESE SOC/644 dwar Djalogu soċjali għas-sostenibbiltà ekonomika u r-reżiljenza (adottata fid-29 ta' Ottubru 2020, għadha ma ġietx ippubblikata).~~
[19] ~~ĠU C 161, 6.6.2013, p. 35.~~
[20] ~~Riżoluzzjoni tal-KESE dwar Il-kontribut tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni Ewropea għall-2021.~~
[21] ~~ĠU C 190, 5.6.2019, p. 1.~~
[22] ~~Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tisħiħ tal-Protezzjoni tal-Introjtu Minimu għall-Ġlieda Kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali matul il-Pandemija tal-COVID-19 u Lil Hinn Minnha.~~
[23] ~~ĠU C 97, 24.3.2020, p. 32.~~
[24] ~~Opinjoni tal-KESE dwar Pagi minimi deċenti fl-Ewropa kollha.~~
[25] ~~Riżoluzzjoni tal-KESE dwar Il-kontribut tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni Ewropea għall-2021.~~
[26] ~~COM(2020) 682 final.~~

(t) ***Punt 10.6 (Emenda 31)***

Ħassar il-punt:

~~10.6. *Kuntratt soċjali ġdid*~~

~~*Sabiex jiġu stabbiliti perkorsi għall-irkupru li jinvestu fl-impjiegi u jipproteġu d-drittijiet u l-paga li tiggarantixxi l-għajxien, sabiex jerġgħu jinbnew istituzzjonijiet b'saħħithom tas-suq tax-xogħol għall-ħaddiema kollha skont l-impenji tal-passat, u sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni soċjali, il-KESE jitlob li t-tranżizzjoni ġusta titqiegħed fil-qalba tal-irkupru permezz tad-djalogu soċjali, bl-involviment attiv tas-soċjetà ċivili biex tgħin fit-tfassil ta' tranżizzjoni industrijali soċjali, ġusta u inklużiva.*~~

**Riżultat tal-votazzjoni:**

Favur: 85

Kontra: 146

Astensjonijiet: 19

(u) ***Punt 1.1 (Emenda 1)***

Ibdel it-test kif ġej:

1.1. *Hemm numru ta' prerekwiżiti għat-tranżizzjoni industrijali lejn ekonomija Ewropea ekoloġika u diġitali biex jinkiseb futur sostenibbli, ġust u soċjalment aċċettabbli fl-Ewropa. Madankollu, trid titqies sitwazzjoni ġdida. Il-pandemija tal-COVID-19 laqtet ħażin l-ekonomija Ewropea: bosta kumpaniji qed jikkollassaw, qed nitilfu l-impjiegi, l-unitajiet domestiċi qed jitilfu l-għajxien tagħhom, is-servizz tas-saħħa qed jitlef l-effiċjenza. Il-pandemija żiedet ~~żdiedet~~ l-urġenza tal-ħtieġa għal parteċipazzjoni ferm usa' u aktar b'saħħitha tal-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili fit-tfassil tal-politika fil-livelli kollha, kif ukoll tal-ħtieġa għal qafas ~~regolatorju~~ u standards realistiċi ~~b'saħħithom~~ fil-livell Ewropew, li jqisu l-ispeċifiċitajiet tal-Istati Membri u d-distribuzzjoni tal-kompetenzi bejn l-UE u l-Istati Membri, kif ukoll il-prinċipju tas-sussidjarjetà, speċjalment dwar l-aġenda soċjali. ~~Il-pjan ta' azzjoni mħabbar biex jimplimenta l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (EPSR) għandu jkollu rwol importanti f'dan l-isforz.~~*

**Riżultat tal-votazzjoni:**

Favur: 90

Kontra: 146

Astensjonijiet: 18

(v) ***Punt 1.5 ġdid (Emenda 4)***

Żid punt ġdid:

1.5. *L-aqwa risposta ta' politika hija li jiġu mwettqa l-aspettattivi ta' NextGenerationEU, li tirrappreżenta opportunità uniku għal irkupru rapidu u trasformattiv. Li dan jiġi implimentat u li jsir impenn mas-settur privat għandu jingħata l-ogħla prijorità.*

**Riżultat tal-votazzjoni:**

Favur: 97

Kontra: 136

Astensjonijiet: 22

(w) ***Punt 1.6 ġdid (Emenda 5)***

Żid punt ġdid:

1.6. *L-isfidi li ġab miegħu l-Brexit għandhom jingħelbu permezz ta' spinta qawwija biex jissaħħaħ is-Suq Uniku li joħloq ambjent aktar b'saħħtu, sod u kompetittiv għall-kumpaniji.*

**Riżultat tal-votazzjoni:**

| | |
|---|---|
| Favur: | 93 |
| Kontra: | 141 |
| Astensjonijiet: | 20 |

(x) ***Punt 1.4 (Emenda 6)***

Ibdel it-test kif ġej:

1.4. *Ewropa li tkun reżiljenti, sostenibbli, ġusta u prosperuża tirrikjedi qafas ~~regolatorju~~koerenti li jista' jtejjeb proċess ta' tranżizzjoni ġusta filwaqt li jqis l-impatti etiċi u l-interessi pubbliċi tagħha ~~bħall-protezzjoni tal-konsumatur, is-saħħa, is-sikurezza u l-kwalità~~. ~~Il-KESE jirrakkomanda li l-istituzzjonijiet Ewropej u nazzjonali jintroduċu strutturi ta' governanza ġodda li jistgħu jiżguraw l-involviment attiv tal-ekonomija lokali, l-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' miżuri ġusti biex jiżguraw li t-tranżizzjonijiet ikunu soċjalment ġusti.~~ Wieħed mill-arranġamenti ewlenin ta' governanza għall-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-progress ta' tranżizzjonijiet soċjalment ġusti huwa s-Semestru Ewropew. ~~Il-KESE jirrakkomanda li fis-Semestru Ewropew jiġu inkorporati indikaturi soċjali, ekonomiċi u ambjentali ġodda, imtejba, li jistgħu jitkejlu u jkunu komplementari biex jissorveljaw u jżommu rekord tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.~~*

**Riżultat tal-votazzjoni:**

| | |
|---|---|
| Favur: | 80 |
| Kontra: | 145 |
| Astensjonijiet: | 16 |

(y) ***Punt 1.8 (Emenda 8)***

Ibdel it-test kif ġej:

1.8. *~~Il-KESE jilqa' l-pjan ta' azzjoni mħabbar biex jimplimenta l-EPSR. L-acquisi~~Il-politiki rilevanti tal-liġi tal-UE dwar ix-xogħol għandhom~~u~~ jiġu~~i~~ rinfurzati biex jappoġġjaw aħjar tranżizzjoni ġusta għall-ħaddiema,~~. Il-pjan ta' azzjoni għandu jistabbilixxi livell minimu ta' drittijiet fil-livell tal-UE,~~ inklużi: ~~id-dritt għa~~s-saħħa u s-sikurezza ~~li jkopri~~ għall-ħaddiema kollha u tipi ġodda ta' xogħol; informazzjoni, konsultazzjoni, kodeterminazzjoni u ~~drittijiet ta'~~ parteċipazzjoni ~~mhux limitati għal~~ f'sitwazzjonijiet ta' tranżizzjoni; drittijiet għall-iżvilupp tal-ħiliet; standards minimi għall-assigurazzjoni tal-qgħad; paga minima; u n-negozjar kollettiv jew forom oħra ta' ftehimiet f'konformità mal-kompetenzi tal-Istati Membri.*

**Riżultat tal-votazzjoni:**

| | |
|---|---|
| Favur: | 98 |
| Kontra: | 148 |
| Astensjonijiet: | 17 |

# Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Il-prinċipji tas-servizzi pubbliċi għall-istabbiltà tal-ordni demokratiku

**(opinjoni esploratorja mitluba mill-Presidenza Ġermaniża)**

(2021/C 56/03)

Relatur: **Christian MOOS (DE-III)**

Korelatur: **Philip VON BROCKDORFF (MT-II)**

| | |
|---|---|
| Talba mill-Presidenza Ġermaniża tal-Kunsill | Ittra tat-18.2.2020 |
| Bażi legali | Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Deċiżjoni tal-Bureau | 17.3.2020 |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza |
| Adottata fis-sezzjoni | 11.11.2020 |
| Adottata fil-plenarja | 2.12.2020 |
| Sessjoni plenarja Nru | 556 |
| Riżultat tal-votazzjoni | 220/0/15 |
| (favur/kontra/astensjonijiet) | |

## 1. **Sommarju**

1.1. Il-Presidenza Ġermaniża tal-Kunsill tal-UE talbet lill-KESE jagħti l-opinjoni tiegħu dwar il-prinċipji li jridu japplikaw għas-servizzi pubbliċi tal-Istati Membri tal-UE biex jiġu garantiti l-valuri fundamentali ewlenin tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt, kif ukoll dwar il-kundizzjonijiet li taħthom dawn il-prinċipji jaqdu rwol ta' stabbilizzaturi awtomatiċi għad-demokrazija u l-istat tad-dritt fi żminijiet ta' kriżi.

1.2. Għal aktar minn għaxar snin, l-UE ffaċċjat kriżijiet severi, inklużi l-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-kriżi tad-dejn finanzjarju globali u dik ekonomika, il-kriżi fis-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil, il-kriżi ambjentali u klimatika, kif ukoll il-pandemija tal-COVID-19. Servizzi pubbliċi effettivi għandhom rwol kruċjali fil-kontroll tal-kriżijiet: huma jiggarantixxu s-sikurezza pubblika u s-sigurtà tal-provvista billi jipprovdu aċċess għas-servizzi tagħhom abbażi tal-prinċipju tal-aċċess ugwali u tal-universalità garantita.

1.3. Fid-dawl tal-istat ta' emerġenza, kien temporanjament meħtieġ li jitrażżnu d-drittijiet fundamentali f'xi wħud minn dawn is-sitwazzjonijiet eċċezzjonali ta' kriżi. Biex jiggarantixxu li tali miżuri jkunu ġustifikati u proporzjonati, is-servizzi pubbliċi jiffaċċjaw l-isfida li jibbilanċjaw l-interferenza fid-drittijiet fundamentali u l-infurzar tal-istat tad-dritt u li jiżguraw il-legalità ta' kull azzjoni amministrattiva.

1.4. Fir-rigward tat-theddid għad-demokrazija u l-istat tad-dritt fid-dinja kollha kif ukoll fl-UE, is-servizzi pubbliċi għandhom funzjoni protettiva, fis-sens li jistgħu jirrifjutaw li jobdu struzzjonijiet illeġittimi u jirrispettaw il-valuri Ewropej u l-istat tad-dritt. Is-servizzi pubbliċi li jirrispettaw il-prinċipji bażiċi tal-oġġettività, l-integrità u t-trasparenza, ir-rispett għall-oħrajn u l-impenn lejn l-Unjoni Ewropea u ċ-ċittadini tagħha, jikkostitwixxu pilastri tad-demokrazija u difensuri kontra l-populiżmu.

1.5. Biex jiġi garantit li s-servizzi pubbliċi fl-Ewropa jaġixxu bħala stabbilizzatur awtomatiku fis-sitwazzjonijiet kollha ta' kriżi, il-valuri Ewropej minquxa fit-Trattati tal-UE, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-garanziji tal-Istati Membri tad-drittijiet fundamentali u tal-bniedem fil-kostituzzjonijiet nazzjonali kif ukoll il-valuri kondiviżi tal-Unjoni fir-rigward tas-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, skont it-tifsira tal-Artikolu 14 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE, kif stabbilit fil-Protokoll Nru 26 dwar is-servizzi ta' interess ġenerali tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), għandhom jikkostitwixxu linji gwida għall-amministrazzjoni fil-livell Ewropew u fl-Istati Membri kollha tal-UE, skont il-kostituzzjonijiet tagħhom.

1.6. Barra minn hekk, il-KESE jenfasizza li s-servizzi pubbliċi li jiffunzjonaw tajjeb fil-livelli kollha tal-UE jirrikjedu l-ħiliet u r-riżorsi umani, tekniċi, materjali u finanzjarji meħtieġa, kif ukoll kundizzjonijiet tax-xogħol adatti, u remunerazzjoni suffiċjenti, u djalogu soċjali għall-uffiċjali pubbliċi, biex iwettqu l-kompiti assenjati lilhom u biex jiffunzjonaw bħala stabbilizzaturi awtomatiċi.

1.7. L-Istati Membri biss huma responsabbli għas-servizzi pubbliċi tagħhom u huma jorganizzawhom abbażi tal-prinċipji tradizzjonali tagħhom u skont il-liġi kostituzzjonali tagħhom. Mingħajr preġudizzju għal dan, il-KESE jirrakkomanda qafas legali Ewropew effettiv (kif ukoll sanzjonijiet) li jiggarantixxi l-konformità sħiħa tal-Istati Membri kollha mad-demokrazija u l-istat tad-dritt skont il-"Kriterji ta' Copenhagen", li huma bażi meħtieġa għall-kondotta tajba tal-amministrazzjonijiet fl-UE u l-Istati Membri tagħha.

## 2. **Kwistjonijiet, definizzjonijiet u għanijiet tal-Opinjoni**

2.1. Fl-Unjoni Ewropea, m'hemmx definizzjoni waħda ta' "servizz pubbliku". Għall-finijiet ta' din l-Opinjoni, il-KESE jqis bħala servizzi pubbliċi d-diversi servizzi pubbliċi amministrattivi u sovrani, inklużi dawk ta' natura industrijali u kummerċjali, li jservu l-interess ġenerali fil-livell nazzjonali, reġjonali u muniċipali.

2.2. Is-servizzi pubbliċi jiżguraw il-valuri demokratiċi ewlenin, inklużi r-rispett tad-drittijiet fundamentali u tal-bniedem, is-setgħa kostitwenti taċ-ċittadini, is-separazzjoni tas-setgħat, l-indipendenza ġudizzjarja, ir-responsabbiltà tal-gvern, il-pluraliżmu tal-partiti politiċi u d-dritt għall-espressjoni u l-oppożizzjoni, il-libertà tal-mezzi ta' komunikazzjoni, il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni, id-drittijiet tal-minoranzi u l-legalità tal-amministrazzjoni. Għall-UE, dawn il-valuri fundamentali huma minquxa bħala valuri Ewropej, b'mod partikolari fl-Artikolu 2 (TUE, u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali).

2.3. Il-kunċett ta' "stabbilizzaturi awtomatiċi" ġej mit-teorija ekonomika. B'analoġija mad-definizzjoni ta' dan il-kunċett, il-prinċipji tas-servizzi pubbliċi jitqiesu bħala stabbilizzaturi awtomatiċi li jipproteġu l-valuri ewlenin tad-demokrazija, b'mod partikolari fi żminijiet ta' kriżi.

2.4. L-għan ta' din l-Opinjoni huwa li jiġu identifikati kriterji u jitfasslu rakkomandazzjonijiet Ewropej sabiex is-servizzi pubbliċi soġġetti għal-leġiżlazzjoni nazzjonali jiffunzjonaw bħala element stabbilizzanti tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt. Dan jittratta r-rikonoxximent tal-valur essenzjali ta' servizzi pubbliċi li jiffunzjonaw bla xkiel għad-difiża tal-valuri fundamentali tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt fl-Ewropa.

2.5. Il-persuni fiżiċi kif ukoll dawk ġuridiċi jiddependu minn servizzi pubbliċi li jiffunzjonaw bla xkiel, li jagħmlu kontribut importanti għal soċjetà vibranti, ekonomija produttiva u kollaborazzjoni bbażata fuq il-fiduċja bejn l-imsieħba soċjali. F'dan il-proċess, is-servizzi pubbliċi għandhom jittrattaw lill-persuni b'mod ugwali, mingħajr diskriminazzjoni, waqt li jiġi garantit aċċess mingħajr xkiel liċ-ċittadini kollha, pereżempju, għal edukazzjoni ta' kwalità, is-servizzi soċjali, il-kura tas-saħħa, l-akkomodazzjoni, il-provvista tal-ilma u l-enerġija, u s-servizzi postali, irrispettivament mill-ġeneru, l-oriġini etnika, ir-reliġjon, il-perspettiva dinjija, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali.

2.6. Is-servizzi pubbliċi għandhom rwol ewlieni fiż-żamma tal-ordni demokratiku iżda ma jistgħux jagħmlu dan mingħajr il-pluraliżmu politiku, il-libertà tal-espressjoni, id-demokrazija, id-drittijiet għas-soċjetà ċivili u l-korpi intermedjarji bħat-trade unions. Dawn huma parti integrali mid-demokraziji. Flimkien ma' atturi demokratiċi oħra, huma jiggarantixxu l-progress soċjali.

## 3. **Iż-żminijiet ta' kriżi – sfida għad-demokrazija u l-istat tad-dritt**

### 3.1. *Demokrazija u politika ta' kriżi*

3.1.1. Partikolarment fi żminijiet ta' kriżi huwa essenzjali, pereżempju, li tiġi żgurata għajnuna għall-persuni, kemm fiżiċi kif ukoll ġuridiċi, li saru vulnerabbli f'tali żminijiet, skont standards ċari li jiżguraw l-ugwaljanza f'għajnejn il-liġi, u li l-individwi u l-gruppi żvantaġġati jkunu jistgħu jaċċessaw l-appoġġ ukoll.

3.1.2. Kwalunkwe restrizzjoni possibbli tad-drittijiet fundamentali abbażi ta' stat ta' emerġenza minħabba sitwazzjoni ta' kriżi eċċezzjonali għandha tkun iġġustifikata, temporanja u proporzjonata, u awtorizzata f'ċirkostanzi speċifiċi minn Parlament elett demokratikament. Filwaqt li ġudikatura indipendenti tipprovdi protezzjoni kontra atti ta' amministrazzjoni mhux ġustifikati, id-demokrazija ma tistax tiffunzjona fit-tul mingħajr ma ċ-ċittadini jgawdu bis-sħiħ id-drittijiet tagħhom. Il-leġiżlaturi, il-gvernijiet u s-servizzi pubbliċi mhux biss għandhom jaġixxu f'konformità mad-drittijiet fundamentali, iżda jridu jkunu wkoll dawk li jiżgurawhom.

3.1.3. L-obbligu tal-imparzjalità tal-uffiċjali pubbliċi huwa wieħed mill-prerekwiżiti għat-trattament ugwali tal-utenti kollha u għall-prevenzjoni tad-diskriminazzjoni. Dan irid jiġi garantit fl-Istati Membri kollha biex l-uffiċjali pubbliċi jiġu protetti mill-populiżmu.

3.2. *Terroriżmu u miżuri governattivi kontra t-terroriżmu*

3.2.1. Mill-11 ta' Settembru 2001 'l hawn, jekk mhux qabel, inkiseb bilanċ diffiċli bejn, minn naħa, is-salvagwardja tal-libertajiet u, min-naħa l-oħra, is-sigurtà effettiva. Din hija sfida partikolari anke għas-servizzi pubbliċi, minħabba li jista' jkun hemm kunflitt bejn, minn naħa, il-protezzjoni tal-libertajiet fundamentali u l-istat tad-dritt u, min-naħa l-oħra, setgħat eżekuttivi ġodda.

3.2.2. Huwa preċiżament fl-infurzar effettiv tal-monopolju tal-Istat dwar l-użu tal-forza li l-eżerċizzju ta' bilanċ bejn l-interferenza fid-drittijiet fundamentali u s-sigurtà joħroġ fid-dieher, mhux biss f'termini astratti, iżda wkoll fil-prattika attwali ta' kuljum. Dan jirrikjedi servizzi pubbliċi b'persunal imħarreġ kif imiss u r-riżorsi meħtieġa biex iwettqu l-operazzjonijiet tagħhom filwaqt li jirrispettaw id-dritt għal-libertà. Għandu jkun hemm salvagwardji biex jiġi evitat kwalunkwe abbuż tal-awtorità pubblika u jiġi żgurat id-dritt li jitressaq rikors kontra atti li jmorru lil hinn mill-mandat tas-servizz pubbliku, kemm jekk permezz ta' att leġiżlattiv, jew minn individwi.

3.2.3. Is-servizzi pubbliċi jiżguraw l-ordni pubbliku. Biex jagħmlu dan, dawn għandhom isibu bilanċ bejn is-sigurtà u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, fil-qafas mogħti lilhom permezz tal-prinċipju tal-eżerċitar adatt tas-setgħa diskrezzjonali.

3.2.4. Flimkien mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u diversi servizzi soċjali indipendenti, is-servizzi pubbliċi huma pilastru kruċjali għall-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni estremista, il-vjolenza u l-intolleranza, fil-promozzjoni tad-demokrazija u l-koeżjoni soċjali, u d-difiża tal-valuri Ewropej. Dan japplika fost l-oħrajn għas-sistema edukattiva statali.

3.3. *Il-kriżi finanzjarja globali u l-kriżi tad-dejn*

3.3.1. Il-miżuri ta' awsterità applikati tul bosta snin wara l-kriżi finanzjarja globali u l-kriżi tad-dejn affettwaw is-servizzi pubbliċi u dgħajfu l-impatt ta' ħidmithom.

3.3.2. Dan il-perjodu għallimna li t-tnaqqis tad-dejn fuq perjodu qasir ta' żmien mhux neċessarjament jinkiseb bil-privatizzazzjoni tas-servizzi ta' interess ġenerali.

3.3.3. L-iżgurar kontinwu u affidabbli ta' aċċess ħieles għal servizzi ta' interess ġenerali ta' kwalità għolja għandu jkun garantit fil-livell tal-UE; huwa partikolarment fi żminijiet ta' kriżi li dawn is-servizzi juru, bis-saħħa ta' din il-kontinwità, ir-rwol tagħhom bħala ammortizzaturi soċjali b'saħħithom.

3.3.4. Servizzi pubbliċi effiċjenti u li jiffunzjonaw bla xkiel jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għaż-żamma ta' livell adatt ta' nfiq pubbliku. L-effiċjenza ma tfissirx "tnaqqis fir-rwol tal-Istat", għaliex prestazzjoni ħażina tirriżulta f'żieda ġenerali fl-ispejjeż soċjali u ekonomiċi.

3.3.5. Permezz ta' infurzar effettiv tar-regoli, servizzi pubbliċi li jkollhom persunal imħarreġ u riżorsi adegwati jgħinu fil-prevenzjoni ta' kriżijiet futuri. Dan huwa l-każ, pereżempju, meta amministrazzjoni tiġġieled b'suċċess l-evitar u l-evażjoni tat-taxxa u b'hekk tiżgura l-ġbir tad-dħul tal-gvern, jew meta tkun żgurata superviżjoni effettiva tas-settur finanzjarju.

3.4. *Il-kriżi tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil*

3.4.1. Mill-2015 'l hawn l-Ewropa rat żieda qawwija fl-għadd ta' refuġjati. Servizzi pubbliċi effettivi, flimkien mal-impenn tas-soċjetà ċivili, huma kruċjali biex tiġi ffaċċjata din l-isfida. Il-KESE jinsisti li d-dritt għall-asil u d-dritt internazzjonali relatat għandhom jiġu ggarantiti fl-Istati Membri kollha tal-UE u li s-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil għandha tiġi kkompletata.

3.4.2. Fejn il-kapaċità tas-servizzi pubbliċi ta' Stat Membru wieħed jew aktar ma tkunx biżżejjed biex tiġi żgurata protezzjoni adegwata tad-drittijiet fundamentali u tal-bniedem għar-refuġjati, pereżempju fil-punti tad-dħul tal-UE, tinħtieġ soluzzjoni pan-Ewropea. Is-servizzi pubbliċi fl-UE kollha għandhom ikunu f'pożizzjoni fejn ikunu jistgħu jirrispettaw il-valuri Ewropej fit-twettiq tal-kompiti tagħhom.

3.4.3. Jekk is-servizzi pubbliċi ta' Stat Membru jaġixxu f'isem l-Istati Membri kollha, jeħtieġ li l-piżijiet li jirriżultaw jiġu kondiviżi b'mod ġust. Fl-istess ħin, huwa essenzjali f'dan ir-rigward li jiġu żgurati l-ogħla livell ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u tal-bniedem u ta' rispett għall-valuri Ewropej.

3.4.4. L-interoperabbiltà diġitali tas-sistemi ta' kontroll tal-fruntieri għandha tkun konformi mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data personali. L-UE trid tiggarantixxi r-rispett għall-protezzjoni tad-data personali mill-amministrazzjonijiet kollha fl-Istati Membri kollha.

3.5. *Il-kriżi ambjentali u klimatika*

3.5.1. Is-servizzi pubbliċi huma importanti biex jintlaħqu l-għanijiet tal-iżvilupp sostenibbli (SDGs) u biex jiġi implimentat il-Patt Ekoloġiku. Is-servizzi pubbliċi jistgħu jaġixxu bħala xpruni għall-bidla permezz ta' inizjattivi u politiki favur l-ambjent fl-akkwist pubbliku u fil-prattiki tax-xogħol.

3.5.2. It-trasformazzjoni ekoloġika qed issir ukoll kwistjoni ta' ġustizzja soċjali. Sabiex il-kondiviżjoni tal-piżijiet tkun aċċettabbli, huwa essenzjali li jkun hemm distribuzzjoni ġusta u infurzar mhux diskriminatorju tal-obbligi.

3.5.3. Is-servizzi pubbliċi jistgħu japplikaw skemi ta' inċentivi u joffru servizzi ġodda, b'mod partikolari fl-oqsma tal-mobbiltà, u tal-provvista u s-sigurtà tal-enerġija. Is-sostenibbiltà u n-newtralità karbonika huma wkoll prinċipji fundamentali u l-UE għandha tiżgura li s-servizzi pubbliċi kollha fl-Ewropa jirrispettawhom.

3.6. *Il-pandemija tal-COVID-19*

3.6.1. It-tensjoni bejn il-libertà u s-sigurtà, bejn id-drittijiet u l-istat ta' emerġenza, reġgħet ħarġet fid-dieher matul il-kriżi tal-COVID-19. Ir-riskji u r-restrizzjonijiet tad-drittijiet fundamentali jolqtu lil kulħadd b'mod ugwali.

3.6.2. Is-servizzi pubbliċi u l-membri tal-persunal tagħhom jinsabu fuq quddiem nett fil-ġlieda kontra l-virus. Dawn għandhom jiżguraw is-saħħa pubblika, il-prevenzjoni tar-riskji u s-sigurtà tal-provvista f'kull ċirkostanza.

3.6.3. Il-kriżi tal-COVID-19 turi kemm l-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom jeħtieġu servizzi pubbliċi reattivi, effiċjenti, iffinanzjati sew u moderni. Kriżi serja tista' tirrikjedi teħid malajr ta' deċiżjonijiet. Dawn id-deċiżjonijiet iridu jkunu debitament iġġustifikati u soġġetti għall-kontroll demokratiku. Inkella, jistgħu jagħmlu ħsara lid-demokrazija. Ir-rieda li wieħed isegwi r-regoli tiddgħajjef meta jkun hemm nuqqas ta' leġittimità. Biex jaġixxu malajr fi kriżi, il-gvernijiet jeħtieġu livell tajjeb ta' fiduċja pubblika u jserrħu fuq l-effettività tas-servizzi pubbliċi. Bħala l-fergħa amministrattiva tas-setgħa eżekuttiva, is-servizzi pubbliċi nnifishom jeħtieġu l-fiduċja biex jimplimentaw id-deċiżjonijiet b'mod effettiv.

3.6.4. Il-pandemija wriet il-ħtieġa li s-servizzi pubbliċi jkollhom livell suffiċjenti ta' persunal imħarreġ u kapaċi, riżorsi u riżervi. Ir-rikonoxximent tan-natura fundamentali tal-missjonijiet tas-servizz pubbliku jiġġustifika li l-uffiċjali pubbliċi jitħallsu kif imiss u li jiġu applikati standards soċjali minimi fir-rigward tagħhom fl-Ewropa kollha. Ħafna pajjiżi tal-UE għandhom problemi demografiċi li jridu jiġu kkunsidrati sabiex jiġi żgurat li s-servizzi pubbliċi jibqgħu jew isiru finanzjarjament attraenti fil-kompetizzjoni għall-aqwa mħuħ.

3.6.5. Il-kwalità tal-prinċipji tas-servizzi pubbliċi u kundizzjonijiet tax-xogħol adatti għall-impjegati taċ-ċivil, inklużi djalogu soċjali tajjeb u klima demokratika, iżidu l-fiduċja taċ-ċittadini fil-gvernijiet tagħhom.

3.6.6. Biex jibbilanċjaw il-kapaċità tagħhom li jissalvagwardjaw id-dritt għall-ħajja u għall-integrità fiżika, il-pajjiżi kollha tal-UE dawn l-aħħar żminijiet illimitaw drittijiet fundamentali oħra fi proporzjonijiet li qatt ma ġew osservati fid-demokraziji. Dawn il-miżuri mingħajr preċedent jeħtieġ li jkunu temporanji biss u soġġetti għal reviżjoni regolari mill-parlamenti eletti.

3.6.7. Is-servizzi pubbliċi jiddependu minn deċiżjonijiet governattivi ċari, kif ukoll ċarezza ġuridika u ċertezza tad-dritt. Il-prinċipju tat-trasparenza u l-amministrazzjoni tajba li l-UE tapplika għaliha nnifisha jwassal lill-UE biex tiżgura li s-servizzi pubbliċi kollha fl-Ewropa jirrispettaw dawn il-prinċipji.

3.6.8. Bosta servizzi pubbliċi qed jindirizzaw il-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali tal-kriżi. Flimkien, dawn juru b'mod konkret il-valur essenzjali ta' ġestjoni effettiva fi żminijiet ta' kriżi.

4. **Is-servizzi pubbliċi bħala stabbilizzaturi awtomatiċi**

4.1. Sabiex ikun hemm stabbilizzatur awtomatiku, irid ikun hemm amministrazzjoni li tiffunzjona tajjeb fl-UE, fil-livell Ewropew, ċentrali, reġjonali u lokali, u mogħnija bil-ħiliet u r-riżorsi umani, tekniċi, materjali u finanzjarji li huma meħtieġa biex twettaq il-kompiti allokati lilha.

4.2. Bl-eċċezzjoni tal-livell Ewropew, m'hemmx bżonn li l-allokazzjoni tal-kompiti lil-livelli differenti tkun regolata b'mod uniformi fl-UE kollha, iżda din għandha takkomoda ċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-Istati Membri sabiex tiġi żgurata amministrazzjoni effettiva.

4.3. Huma l-Istati Membri stess li jiddeċiedu liema servizzi għandhom jiġu provduti mis-settur pubbliku u liema minn dak privat. Huma u jieħdu din id-deċiżjoni, dawn għandhom jiżguraw li kwalunkwe nuqqas tal-forrnituri ta' servizzi privati jew pubbliċi fi żminijiet ta' kriżi ma jkunx ta' theddida għas-sikurezza pubblika jew is-sigurtà tal-provvista.

4.4. Jekk is-servizzi pubbliċi kollha jikkonformaw b'mod konsistenti mal-prinċipji tal-legalità, tal-proporzjonalità u tat-trattament ugwali u jimplimentaw id-dritt għal amministrazzjoni tajba, dawn iqawwu l-fiduċja fl-istat tad-dritt u d-demokrazija u r-reżistenza għall-wegħdiet populisti.

4.5. Servizzi pubbliċi trasparenti huma essenzjali għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni u għaldaqstant għall-provvista ta' servizzi affidabbli u kosteffettivi. Il-fiduċja tissaħħaħ permezz tal-konformità mal-prinċipji fundamentali tas-servizz pubbliku fl-Ewropa, u d-disponibbiltà, il-kompetenza u t-trasparenza tiegħu għal korpi indipendenti ta' sorveljanza.

4.6. B'mod partikolari, fir-rigward tar-rispett għad-drittijiet fundamentali u tal-bniedem mill-gvernijiet u l-leġiżlaturi fil-livelli kollha, jekk is-servizzi pubbliċi japplikaw il-prinċipji tagħhom b'mod adegwat, dawn jiżguraw funzjoni ridistributtiva u protettiva, peress li jkunu jistgħu jirrifjutaw li jobdu struzzjonijiet illeġittimi, u b'hekk jipproteġu d-demokrazija u l-istat tad-dritt.

4.7. L-edukazzjoni pubblika trid tagħti kontribut kbir billi tgħallem il-valuri Ewropej u trawwem kultura ċivika demokratika. L-edukazzjoni formali hija servizz pubbliku ewlieni fih innifsu, speċjalment għat-tħejjija taċ-ċittadini tal-ġejjieni.

4.8. Il-pandemija attwali turi kif tagħbija żejda fuq is-sistema tas-saħħa tista' twassal għall-ksur tad-dinjità tal-bniedem u kemm huwa importanti li jkun hemm biżżejjed persunal u kapaċità ta' kura adegwata.

4.9. Awtoritajiet tal-benesseri li jiffunzjonaw tajjeb u li jipprovdu aċċess ħieles u mhux diskriminatorju għas-servizzi tas-sigurtà soċjali jsaħħu l-fiduċja fl-istat tad-dritt. Is-servizzi pubbliċi huma, f'dan il-kuntest, l-espressjoni tas-solidarjetà soċjali.

5. **Prinċipji tas-servizzi pubbliċi fl-Unjoni Ewropea**

5.1. L-Istati Membri biss huma, u ser jibqgħu, responsabbli għas-servizzi pubbliċi rispettivi tagħhom u huma jorganizzawhom abbażi tal-prinċipji tradizzjonali tagħhom u skont il-liġi kostituzzjonali tagħhom. Mingħajr preġudizzju għal dan, minħabba t-theddid għad-demokrazija u l-istat tad-dritt fid-dinja, u sfortunatament anke fl-Ewropa, jinħtieġu prinċipji u garanziji komuni Ewropej biex jiġi żgurat li s-servizz ċivili u s-servizzi pubbliċi jibqgħu jiggarantixxu d-demokrazija u l-istat tad-dritt.

5.2. Il-KESE jirrakkomanda qafas legali Ewropew effettiv li jiggarantixxi konformità sħiħa mal-"Kriterji ta' Copenhagen", il-kriterji għall-adeżjoni mal-UE għall-Istati Membri kollha mill-1993 'il hawn. Il-qafas għandu jipprovdi għall-possibbiltà ta' sanzjonijiet.

5.3. Għas-servizzi pubbliċi kollha tal-UE u tal-Istati Membri tagħha, il-valuri Ewropej stabbiliti fit-Trattati tal-UE, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-garanziji tal-Istati Membri fir-rigward tad-drittijiet fundamentali u tal-bniedem minquxa fil-kostituzzjonijiet nazzjonali jikkostitwixxu linji gwida għall-prattiki amministrattivi.

5.4. Il-valuri kondiviżi tal-Unjoni fir-rigward tas-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, skont it-tifsira tal-Artikolu 14 tat-TFUE, kif stabbilit fil-Protokoll Nru 26 dwar is-servizzi ta' interess ġenerali tat-TUE, jipprovdu l-linji gwida għall-attivazzjoni tal-prinċipji tas-servizz pubbliku fl-Istati Membri kollha.

5.5. Is-servizzi pubbliċi fl-Istati Membri tal-UE, fid-diversità kollha tagħhom, iridu jirrispettaw tliet prinċipji: in-newtralità, l-applikazzjoni tal-liġi u l-ordni, u t-trasparenza. In-nuqqasijiet fl-indipendenza tal-ġudikatura kif ukoll emendi kostituzzjonali li jdgħajfu l-prinċipji tas-servizzi pubbliċi msemmija hawn fuq, u b'hekk idgħajfu wkoll il-prinċipji tradizzjonali tas-servizzi pubbliċi, iridu jwasslu għal sanzjonijiet effettivi.

5.6. Skont il-prinċipju tan-newtralità, is-servizzi pubbliċi għandhom jiggarantixxu aċċess għas-servizzi tagħhom abbażi tal-prinċipju tal-aċċess ugwali u tal-universalità garantita. L-aċċessibbiltà ta' dawn is-servizzi trid tiġi żgurata bis-sħiħ ukoll għall-gruppi soċjali li jiffaċċjaw ostakli fl-aċċess, bħall-persuni b'diżabbiltà, il-minoranzi u dawk li jgħixu fiż-żoni rurali.

5.7. Il-legalità tal-prattiki amministrattivi kollha hija essenzjali; il-liġijiet u l-istruzzjonijiet ma jistgħux imorru kontra l-ordni kostituzzjonali jew il-valuri Ewropej. Dawn għandhom ikunu konformi wkoll mal-prinċipji tal-proporzjonalità, tat-trattament ugwali u tal-eżerċitar adatt tas-setgħa diskrezzjonali.

5.8. Is-servizzi pubbliċi jpoġġu fil-prattika d-dritt għal amministrazzjoni tajba u jaġixxu b'mod trasparenti f'ħidmithom biex jiżguraw il-kontroll pubbliku tas-setgħa eżekuttiva. Dawn jiggarantixxu aċċess ħieles għall-informazzjoni amministrattiva u jirrispondu mingħajr riżervi għat-talbiet għall-informazzjoni. L-eċċezzjonijiet għandhom jiġu interpretati b'mod ristrett.

5.9. Is-servizzi pubbliċi huma marbuta bil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-korruzzjoni u jadottaw il-miżuri kollha meħtieġa għall-ġlieda kontriha. Dawn jimplimentaw ukoll ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapporti tal-Unjoni Ewropea kontra l-korruzzjoni.

5.10. Is-servizzi pubbliċi huma ggwidati esklużivament minn prinċipju ċiviku demokratiku. Ir-rwol ta' soċjetà ċivili u ta' oppożizzjoni politika effettivi u strutturati huwa ta' importanza kbira biex jiġi rispettat dan il-prinċipju.

5.11. Il-membri tal-persunal tas-servizzi pubbliċi għandu jkollhom il-protezzjoni mogħtija mil-liġi u s-sigurtà fit-termini tal-impjieg tagħhom biex ikunu jistgħu jirrifjutaw li jobdu struzzjonijiet illeġittimi u jressqu lmenti f'forma adatta. Dan jikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-servizzi pubbliċi u jikkostitwixxi garanzija għad-demokrazija u d-difiża tal-interess ġenerali kontra l-korruzzjoni, il-frodi jew l-abbuż.

5.12. Id-Direttiva tal-UE dwar il-protezzjoni tal-informaturi tapplika għall-persunal tas-servizzi pubbliċi. Kif enfasizzat fl-Opinjoni tal-KESE SOC/593 dwar it-Tisħiħ tal-protezzjoni tal-informaturi fil-livell tal-UE ([1]), il-possibbiltà li l-awtoritajiet kompetenti (li mhumiex il-midja jew il-pubbliku) jiġu avżati internament jew esternament hija kwistjoni tal-għażla tal-uffiċjal.

5.13. Huwa importanti li jiġi żgurat li l-possibbiltajiet ta' kuntatt dirett mal-amministrazzjoni jinżammu fil-futur minkejja d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi: dan jikkonċerna s-servizzi pubbliċi – lokali, reġjonali u nazzjonali – kollha sabiex jingħata appoġġ individwali lill-persuni vulnerabbli (l-anzjani, il-foqra, il-migranti, eċċ.) u sabiex id-diġitalizzazzjoni ma tkunx fattur addizzjonali ta' esklużjoni għal din il-parti tal-popolazzjoni.

5.14. Is-servizzi pubbliċi jridu jlaħħqu mal-livell attwali tad-diġitalizzazzjoni, iżda mingħajr ma jiddgħajfu d-drittijiet fundamentali, inklużi d-drittijiet tal-ħaddiema. Fil-kuntest tal-amministrazzjoni diġitali dan japplika b'mod partikolari għall-protezzjoni tad-data u d-dritt li wieħed jikkontrolla d-data tiegħu stess.

5.15. Is-servizzi pubbliċi jridu jkunu mogħnija bil-ħiliet u bir-riżorsi umani, tekniċi, materjali u finanzjarji meħtieġa biex iwettqu l-kompiti allokati lilhom. Sabiex dawn jiffunzjonaw tajjeb anke f'każ ta' sitwazzjonijiet eċċezzjonali ta' kriżi, jinħtieġu riżervi adegwati f'kull wieħed minn dawn l-oqsma.

5.16. L-organizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi nazzjonali hija r-responsabbiltà esklużiva tal-Istati Membri, billi dawn is-servizzi huma essenzjali għall-identità nazzjonali tagħhom. Madankollu, dawn iridu jkunu interoperabbli fis-sistema Ewropea tal-governanza f'diversi livelli.

5.17. Il-kooperazzjoni Ewropea u l-applikazzjoni prattika tal-prinċipji tas-servizzi pubbliċi fl-UE jridu jkunu parti mit-taħriġ għall-membri kollha tal-persunal li jwettqu kompiti pubbliċi.

5.18. Hemm bżonn ta' żieda fl-għadd ta' skambji tal-persunal bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha, kif ukoll bejn l-Istati Membri, sabiex jiġu integrati aħjar il-livelli amministrattivi fis-sistema f'diversi livelli tal-UE. Ir-rotazzjoni tax-xogħol fis-servizzi pubbliċi għandha tkun possibbli fi ħdan l-Istati Membri mingħajr ma tippreżenta żvantaġġi għal dawk ikkonċernati.

([1]) ĠU C 62, 15.2.2019, p. 155.

5.19. L-istituzzjonijiet Ewropej li joffru taħriġ intern għandhom jipprovdu lill-persunal tas-servizz pubbliku fil-livelli kollha b'taħriġ dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipji tas-servizz pubbliku u dwar l-iżgurar tal-effett ta' stabilizzazzjoni awtomatika.

5.20. Is-servizzi pubbliċi kollha involuti fl-għoti tal-fondi Ewropej iridu jirrispettaw u jimplimentaw il-prinċipji tas-servizzi pubbliċi.

Brussell, it-2 ta' Diċembru 2020.

Christa SCHWENG
*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-ħtieġa li jiġu garantiti drittijiet reali ta' persuni b'diżabilità biex jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew"**

**(opinjoni addizzjonali fuq inizjattiva proprja)**

(2021/C 56/04)

Relatur: **Krzysztof PATER**


| | |
|---|---|
| Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja | 20.2.2020 |
| Bażi legali | Artikolu 32(2) tar-Regoli ta' Proċedura |
| | Opinjoni addizzjonali fuq inizjattiva proprja |
| Sezzjoni kompetenti | Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza |
| Adottat fis-sezzjoni | 11.11.2020 |
| Adottata fil-plenarja | 02.12.2020 |
| Sessjoni plenarja Nru | 556 |
| Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet) | 246/0/0 |


1. **Introduzzjoni**

1.1. Din l-Opinjoni hija sommarju tat-tieni fażi tal-ħidma tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE), li għandha l-għan li tiżgura li ċ-ċittadini kollha tal-Unjoni Ewropea (UE) b'diżabilità jkollhom dritt ġenwin li jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew (PE).

1.2. Fl-ewwel stadju, li ntemm f'Marzu 2019, il-KESE abbozza r-rapport ta' informazzjoni *Id-drittijiet reali ta' persuni b'diżabilità li jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew* ([1]). Ir-rapport jiddeskrivi b'mod komprensiv l-ostakli legali u tekniċi li jipprevjenu li dawn id-drittijiet jitwettqu fl-Istati Membri kollha tal-UE. Din l-Opinjoni ssemmi biss xi whud mis-sejbiet u l-konklużjonijiet ta' dak ir-rapport; sabiex wieħed jifhem bis-sħiħ is-sitwazzjoni, wieħed ikollu jaqra r-rapport kollu.

2. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

2.1. F'kull wieħed mis-27 pajjiż tal-UE, hemm regoli jew arranġamenti organizzattivi li jċaħħdu lil xi votanti b'diżabilità mill-possibiltà li jieħdu sehem fl-elezzjonijiet tal-PE.

2.2. Jekk ma jsir l-ebda tibdil legali kbir, flimkien mat-tixjiħ tal-popolazzjoni, se jkun hemm żieda kostanti fin-numru ta' persuni li ma jkollhomx dritt ġenwin li jivvutaw minħabba diżabilità – dan japplika kemm għal persuni li jgħixu d-dar kif ukoll għal dawk f'istituzzjonijiet tal-kura fit-tul. Dan in-nuqqas ta' possibbiltà li wieħed jivvota jaffettwa wkoll ħafna nies oħra, bħal dawk li jkunu qed jieħdu kura għal żmien qasir fl-isptarijiet, nies fil-proċess ta' trattament jew riabilitazzjoni fid-dar u nies li jkunu soġġetti għal iżolament jew kwarantina minħabba riskji epidemjoloġiċi.

2.3. Il-KESE jqis li dan mhuwiex aċċettabbli u jmur kontra l-valuri fundamentali tal-UE u d-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). Dan imur ukoll kontra ħafna atti legali u politiċi internazzjonali, inkluża l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa.

2.4. Il-KESE jappella lill-PE, lill-Kunsill Ewropew u lill-Istati Membri biex jemendaw b'mod urġenti l-Att Elettorali tal-1976 ([2]) billi jiċċaraw il-prinċipji tal-universalità, il-kapaċità diretta u s-segretezza tal-elezzjonijiet, li jippermettu li jiġu implimentati standards fl-UE kollha li jiggarantixxu drittijiet reali tal-vot għall-persuni b'diżabilità, skont l-Artikolu 29 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità. L-istandards għandhom jinkludu tal-inqas l-affarijiet li ġejjin:

([1]) https://www.eesc.europa.eu/mt/node/68473

([2]) ĠU L 278, 8.10.1976, ĠU C 340, 10.11.1997, ĠU L 283, 21.10.2002.

— projbizzjoni li n-nies jiċċaħdu mid-dritt li jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-PE minħabba diżabilità jew status ta' saħħa,

— obbligu li tingħata informazzjoni dwar ir-regoli tal-votazzjoni fil-forma adegwata għall-bżonnijiet li jirriżultaw mit-tip ta' diżabilità,

— individwi li ma jistgħux jaċċessaw il-post tal-votazzjoni tagħhom minħabba d-diżabilità tagħhom jitħallew jivvutaw b'mod indipendenti barra mill-post tal-votazzjoni,

— l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet li jippermettu lil persuni b'diżabilitajiet li jeħtieġu appoġġ sinifikanti – bħal persuni torox-għomja, għomja, b'vista batuta jew li għandhom destrezza manwali limitata – li jivvutaw b'mod indipendenti, mingħajr ma jiddependu fuq l-assistenza minn persuni oħra,

— il-possibbiltà li jinbidel il-post tal-votazzjoni magħżul għal wieħed li huwa aktar adattat għall-ħtiġijiet tal-votanti b'diżabilità,

— id-dritt ta' persuna li tagħżel liberament assistent personali biex jappoġġjaha ħalli teżerċita d-dritt tagħha li tivvota.

2.5. L-implimentazzjoni ta' dawn ir-regoli xorta se tagħti lill-Istati Membri setgħat diskrezzjonali wiesgħa, iżda, madankollu, se tiggarantixxi li mill-2024 kull ċittadin tal-UE se jkollu d-dritt reali li jeleġġi r-rappreżentant tiegħu għall-PE, irrispettivament min-nazzjonalità jew mill-pajjiż ta' residenza.

## 3. **Sitwazzjoni attwali**

3.1. L-ostakli li jiltaqgħu magħhom il-persuni b'diżabilità meta jeżerċitaw id-drittijiet tal-vot tagħhom.

3.1.1. Il-politiċi fl-Ewropa kollha huma konxji mill-fatt li ħafna persuni b'diżabilità ma jistgħux jeżerċitaw id-drittijiet tal-vot tagħhom għax għal ħafna snin, rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet li jittrattaw id-drittijiet ta' persuni b'diżabilità u d-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll persuni individwali b'diżabilità u l-familji tagħhom, kienu qed jitolbu dritt reali għall-vot, mingħajr limitazzjonijiet. Il-President tal-Parlament Ewropew Antonio Tajani, indika wkoll din il-problema fl-ittra li bagħat fl-2017 lill-Prim Ministri tal-Istati Membri kollha, fejn talabhom jieħdu l-miżuri kollha xierqa biex jiżguraw li l-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tal-vot tagħhom matul l-elezzjonijiet tal-2019. Madankollu, ir-riżultat mistenni ma ntlaħaqx.

3.1.2. Fl-20 ta' Marzu 2019, il-KESE bagħat ir-rapport ta' informazzjoni tiegħu *Id-drittijiet reali tal-persuni b'diżabilità li jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew* lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri.

3.1.2.1. Ir-rapport jiddeskrivi b'mod komprensiv l-ostakli legali u tekniċi li jiltaqgħu magħhom il-persuni b'diżabilità fl-Istati Membri kollha tal-UE meta jeżerċitaw id-drittijiet tal-vot tagħhom. Huwa jippreżenta wkoll aktar minn 200 eżempju ta' prattiki tajbin, jiġifieri soluzzjonijiet li jagħmluha aktar faċli għalihom li jieħdu sehem fl-elezzjonijiet.

3.1.2.2. Ir-rapport jipprovdi analiżi tad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità li jipparteċipaw bis-sħiħ fil-ħajja politika, inkluż id-dritt għall-vot, li jirriżulta mill-aktar atti legali u politiċi internazzjonali importanti.

3.1.2.3. Ir-rapport jipprovdi wkoll deskrizzjoni dettaljata tar-regoli fis-seħħ fl-UE li jirregolaw kif jitmexxew l-elezzjonijiet tal-PE u kif dawn ir-regoli jistgħu jiġu emendati.

3.1.3. Il-limitazzjonijiet deskritti fir-rapport ġew ikkonfermati minn rapporti mill-midja Ewropea u mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili mill-aħħar elezzjonijiet tal-PE bejn it-23 u s-26 ta' Mejju 2019.

3.1.4. Matul ix-xahrejn bejn il-pubblikazzjoni tar-rapport f'Marzu u l-elezzjonijiet tal-PE f'Mejju, ġew deċiżi bidliet legali fil-Ġermanja ([3]) u fi Franza ([4]), li jippermettu lin-nies jivvutaw, li qabel kienu ġew imċaħħda minn dak id-dritt. Minkejja dan, il-liġijiet nazzjonali ta' 14-il Stat Membru għadhom jeskludu total ta' madwar 400 000 ċittadin tal-UE milli jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-PE fuq il-bażi ta' diżabilitajiet intellettwali jew problemi ta' saħħa mentali – normalment wara d-deċiżjoni li dawn jiddaħħlu taħt kustodja plenarja jew parzjali.

([3]) https://www.bundesverfassungsgericht.de/SharedDocs/Entscheidungen/EN/2019/04/qs20190415_2bvq002219en.html
([4]) https://www.legifrance.gouv.fr/affichTexte.do?cidTexte=JORFTEXT000038261631&categorieLien=id

3.1.5. L-arranġamenti organizzattivi (limitazzjonijiet tekniċi) li jirriżultaw mir-regoli jew mill-prattiki fl-Istati Membri jwasslu biex miljuni ta' ċittadini tal-UE ma jkunux jistgħu jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-PE. Pereżempju:

— fi tmien Stati Membri, il-persuni li ma jistgħux jaslu fil-post tal-votazzjoni minħabba diżabilità jew mard, inklużi persuni f'istituzzjonijiet tal-kura ta' 24 siegħa, ma għandhom l-ebda mod ieħor biex jivvutaw;

— fi 18-il pajjiż, il-persuni għomja ma jistgħux jivvutaw b'mod indipendenti;

— fi 12-il pajjiż, il-votanti b'diżabilità ma jistgħux jagħżlu l-post tal-votazzjoni preferut tagħhom;

— f'disa' pajjiżi, il-votanti għandhom jiktbu n-numru ta' identifikazzjoni tal-kandidat, isimhom jew l-isem tal-partit li jkunu qed jappoġġjaw fuq il-karta tal-vot, li tikkostitwixxi ostaklu serju, u mhux biss għall-għomja;

— pajjiż wieħed biss tal-UE għandu regoli li jiddefinixxu t-tagħmir u t-tħaddim tal-postijiet tal-votazzjoni sabiex ikunu adattati għall-ħtiġijiet ta' persuni b'diżabilitajiet differenti (dawn japplikaw għal nofs il-postijiet fil-pajjiż).

3.1.6. F'kull wieħed mis-27 pajjiż tal-UE, hemm regoli jew arranġamenti organizzattivi li jċaħħdu lil xi votanti b'diżabilità milli jieħdu sehem fl-elezzjonijiet tal-PE. Madankollu, jekk jiġu implimentati l-aħjar prattiki mill-pajjiżi kollha, ikun hemm sistema ideali li permezz tagħha kull ċittadin tal-UE li jkollu diżabilità mhux biss ikollu l-possibbiltà sħiħa li jivvota, iżda jkun jista' jagħżel ukoll il-metodu ta' kif jivvota bl-aktar mod komdu għalih minn diversi għażliet.

3.1.7. Il-pandemija tal-COVID-19 wasslet lill-pajjiżi li organizzaw l-elezzjonijiet fl-2020 biex jimplimentaw soluzzjonijiet ġodda, ħafna drabi innovattivi, u b'hekk inħolqot il-possibbiltà ta' votazzjoni mingħajr ma wieħed ikollu għaliex imur fil-post tal-votazzjoni, b'hekk titwessa' l-firxa ta' soluzzjonijiet pożittivi applikati fl-Istati Membri li mhumiex utli biss għall-persuni b'diżabilità.

3.1.8. Fis-26 ta' Novembru 2020, il-Parlament Ewropew adotta Riżoluzzjoni dwar ir-rendikont tal-elezzjonijiet tal-PE ([5]), li fiha, filwaqt li rrefera għar-rapport ta' informazzjoni tal-KESE, irrimarka r-restrizzjonijiet serji li jiffaċċjaw il-persuni b'diżabilità meta jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jivvutaw.

3.2. Determinanti demografiċi u tas-saħħa

3.2.1. Skont it-tbassir tal-Eurostat ([6]), il-proporzjon ta' nies li għandhom 65 sena jew aktar fil-popolazzjoni totali tal-UE se tiżdied minn 19,8 % fl-2018 għal 31,3 % fl-2100.

3.2.2. Skont il-Eurostat, "tifla mwielda fl-2015 tista' tistenna li tgħix medja ta' 63,3 sena fi stat ta' saħħa tajjeb, ħieles minn kull forma ta' diżabilità, filwaqt li tifel tat-twelid jista' jistenna li jgħix 62,6 sena mingħajr diżabilità" ([7]). Minħabba li l-medja tal-għomor ta' din il-tifla kienet ta' 83,3 sena u tat-tifel kienet ta' 77,9 sena – bħala medja, nisa li twieldu fl-2015 se jgħixu 20 sena li matulhom jesperjenzaw diżabilità filwaqt li l-irġiel li twieldu fl-istess sena – madwar 15-il sena.

3.2.3. Skont l-istimi tal-Eurostat ([8]), ir-rata ta' persuni b'diżabilità fil-grupp ta' età bejn il-15 u l-64 sena hija ta' bejn il-11 % u l-14 %, skont id-definizzjoni adottata. Jekk id-definizzjoni mogħtija fl-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, irratifikata mill-UE u l-Istati Membri kollha, tintuża bħala referenza, ir-rata taqbeż il-15 %.

3.2.4. Għalhekk jista' jiġi stmat li kważi 20 % taċ-ċittadini adulti tal-UE, madwar 80 miljun persuna, attwalment jesperjenzaw xi forma ta' diżabilità li tagħmilha diffiċli li jiffunzjonaw fil-ħajja ta' kuljum, u din ir-rata se tiżdied b'medja ta' 1 % kull sitt snin.

---

([5]) P9_TA(2020)0327.

([6]) https://ec.europa.eu/eurostat/statisticsexplained/index.php/Population_structure_and_ageing#The_share_of_elderly_people_continues_to_increase

([7]) https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=People_in_the_EU_-_statistics_on_an_ageing_society&oldid=458862

([8]) https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/pdfscache/34409.pdf

3.2.5. Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità tapplika għal persuni "li għandhom indeboliment fiżiku, mentali, intellettwali jew sensorjali fit-tul." Madankollu, il-KESE jenfasizza li persuni oħra, li mhumiex formalment ikkunsidrati li għandhom diżabilità minħabba li l-indeboliment tagħhom huwa temporanju, ukoll jesperjenzaw l-istess limitazzjonijiet f'dak li għandu x'jaqsam mal-possibbiltà tal-votazzjoni.

3.2.5.1. Dan jinkludi, pereżempju, pazjenti fi sptar għal żmien qasir u persuni li jkunu qed jiġu trattati jew riabilitati fid-dar li, minħabba l-limitazzjonijiet temporanji kkawżati mill-istat attwali tas-saħħa tagħhom, ma jkunux jistgħu jivvutaw f'post tal-votazzjoni. Dan jista' japplika għal diversi mijiet ta' eluf ta' pazjenti fl-UE.

3.2.5.2. Dan jista' jkun importanti wkoll għal persuni li, minħabba riskju epidemjoloġiku, huma soġġetti għal restrizzjonijiet fuq il-moviment, inkluż l-iżolament f'istituzzjoni magħluqa jew li ma jkunux jistgħu joħorġu minn darhom. L-esperjenza mill-pandemija tal-COVID-19 turi li ħafna miljuni ta' ċittadini tal-UE jistgħu jiġu affettwati fl-istess ħin.

## 4. Il-qafas legali u politiku internazzjonali l-iktar importanti li japplika għad-drittijiet tal-vot tal-persuni b'diżabilità

4.1. L-Artikolu 21 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, adottata fl-10 ta' Diċembru 1948, jiddikjara li "Kulħadd għandu d-dritt li jieħu sehem fil-gvern ta' pajjiżu, direttament jew permezz ta' rappreżentanti magħżula liberament".

4.2. Skont l-Artikolu 25 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, adottat mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fis-16 ta' Diċembru 1966, "Kull ċittadin għandu jkollu d-dritt u l-opportunità, mingħajr l-ebda distinzjoni msemmija fl-Artikolu 2 tal-ICCPR u mingħajr restrizzjonijiet mhux raġonevoli li:[…] jivvota […]."

4.3. Il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità tan-NU, li daħlet fis-seħħ fit-3 ta' Mejju 2008:

— teħtieġ li l-Istati Partijiet "jassiguraw li persuni b'diżabilità jistgħu jipparteċipaw b'mod effettiv u bis-sħiħ fil-politika u fil-ħajja pubblika fuq livell ugwali daqs l-oħrajn, […] inkluż id-dritt u l-opportunità […] li jivvutaw" u tistabilixxi numru ta' miżuri li jippermettu li dan iseħħ, filwaqt li teħtieġ li "l-proċeduri tal-votazzjoni, il-faċilitajiet u l-materjal [ikunu] adattati, aċċessibli u faċli biex jiġu mifhuma u użati" (Artikolu 29);

— tenfasizza li "persuni b'diżabilità għandhom id-dritt għar-rikonoxximent kullimkien bħala persuni quddiem il-liġi" u li "jgawdu l-kapaċità legali fuq bażi ugwali mal-oħrajn fl-aspetti kollha tal-ħajja" (Artikolu 12);

— teħtieġ li l-persuni b'diżabilità jkollhom aċċess għall-"bini, toroq, trasport u faċilitajiet oħra fuq ġewwa u fuq barra" [traduzzjoni mhux uffiċjali] li jintużaw b'mod komuni (Artikolu 9).

4.4. Il-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità nnota fl-2015 *"li madwar l-Unjoni Ewropea, il-persuni b'diżabilità, speċjalment dawk imċaħħda mill-kapaċità legali tagħhom jew li jirrisjedu f'istituzzjonijiet, ma jistgħux jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jivvutaw fl-elezzjonijiet u li l-parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet mhijiex kompletament aċċessibbli"* u rrakkomanda li *"jittieħdu l-miżuri meħtieġa … biex il-persuni kollha b'kull tip ta' diżabilità jkunu jistgħu jgawdu d-dritt tagħhom li jivvutaw"* ([9]) [traduzzjoni mhux uffiċjali].

4.5. It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jistipula b'mod ċar, fl-Artikolu 20(2)(b), li "ċ-Ċittadini tal-Unjoni […] għandu jkollhom, fost l-oħrajn: […] id-dritt tal-vot […] fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew […] fl-Istat Membru fejn huma jirrisjedu, taħt l-istess kondizzjonijiet bħaċ-ċittadini ta' dak l-Istat."

4.6. Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea tikkonferma, fl-Artikolu 39, id-dritt taċ-ċittadini kollha tal-UE li jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-PE. Barra minn hekk, fl-Artikolu 21(1) il-Karta tisħaq li "Kull diskriminazzjoni bbażata fuq kwalunkwe raġuni bħal […] diżabilità […] għandha tiġi pprojbita." L-Artikolu 26 jiddikjara li "L-Unjoni tirrikonoxxi u tirrispetta d-drittijiet tal-persuni b'diżabilità li jibbenefikaw minn miżuri intiżi sabiex jiżguraw […] il-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja tal-komunità" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

([9]) Osservazzjonijiet konklużivi dwar ir-Rapport inizjali lill-Unjoni Ewropea

4.7. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa tas-16 ta' Novembru 2011 ([10]) tafferma mill-ġdid li l-persuni kollha b'diżabilità għandhom id-dritt li jipparteċipaw fil-ħajja politika u pubblika fuq bażi ugwali ma' oħrajn u "li polza tal-votazzjoni u faċilitajiet aċċessibbli għandhom ikunu disponibbli fil-ħin tal-votazzjoni."

## 5. **Azzjonijiet li għandhom jittieħdu**

5.1. Il-KESE jenfasizza li b'konformità mal-Artikolu 10(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (verżjoni konsolidata) "fil-livell tal-Unjoni, iċ-ċittadini huma rappreżentati direttament fil-Parlament Ewropew." L-Artikolu 14(3) tat-Trattat jiddikjara li "Il-membri tal-Parlament Ewropew għandhom jiġu eletti b'vot dirett universali li hu liberu u sigriet." Dawn id-dispożizzjonijiet ma jipprovdu l-ebda bażi għal kwalunkwe divrenzjar fid-dritt tal-vot fl-elezzjonijiet tal-PE bejn persuni b'diżabilità skont iċ-ċittadinanza tagħhom jew il-pajjiż ta' residenza.

5.2. Bħalissa hemm ħafna eżempji fl-UE ta' divrenzjar mhux ġustifikata fid-drittijiet tal-persuni b'diżabilità u, għalhekk, diskriminazzjoni kontrihom. Pereżempju:

— persuna b'ċittadinanza ta' żewġ Stati Membri tal-UE tista', skont id-dokument tal-identità li tkun għażlet, jew tivvota b'mod kompletament indipendenti jew tkun imċaħħda mid-dritt tal-vot minħabba d-diżabilità intellettwali tagħha;

— persuna li tkun fis-sodda u li tkun teħtieġ kura 24 siegħa kuljum ma tistax tivvota minħabba li ma tkunx tista' tasal sal-post tal-votazzjoni u ma jkunx hemm possibbiltà oħra li tivvota fil-pajjiż ta' residenza. Madankollu, jekk l-istess persuna tgħix f'pajjiż ieħor tal-UE, tista' tivvota liberament bil-posta, permezz ta' kaxxa tal-vot mobbli jew permezz tal-Internet;

— persuna għamja fi Stat Membru wieħed tista' tivvota b'mod indipendenti għalkollox, mingħajr ebda appoġġ, iżda jekk tgħix f'pajjiż ieħor ikun impossibbli – tista' tivvota biss f'post tal-votazzjoni bl-għajnuna ta' persuna oħra;

— xi ħadd bil-marda ta' Parkinson ikun jista' jivvota b'mod indipendenti f'pajjiż fejn il-votazzjoni tkun ibbażata fuq sinjal grafiku sempliċi (eż. "X") jew l-għażla tal-kard rilevanti minn pakkett ta' kards li jkun irċieva, iżda f'pajjiż fejn ikun meħtieġ li jinkiteb numru, isem jew kunjom b'mod li jinqara fuq il-vot jiffaċċja ostaklu li ma jistax jingħeleb;

— xi ħadd bi kwistjonijiet serji ta' mobilità (eż. li jeħtieġ il-krozzi jew siġġu tar-roti) ikun jista' jagħżel post tal-votazzjoni xieraq f'xi pajjiżi, filwaqt li pajjiżi oħra ma jippermettux għażla ħielsa tal-postijiet tal-votazzjoni, li ta' spiss ma tħallix lil dawn in-nies jipparteċipaw fl-elezzjonijiet.

Il-KESE jqis li sitwazzjonijiet bħal dawn mhumiex aċċettabbli u jmorru kontra l-valuri bażiċi tal-UE u d-dispożizzjonijiet tat-TUE.

5.3. L-Istati Membri huma responsabbli biex jorganizzaw l-elezzjonijiet tal-PE u jistabbilixxu r-regoli tagħhom. Madankollu, is-setgħa diskrezzjonali tagħhom hija limitata mil-liġi tal-UE. L-Att Elettorali tal-1976, li huwa l-bażi legali għall-elezzjonijiet tal-PE, jistabbilixxi rekwiżiti li xi drabi huma differenti mir-regoli tal-Istati Membri għall-elezzjonijiet lokali jew nazzjonali ([11]). Il-KESE jemmen li l-emendar ta' dan l-Att billi l-Istati Membri jintalbu jimplimentaw standards li jiggarantixxu lill-persuni b'diżabilità dritt ġenwin għall-vot huwa mod adatt u rapidu biex jitneħħew il-prattiki eżistenti li jiddiskriminaw kontra dawn iċ-ċittadini tal-UE.

5.3.1. Il-KESE jemmen li l-prinċipju tal-vot universali stabbilit fl-Artikolu 1(3) ta' dan l-Att għandu jiġi ċċarat billi jiġi ddikjarat li l-ebda ċittadin tal-UE ma jista' jiġi mċaħħad mid-dritt tiegħu li jivvota fl-elezzjonijiet tal-PE minħabba kundizzjoni ta' diżabilità jew saħħa abbażi ta' regolamenti nazzjonali.

5.3.2. Il-KESE jqis li huwa essenzjali li jiġu ċċarati l-prinċipji tad-direzzjoni u s-segretezza tal-elezzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1(3) ta' dan l-Att billi jiġi ddikjarat li meta jiġu stabbiliti l-prinċipji dettaljati tal-votazzjoni, l-Istati Membri huma meħtieġa li:

— jippermettu lil persuni li, minħabba diżabilità, ma jkunux jistgħu jivvutaw f'post tal-votazzjoni biex jitfgħu l-voti tagħhom direttament u indipendentement,

— jipprovdu informazzjoni dwar regoli ta' votazzjoni f'forma adattata għall-ħtiġijiet li jirriżultaw minn kull tip ta' diżabilità,

([10]) Recommendation CM/Rec(2011)14 (Rakkomandazzjoni CM/Rec (2011)14 – mhux disponibbli bil-Malti)
([11]) Ahttps://www.eesc.europa.eu/mt/node/68473 — Parti 4.

— jiddeċiedu dwar it-tip ta’ metodu ta’ votazzjoni u jimplimentaw l-arranġamenti tekniċi meħtieġa għal persuni b’diżabilità li jeħtieġu appoġġ sinifikanti – bħal persuni torox-għomja, għomja, b’vista batuta jew li għandhom destrezza manwali limitata – biex ikunu jistgħu jivvutaw b’mod indipendenti mingħajr l-għajnuna ta’ oħrajn,

— jiggarantixxu li l-persuni kollha li għandhom diżabilità jkollhom il-possibbiltà li jibdlu l-post tal-votazzjoni magħżul tagħhom jekk iqisu li post differenti jkun aktar adattat għad-diżabilità tagħhom,

— jiżguraw li l-votanti kollha b’diżabilità jkollhom id-dritt li jagħżlu liberament il-persuna li se tgħinhom jivvutaw (assistent personali).

5.4. Il-KESE jemmen li huwa possibbli li jittieħed vantaġġ mir-rikkezza ta’ esperjenza pożittiva ta’ ħafna pajjiżi biex jimplimentaw malajr is-soluzzjonijiet proposti, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi u t-tradizzjonijiet elettorali ta’ kull Stat Membru.

5.4.1. 17-il pajjiż tal-UE diġà għandhom fis-seħħ arranġamenti għall-kaxxa tal-vot mobbli għal ċerti gruppi ta’ votanti. Fi tmien pajjiżi, in-nies jistgħu jivvutaw bil-posta. F’pajjiż wieħed huwa possibbli li wieħed jivvota onlajn. Xi pajjiżi tal-UE jorganizzaw postijiet tal-votazzjoni magħluqa f’faċilitajiet ta’ kura ta’ 24 siegħa. Dawn is-soluzzjonijiet jippermettu lin-nies li ma jkunux jistgħu jaslu fil-post tal-votazzjoni deżinjat tagħhom biex jivvutaw.

5.4.2. Disa’ Stati Membri implimentaw soluzzjonijiet biex il-persuni għomja jivvutaw b’mod indipendenti. Dan jieħu l-forma ta’ kisjiet speċjali għall-polza tal-votazzjoni li fuqhom jitqiegħed simbolu grafiku sempliċi meta ssir il-votazzjoni, jew jinvolvi t-tħejjija ta’ pakketti għall-karti tal-votazzjoni miktubin bil-Braille sabiex il-votant ikun jista’ jsib il-karta t-tajba faċilment biex ipoġġiha fil-kaxxa tal-vot. Il-kisi speċjali huwa wkoll ta’ għajnuna kbira għal nies neqsin mid-dawl kif ukoll għal dawk b’nuqqas ta’ destrezza manwali. Pajjiżi li bħalissa jeħtieġu li l-votanti jinkludu n-numru konsekuttiv jew il-kunjom ta’ kandidat fuq il-karta tal-vot jistgħu jibbenefikaw minn dan l-għarfien espert jekk jiddeċiedu li jbiddlu s-sistema għal waħda aktar konvenjenti.

5.4.3. 15-il pajjiż jipprovdu lill-votanti bil-possibbiltà li jibdlu l-postijiet tal-votazzjoni, tal-inqas meta dan ikun iġġustifikat minn diżabilità. F’10 pajjiżi huwa possibbli tal-inqas għal ċerti gruppi ta’ persuni li jivvutaw minn qabel, ħafna drabi f’faċilitajiet li jkunu adattati għall-ħtiġijiet ta’ persuni b’tipi differenti ta’ diżabilitajiet. Minħabba li l-ebda pajjiż tal-UE ma għandu l-postijiet tal-votazzjoni tiegħu kollha adattati għal persuni b’kull tip ta’ diżabilità, l-għoti tad-dritt lill-votanti li jagħżlu liberament il-post xieraq huwa l-unika soluzzjoni xierqa.

5.4.4. F’ħafna pajjiżi, kwalunkwe persuna magħżula mill-votanti b’diżabilità tista’ twettaq il-funzjoni ta’ assistent matul l-elezzjonijiet. Madankollu, grupp kbir ta’ pajjiżi jillimita d-dritt li assistent jintgħażel liberament. Dan jista’ jitqies ġustifikabbli biss f’sitwazzjoni fejn tintgħażel persuna li tkun qed twettaq dmirijiet oħra fl-istess ħin (pereżempju, membru tal-kummissjoni elettorali jew osservatur). F’każijiet oħra, ir-restrizzjonijiet mhumiex iġġustifikati u l-proċedura għall-għażla ta’ assistent, użata f’xi pajjiżi, hija detrimentali għad-dinjità tal-votanti b’diżabilità.

5.5. L-implimentazzjoni ta’ dawn il-prinċipji bl-ebda mod ma tillimita s-setgħa diskrezzjonali tal-Istati Membri, u tiggarantixxi li kull ċittadin tal-UE li għandu diżabilità jkollu dritt reali li jeleġġi r-rappreżentant tiegħu fil-PE irrispettivament min-nazzjonalità jew mill-pajjiż ta’ residenza. Il-KESE jemmen li huwa essenzjali li jiġu adottati dawn il-prinċipji sabiex l-elezzjonijiet li jmiss tal-PE jkunu jistgħu jitqiesu verament universali.

5.5.1. L-Artikolu 223(1) tat-TFUE jipprevedi li “Il-Parlament Ewropew għandu jħejji proposta bil-ħsieb li jiġu stabbiliti d-dispożizzjonijiet meħtieġa sabiex il-membri tiegħu jiġu eletti b’vot dirett universali skont il-poċedura uniformi fl-Istati Membri kollha jew skont il-prinċipji komuni għall-Istati Membri kollha. Il-Kunsill, li jaġixxi b’mod unanimu skont il-proċedura leġislattiva speċjali u wara l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew, li għandha tingħata b’maġġoranza tal-membri komponenti tiegħu għandu jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jidħlu fis-seħħ wara l-approvazzjoni tagħhom mill-Istati Membri, skont il-ħtiġijiet kostituzzjonali rispettivi tagħhom.”

5.5.2. Fid-dawl ta’ dan u bil-għan li jiġi żgurat li ċ-ċittadini kollha tal-UE li għandhom diżabilità jkollhom id-dritt li jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-PE fl-2024, il-KESE jappella li:

— Il-Parlament Ewropew għandu jfassal b’urġenza abbozz ta’ emenda għall-Att Elettorali tal-1976,

— Il-Kunsill Ewropew għandu jistabbilixxi regoli riveduti skont l-objettivi stabbiliti f'din l-Opinjoni,

— L-Istati Membri għandhom japprovaw ir-regoli stabbiliti mill-Kunsill mingħajr dewmien żejjed.

5.5.2.1. Il-KESE huwa konxju li ħafna proposti, spiss kontroversjali, biex jiġu emendati r-regoli li jirregolaw l-elezzjonijiet tal-PE ġew diskussi f'dawn l-aħħar snin. Madankollu, jemmen li l-proposti dwar id-drittijiet tal-vot tal-persuni b'diżabilità għandhom jiġu esklużi minn dan id-dibattitu ġenerali u għandhom jitressqu bħala proġett separat, peress li dan l-approċċ biss joffri l-prospett li jintlaħaq kunsens wiesa' u li l-bidliet proposti jiġu implimentati malajr. L-introduzzjoni ta' standards għall-eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot minn persuni b'diżabilità tista' tipprovdi wkoll bażi tajba għal inizjattivi futuri simili dwar kwistjonijiet oħra mqajma mill-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Novembru 2020 [12].

Brussell, it-2 ta' Diċembru 2020.

Christa SCHWENG
*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*

[12] Punt 23 tar-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 November 2020 dwar ir-rendikont tal-elezzjonijiet Ewropej (2020/2088 (INI)); P9_TA(2020)0327.

III

*(Atti preparatorji)*

# IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

## IL-556 SESSJONI PLENARJA TAL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW – INTERACTIO, 2.12.2020–3.12.2020

## Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ħlas transkonfinali fl-Unjoni (kodifikazzjoni)”

*[COM(2020) 323 final — 2020/0145 (COD)]*

(2021/C 56/05)

Relatur: **Gonçalo LOBO XAVIER**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Parlament Ewropew, 23.7.2020 |
| | Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 15.10.2020 |
| Bażi legali | Artikolu 114(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Sezzjoni kompetenti | Is-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum |
| Adottata fis-sezzjoni | 10.11.2020 |
| Adottata fil-plenarja | 3.12.2020 |
| Sessjoni plenarja Nru | 556 |
| Riżultat tal-votazzjoni<br>(favur/kontra/astensjonijiet) | 242/2/5 |

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jilqa’ l-proposta tal-Kummissjoni dwar il-ħlas transkonfinali fl-Unjoni li għandha l-għan li tnaqqas l-ispejjeż għall-ħlasijiet transkonfinali bl-euro u li ġġib aktar trasparenza rigward l-imposti fuq il-kambju tal-munita.

1.2. Il-KESE japprova l-fatt li l-Kummissjoni għandha tanalizza possibbiltajiet ulterjuri – u l-fattibbiltà teknika ta’ dawk il-possibbiltajiet – li testendi r-regola dwar l-imposti ugwali għall-muniti kollha tal-Unjoni u li ttejjeb aktar it-trasparenza u l-komparabbiltà tal-imposti fuq il-kambju tal-munita. L-estensjoni tar-regola dwar l-imposti ugwali għall-muniti kollha tal-Unjoni tmur saħansitra lil hinn fl-approfondiment tas-suq intern u tevita kwalunkwe diskriminazzjoni kontra ċittadini li jgħixu barra miż-żona tal-euro u li jistgħu, pereżempju, jibdew tranżazzjoni transkonfinali f’munita differenti mill-euro.

1.3. Fir-rigward tas-sottomissjoni u l-perjodu ta’ kopertura ta’ din l-Opinjoni li għandha l-għan li tevalwa diversi aspetti tal-impatt tal-proposta għal Regolament, il-KESE jaqbel mal-fatt li din għandha tiġi ppreżentata l-aktar tard sad-19 ta’ April 2022 u tkopri tal-inqas il-perjodu mill-15 ta’ Diċembru 2019 sad-19 ta’ Ottubru 2021.

1.4. Peress li din hija kodifikazzjoni u minħabba li l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni qablu, bi ftehim interistituzzjonali datat fl-20 ta' Diċembru 1994, li tista' tintuża proċedura aċċellerata għall-adozzjoni rapida ta' atti ta' kodifikazzjoni (peress li l-ebda bidla ma tista' ssir fuq l-atti soġġetti għal kodifikazzjoni), il-KESE japprova bis-sħiħ l-20 ta' April 2021 bħala d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament attwali.

## 2. **Il-proposta tal-Kummissjoni**

2.1. Fil-kuntest ta' Ewropa tal-poplu, il-Kummissjoni tpoġġi l-enfasi fuq is-simplifikazzjoni u l-kjarifika tad-dritt tal-Unjoni sabiex tagħmlu aktar ċar u aċċessibbli għaċ-ċittadini. Ma jistax jintlaħaq dan l-objettiv jekk bosta dispożizzjonijiet li ġew emendati ħafna drabi, spiss b'mod sostanzjali, jibqgħu mferrxin bejn l-att oriġinali u atti sussegwenti li jemendaw l-att oriġinali. Hemm bżonn għalhekk ta' xogħol ta' riċerka konsiderevoli li jqabbel ħafna atti differenti ma' xulxin sabiex jiġu identifikati r-regoli attwalment fis-seħħ. Għal din ir-raġuni, huwa essenzjali wkoll li ssir kodifikazzjoni ta' regoli li ġew emendati ta' sikwit sabiex il-liġi tkun ċara u trasparenti ([1]).

2.2. L-għan ta' din il-proposta tal-Kummissjoni, COM(2020) 323 final, huwa li ssir il-kodifikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 924/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]). Ir-Regolament (KE) Nru 924/2009 ġie emendat mir-Regolament (UE) Nru 260/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) u sussegwentement mir-Regolament (UE) 2019/518 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]).

2.3. Ir-Regolament il-ġdid jissostitwixxi d-diversi atti inkorporati fih; il-proposta attwali tħares bis-sħiħ il-kontenut tal-atti li qegħdin jiġu kkodifikati u għalhekk kull ma tagħmel huwa li tgħaqqadhom flimkien mal-emendi formali biss li huma meħtieġa għall-eżerċizzju ta' kodifikazzjoni nnifsu ([5]).

## 3. **Kummenti ġenerali**

3.1. Il-ħlasijiet transkonfinali huma kruċjali għall-integrazzjoni tal-ekonomija tal-UE, u għandhom rwol importanti biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini u l-intrapriżi mill-Istati Membri kollha tal-UE jgawdu l-istess drittijiet offruti mis-suq uniku ([6]). Fil-fatt, il-ħlasijiet huma element ewlieni tas-suq uniku li jinkludi l-moviment liberu tal-prodotti, il-persuni, is-servizzi u l-kapital. Kif iddikjarat fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni *Impact Assessment Accompanying the document Proposal for a Regulation of the European Parliament and of the Council amending Regulation (KE) Nru 924/2009 as regards certain charges on cross-border payments in the Union and currency conversion charge (Valutazzjoni tal-Impatt li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 924/2009 fir-rigward ta' ċerti imposti fuq ħlas transkonfinali fl-Unjoni u l-imposti fuq il-kambju tal-munita)* ([7]), spejjeż għoljin ta' ħlasijiet transkonfinali qed joħolqu ostakoli għas-suq uniku – ostakli effettivi għal attivitajiet transkonfinali tal-unitajiet domestiċi (xiri ta' oġġetti/servizzi f'żona b'munita oħra) u tal-intrapriżi (jintużaw fornituri li jinsabu barra mill-pajjiż, jintlaħqu klijenti f'żona b'munita oħra) (…). Spejjeż għoljin ta' ħlasijiet transkonfinali joħolqu wkoll żewġ kategoriji ta' utenti ta' servizzi ta' pagament: dawk fiż-żona tal-euro li, bil-pagamenti tagħhom, jistgħu jilħqumaġġoranza ta' ċittadini u negozji tal-UE bi spejjeż baxxi ħafna, u dawk fil-pajjiżi mhux fiż-żona tal-euro li jistgħu jilħqu biss numru żgħir ta' nies u negozji bi ħlasijiet bi prezz baxx. Biex jiġu indirizzati dawn iż-żewġ kwistjonijiet, azzjoni leġiżlattiva fil-livell tal-UE hija l-aktar rispons effettiv, u hija konformi mal-objettivi tat-Trattati.

3.2. Sa mill-introduzzjoni tal-euro, l-UE wettqet bosta inizjattivi li għandhom l-għan li jnaqqsu l-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet transkonfinali ([8]). Maż-żmien, il-leġiżlazzjoni relatata mal-ħlasijiet transkonfinali avvanzat permezz ta' passi differenti li kellhom l-għan li jnaqqsu l-ispejjeż għaċ-ċittadini u l-intrapriżi fiż-żona tal-euro. Madankollu, kif iddikjarat fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni msemmi hawn fuq ([9]), ħlasijiet transkonfinali bl-euro li joriġinaw minn pajjiżi mhux fiż-żona tal-euro kif ukoll ħlasijiet transkonfinali mhux bl-euro, ikun x'ikun il-pajjiż tal-oriġini jew id-destinazzjoni, ma segwewx l-istess tendenza f'dak li jirrigwarda l-livell ta' tariffi mħallsa mill-utenti ta' servizzi ta' pagament.

---

([1]) COM(2020) 323 final.

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 924/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-ħlas transkonfinali fil-Komunità u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2560/2001 (ĠU L 266, 9.10.2009, p. 11).

([3]) ĠU L 94, 30.3.2012, p. 22.

([4]) ĠU L 91, 29.3.2019, p. 36.

([5]) COM(2020) 323 final.

([6]) Ara l-Briefing tal-PE *Cross-border euro transfers and currency conversions – A step forward in favour of the single market* (Trasferimenti transkonfinali bl-euro u kambji tal-munita – Pass 'il quddiem favur is-suq uniku) https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/BRIE/2018/628291/EPRS_BRI(2018)628291_EN.pdf

([7]) Ara https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/PDF/?uri=CONSIL%3AST_7844_2018_ADD_1&from=FR (mhux disponibbli bil-Malti)

([8]) Ara pereżempju r-Regolament SEPA (UE) Nru 260/2012, li introduċa sett ta' standards għal tranżazzjonijiet bl-euro (trasferimenti ta' kreditu SEPA, debiti diretti SEPA), jew id-Direttivi dwar is-Servizzi ta' Ħlas li żiedu t-trasparenza tat-tariffi u ppermettew lill-atturi l-ġodda jidħlu fis-suq.

([9]) Ara https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/PDF/?uri=CONSIL%3AST_7844_2018_ADD_1&from=FR (mhux disponibbli bil-Malti)

3.3. Il-proposta attwali tal-Kummissjoni tirrappreżenta pass ieħor fid-direzzjoni biex jitnaqqsu l-ispejjeż operattivi. Din temenda r-Regolament (KE) Nru 924/2009 bil-għan li:

(a) jitnaqqsu l-ispejjeż għal ħlasijiet transkonfinali bl-euro: fi kliem ieħor, il-prezz tat-tranżazzjonijiet ta' ħlasijiet transkonfinali intra-UE bl-euro m'għandux ikun differenti minn dak ta' tranżazzjonijiet domestiċi magħmula fil-munita nazzjonali tal-Istati Membri. L-Istati Membri li m'għandhomx l-euro bħala l-munita nazzjonali tagħhom jistgħu jiddeċiedu li jestendu l-applikazzjoni tar-Regolament attwali għall-munita nazzjonali tagħhom (inklużjoni fakultattiva), sakemm dawn jinnotifikaw lill-Kummissjoni kif meħtieġ;

(b) tinġieb aktar trasparenza rigward l-imposti fuq il-kambju tal-munita, sabiex jiġu protetti l-konsumaturi kontra imposti eċċessivi għal servizzi ta' kambju tal-munita u jiġi żgurat li jingħataw l-informazzjoni li jeħtieġu biex jagħmlu l-aħjar għażla tal-kambju tal-munita ([10]).

3.4. Iż-żewġ azzjonijiet proposti mill-Kummissjoni jirrappreżentaw pass 'il quddiem biex jiġu pprovduti opportunitajiet indaqs lill-SMEs kullimkien fl-Ewropa, u biex jiġi sfruttat il-potenzjal tas-suq uniku ([11]). L-SMEs li jinsabu fiż-żona tal-euro jiksbu domanda potenzjalment ogħla mill-konsumaturi u l-intrapriżi bbażati fi Stati Membri mhux fiż-żona tal-euro (fejn tariffi għoljin għal ħlasijiet transkonfinali jikkostitwixxu ostakolu sinifikanti). Min-naħa tagħhom, l-SMEs ibbażati fi Stati Membri mhux fiż-żona tal-euro jkollhom aċċess bi spejjeż baxxi għal 360 miljun ċittadin (klijenti potenzjali) u 16-il miljun intrapriża taż-żona tal-euro (klijenti u fornituri). Għalhekk, ikunu jistgħu jikkompetu aħjar fis-suq tal-UE ([12]). Impatt ieħor mistenni huwa l-promozzjoni ta' ugwaljanza akbar bejn iċ-ċittadini Ewropej rigward l-aċċess għal ħlasijiet transkonfinali bi spiża baxxa.

## 4. **Kummenti speċifiċi**

4.1. Ir-Regolament (KE) Nru 924/2009 dwar il-ħlas transkonfinali ġab fl-istess livell, fl-UE, it-tariffi għall-ħlasijiet transkonfinali bl-euro intra-UE u t-tariffi għall-pagamenti domestiċi bl-euro (jiġifieri għal tranżazzjonijiet fl-istess Stat Membru). L-Istati Membri tal-UE barra ż-żona tal-euro jistgħu jiddeċiedu li jestendu l-applikazzjoni tar-Regolament attwali għall-munita nazzjonali tagħhom, sakemm jinnotifikaw lill-Kummissjoni kif meħtieġ.

4.2. Għalkemm il-proposta għal Regolament tikkostitwixxi pass importanti lejn l-approfondiment tas-suq intern, ta' min jirrifletti fuq il-possibbiltà li r-regola dwar l-imposti ugwali tiġi estiża għall-muniti kollha tal-Unjoni, kif imsemmi fil-premessa 12. Fil-fatt, jistgħu jiġu osservati sitwazzjonijiet fejn xi banek li jinsabu fi Stati Membri barra miż-żona tal-euro jitolbu ħlas ta' bejn EUR 15 u 30 għal tranżazzjoni transkonfinali ta' ammont ekwivalenti għal EUR 100.

4.3. L-estensjoni tar-regola dwar l-imposti ugwali għall-muniti kollha tal-Unjoni tkun ta' benefiċċju għall-konsumaturi ta' servizzi finanzjarji li jkunu ttrattati indaqs, indipendentement mill-Istat Membru jew mill-munita li biha jagħmlu tranżazzjoni transkonfinali. L-estensjoni tar-regola dwar l-imposti ugwali għall-muniti kollha tal-Unjoni tkun pass saħansitra aktar ambizzjuż, peress li timplika li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jallinjaw it-tariffi tagħhom għat-tranżazzjonijiet transkonfinali kollha bejn il-pajjiżi tal-UE fi kwalunkwe munita tal-UE mat-tranżazzjonijiet domestiċi, inklużi tranżazzjonijiet f'muniti li mhumiex dawk tal-pajjiż mittenti jew riċevitur. L-utenti ta' servizzi ta' pagament ċertament jibbenefikaw minn għażla bħal din, iżda din timplika spejjeż sinifikanti għall-fornituri ta' servizzi ta' pagament, fost l-oħrajn, f'termini ta' infrastruttura ([13]).

4.4. Il-Kummissjoni Ewropea għandha mingħajr dubju tirrifletti aktar dwar din il-possibbiltà, billi tanalizza l-benefiċċji u l-ispejjeż għall-partijiet ikkonċernati kollha.

---

([10]) Ara https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/BRIE/2018/628291/EPRS_BRI(2018)628291_EN.pdf (mhux disponibbli bil-Malti)

([11]) Ara https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/BRIE/2018/628291/EPRS_BRI(2018)628291_EN.pdf .

([12]) Ara https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/PDF/?uri=CONSIL%3AST_7844_2018_ADD_1&from=FR (mhux disponibbli bil-Malti)

([13]) Ara https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/PDF/?uri=CONSIL%3AST_7844_2018_ADD_1&from=FR (mhux disponibbli bil-Malti)

4.5. Il-KESE jemmen li, f'reviżjoni futura tar-regolament, ikun rilevanti li tiġi ċċarata s-sitwazzjoni tat-tariffi fuq l-introjtu tal-kontijiet, li ssir riflessjoni ulterjuri dwar l-informazzjoni li għandha tingħata lill-klijenti qabel il-bidu ta' ordni ta' pagament, u li jissemma b'mod espliċitu l-mument meta n-notifika elettronika għandha tintbagħat u b'liema frekwenza.

Brussell, it-3 ta' Diċembru 2020.

Christa SCHWENG
*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — L-Aġenda u l-Pjan tal-Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi 2021-2025"**

*[COM(2020) 606 final]*

(2021/C 56/06)

Relatur ġenerali: **Ákos TOPOLÁNSZKY**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Kummissjoni Ewropea, 23.9.2020 |
| Bażi legali | Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza |
| Deċiżjoni tal-Bureau | 15.9.2020 |
| Adottata fil-plenarja | 3.12.2020 |
| Sessjoni plenarja Nru | 556 |
| Riżultat tal-votazzjoni<br>(favur/kontra/astensjonijiet) | 246/1/3 |

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. L-istrateġija li jmiss tal-UE dwar id-drogi issottolinjat u wriet ir-rwol u l-importanza ta' ppjanar bilanċjat u bbażat fuq l-evidenza, kif ukoll il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politika dwar id-drogi.

1.2. Madankollu, ir-rapport ta' evalwazzjoni esterna tal-istrateġija tal-UE dwar id-drogi kkonkluda li l-UE laħqet biss parzjalment il-miri tagħha dwar it-tnaqqis tad-domanda u l-provvista, filwaqt li sar progress sinifikanti fl-oqsma ta' kooperazzjoni internazzjonali u monitoraġġ, kif ukoll tal-evalwazzjoni u r-riċerka. Ir-rapport identifika żbilanċi fl-użu tar-riżorsi finanzjarji, b'mod partikolari għad-detriment tal-interventi għat-tnaqqis tad-domanda.

1.3. Ir-rieżami mwettaq mill-Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Drogi stabbilit mill-Kummissjoni Ewropea enfasizza nuqqasijiet importanti fl-implimentazzjoni tal-interventi tas-saħħa u soċjali fil-livell tal-Istati Membri u dak lokali. Fil-maġġoranza tal-Istati Membri, ħafna interventi ta' prevenzjoni jew tnaqqis tal-ħsara bbażati fuq l-evidenza huma kompletament nieqsa jew għandhom kopertura baxxa.

1.4. Fl-24 ta' Lulju 2020, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat l-istrateġija l-ġdida tagħha dwar l-Unjoni tas-Sigurtà 2020-2025, li l-aġenda dwar id-drogi hija element wieħed minnha. Il-KESE jqis li din l-aġenda, fil-forma attwali tagħha, turi rigressjoni ċara u abbandun tal-approċċ konsenswali, ibbilanċjat u bbażat fuq l-evidenza li ġie segwit s'issa fil-ġlieda kontra d-drogi, u li kien ġie evalwat b'mod pożittiv.

1.5. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni meħuda mill-Grupp ta' Ħidma Orizzontali tal-Kunsill Ewropew dwar id-Drogi fil-laqgħa tiegħu tat-28 ta' Settembru, li tistieden lill-Presidenza Ġermaniża tal-Kunsill biex sa Diċembru tfassal mill-ġdid id-dokument tal-Kummissjoni Ewropea. Il-KESE jemmen bis-sħiħ li jenħtieġ li jiġi segwit u msaħħaħ dejjem iżjed, fil-qafas tal-għaxar strateġija kontra d-drogi tal-UE, l-approċċ tekniku u l-politiki pubbliċi li jiffurmaw il-bażi konsenswali tal-istrateġija preċedenti fil-qasam ikkonċernat.

1.6. L-UE trid tirrispetta u tiddefendi bis-sħiħ il-valuri fundamentali stabbiliti fl-istrateġija attwali tagħha u timpenja ruħha għal dan fid-dokument ta' strateġija tagħha.

1.7. Il-KESE jirrakkomanda li l-istrateġija l-ġdida dwar id-drogi u l-pjan(i) ta' azzjoni l-ġdid(ġodda) tal-UE f'dan il-qasam itejbu b'mod sinifikanti l-bilanċ bejn l-interventi ta' tnaqqis tad-domanda u dawk għat-tnaqqis tal-ħsara, kemm f'termini tal-għadd ta' interventi strateġiċi kif ukoll tal-allokazzjoni tar-riżorsi.

1.8. Huwa importanti li l-aġenda tindirizza l-fenomeni tad-droga b'mod verament ibbilanċjat, abbażi ta' approċċ integrat u multidixxiplinari, f'qafas li jibni fuq id-drittijiet tal-bniedem u l-kooperazzjoni internazzjonali, iqis l-aspetti tas-saħħa pubblika u l-iżviluppi fl-għarfien xjentifiku u li jipprevedi evalwazzjoni kontinwa. L-istrateġija tal-UE dwar id-drogi għandha tirrikonoxxi d-drittijiet fundamentali tal-konsumaturi tad-drogi fit-trattament u l-kura, kif inhu l-każ għal kwalunkwe kategorija oħra ta' mard.

1.9. Il-KESE jemmen li hemm bżonn li tittejjeb fit-tul, anke f'dan il-qasam ukoll, il-koerenza tal-prattiki fl-applikazzjoni tal-liġi tal-Istati Membri f'konformità mar-rekwiżiti ta' armonizzazzjoni, peress li bħalissa hemm differenzi fil-prattiki tal-Istati Membri li huma tali li bla dubju jiksru d-drittijiet tal-bniedem.

1.10. Il-pandemija tal-COVID-19 uriet li gruppi vulnerabbli ta' konsumaturi tad-drogi huma partikolarment esposti għall-konsegwenzi negattivi tas-sitwazzjoni epidemjoloġika, li tista' twassal għal żieda notevoli fir-riskji assoċjati mal-użu tad-drogi.

1.11. Għandhom jiġu stabbiliti malajr kemm jista' jkun, abbażi tal-mudell li diġà ntuża biex titnaqqas id-domanda, indikaturi għall-valutazzjoni tal-effetti tal-interventi għat-tnaqqis tal-provvista, kif ukoll dwar l-istandards tal-kwalità.

## 2. **Kuntest**

2.1. L-ewwel Pjan ta' Azzjoni Konġunt tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi tfassal fl-1990 mill-Kumitat Ewropew għall-Ġlieda kontra d-Drogi (CELAD), stabbilit fuq l-inizjattiva tal-President Franċiż François Mitterrand. Sa mill-1995, il-Kummissjoni Ewropea ħadet f'idejha l-kompitu li tiddefinixxi l-istrateġiji Ewropej dwar id-drogi. L-aħħar Strateġija tal-UE dwar id-Drogi, adottata fis-7 ta' Diċembru 2012 mill-Kunsill Ewropew għal perjodu ta' seba' snin (2013-2020), kienet ibbażata fuq approċċ "bilanċjat, integrat u bbażat fuq l-evidenza". Matul dan il-perjodu, ir-responsabbiltajiet u l-objettivi fuq perjodu qasir ta' żmien ġew stabbiliti f'żewġ pjani ta' azzjoni (2013-2016 u 2017-2020).

2.2. Filwaqt li l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi mhijiex legalment vinkolanti, hija tesprimi l-impenn u l-aspirazzjonijiet politiċi komuni tal-Unjoni u tal-Istati Membri. Hija tiddetermina l-azzjonijiet tal-istituzzjonijiet u l-aġenziji Ewropej, tinfluwenza l-approċċi ta' politika tal-Istati Membri f'dan il-qasam, tistabbilixxi linji gwida u prijoritajiet komuni, u tippermetti l-adozzjoni ta' pożizzjonijiet unifikati fix-xena internazzjonali. L-UE wriet dan b'mod massiv, pereżempju fis-Sessjoni Speċjali tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (UNGASS) fl-2016 u fis-sessjoni tal-Kummissjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drogi Narkotiċi fl-2019 ([1]).

2.3. L-istrateġija tal-UE dwar id-drogi issottolinjat u wriet ir-rwol u l-importanza ta' ppjanar bilanċjat u bbażat fuq l-evidenza, kif ukoll il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politika dwar id-drogi.

2.4. Ir-rapport ta' evalwazzjoni esterna tal-istrateġija tal-UE dwar id-drogi ([2]) kkonkluda li l-UE laħqet biss parzjalment il-miri tagħha dwar it-tnaqqis tad-domanda u l-provvista, filwaqt li sar progress sinifikanti fl-oqsma ta' kooperazzjoni internazzjonali u monitoraġġ, kif ukoll l-evalwazzjoni u r-riċerka. Ir-rapport identifika żbilanċi fl-użu tar-riżorsi finanzjarji, b'mod partikolari għad-detriment tal-interventi għat-tnaqqis tad-domanda. Huwa kkonkluda li, fl-interess ta' użu aktar effiċjenti tar-riżorsi skarsi, kien meħtieġ li tingħata prijorità lill-azzjoni u li jitnaqqas il-perjodu ta' applikazzjoni tal-istrateġija, li bħalissa huwa ta' tmien snin.

2.5. Il-Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Drogi stabbilit mill-Kummissjoni Ewropea investiga, flimkien ma' 169 organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili minn 39 pajjiż, l-ilħuq tal-objettivi tal-pjan ta' azzjoni 2017-2020 fil-livell tal-Istati Membri u dak lokali ([3]). Ir-rapport tiegħu enfasizza nuqqasijiet sinifikanti fl-implimentazzjoni tal-interventi tas-saħħa u soċjali fil-livell tal-Istati Membri u dak lokali. Fil-maġġoranza tal-Istati Membri, ħafna interventi ta' prevenzjoni jew tnaqqis tal-ħsara bbażati fuq l-evidenza huma kompletament nieqsa jew għandhom kopertura baxxa. Dan huwa prinċipalment minħabba finanzjament insuffiċjenti u nuqqas ta' approvazzjoni politika.

2.6. L-istrateġija ħolqot għall-ewwel darba qafas ta' interpretazzjoni komuni għal interventi għat-tnaqqis tad-domanda, li jikkonsisti minn "firxa ta' miżuri ta' importanza ugwali u reċiprokament rinforzanti, li jinkludu l-prevenzjoni (ambjentali, universali, selettiva u indikata), kxif u intervent minn kmieni, tnaqqis tar-riskju u tal-ħsara, trattament, riabilitazzjoni u reintegrazzjoni soċjali, u l-irkupru".

---

([1]) Dikjarazzjoni tal-UE fit-62 sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi, Vjenna, 14-22 ta' Marzu 2019. "L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha jappoġġjaw bil-qawwa l-implimentazzjoni prattika tad-dokument ta' eżitu tas-Sessjoni Speċjali tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti għal politika ġenwina bbilanċjata dwar id-drogi fil-livell internazzjonali, li tqiegħed aktar enfasi fuq il-prevenzjoni, is-saħħa pubblika u d-drittijiet tal-bniedem sabiex naċċelleraw l-impenn konġunt tagħna biex intejbu b'mod effettiv is-sitwazzjoni globali tad-drogi. […] tindirizza t-tnaqqis fid-domanda għad-drogi fl-aspetti kollha tagħha: prevenzjoni, tnaqqis tar-riskji u tal-ħsara, trattament, kif ukoll integrazzjoni u riabilitazzjoni soċjali." (Traduzzjoni Maltija mhux uffiċjali).

([2]) SWD(2020) 150 (mhux disponibbli bil-Malti).

([3]) https://drogriporter.hu/wp-content/uploads/2018/12/2018_CSF-report_final.pdf

2.7. Il-pjan ta' azzjoni tal-istrateġija u l-aħħar evalwazzjoni tiegħu jenfasizzaw il-ħtieġa għal monitoraġġ xjentifikament sod ta' interventi għat-tnaqqis tal-provvista u l-użu ta' sanzjonijiet alternattivi għall-konsumaturi tad-drogi, kif ukoll ir-rwol tas-soċjetà ċivili fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-istrateġiji, kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak nazzjonali.

## 3. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea

3.1. Fl-24 ta' Lulju 2020, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat l-istrateġija l-ġdida tagħha għall-perjodu 2020-2025 dwar l-Unjoni tas-Sigurtà, li hija magħmula minn tliet elementi: l-istrateġija kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, l-aġenda dwar id-drogi (minn hawn 'il quddiem "l-aġenda", u l-istrateġija kontra t-traffiku ta' armi illeċiti. Fl-introduzzjoni, l-aġenda tenfasizza b'mod espliċitu l-ħtieġa għal bidla fundamentali fil-politika Ewropea dwar id-drogi, u tgħid li l-interventi għat tnaqqis tal-provvista għandhom jingħataw aktar importanza u jissaħħu. Mit-tliet pilastri tal-aġenda (tisħiħ tas-sigurtà/t-naqqis tal-provvista, prevenzjoni u tnaqqis tal-ħsara), huwa l-ewwel wieħed li jirċievi l-aktar attenzjoni.

3.2. L-anness għall-aġenda fih l-abbozz ta' Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drogi. Sitta u għoxrin mill-azzjonijiet tiegħu jagħmlu parti mill-pilastru ta' "tnaqqis tal-provvista", filwaqt li ħamsa biss jirrigwardaw il-pilastru ta' "prevenzjoni" u tlettax jirrigwardaw il-pilastru ta' "tnaqqis tal-ħsara". Madankollu, f'dan l-aħħar pilastru, hemm erba' azzjonijiet li l-klassifikazzjoni tagħhom hawnhekk hija dubjuża (l-azzjonijiet 40 u 41: sewqan taħt l-effett tad-droga, l-azzjoni 42: miżuri alternattivi għal sanzjonijiet koerċittivi, u l-azzjoni 43: il-kondiviżjoni ta' data forensika). B'mod ġenerali, żbilanċi kbar jidhru wkoll fil-mod kif inhu maqsum il-pjan ta' azzjoni għall-benefiċċju tal-pilastru ta' "tnaqqis tal-provvista".

3.3. Il-KESE jqis li din l-aġenda turi rigressjoni ċara u abbandun tal-approċċ konsenswali, ibbilanċjat u bbażat fuq l-evidenza li ġie segwit s'issa fil-ġlieda kontra d-drogi, li kien ġie evalwat b'mod pożittiv.

3.4. Fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma Orizzontali dwar id-Drogi tal-Kunsill Ewropew tat-28 ta' Settembru, l-aġenda ġiet ikkritikata wkoll bil-qawwa mill-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, li kkundannaw il-kundizzjonijiet għat-tħejjija, id-direzzjoni u l-kontenut tagħha u għalhekk iddeċidew li l-Presidenza Ġermaniża tal-Kunsill sa Diċembru se tfassal mill-ġdid id-dokument imħejji mill-Kummissjoni Ewropea.

3.5. Il-korp konsultattiv tas-soċjetà ċivili tal-Kummissjoni Ewropea (il-Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Drogi) ikkritika ħafna aspetti tal-aġenda u sab li hija inaċċettabbli:

(a) Matul il-proċess ta' tħejjija, l-atturi tas-soċjetà ċivili u l-Istati Membri setgħu jieħdu nota tas-sejbiet tal-evalwazzjoni esterna biss wara l-pubblikazzjoni tal-aġenda u għalhekk ma setgħux jagħtu opinjoni preliminari dwar l-abbozz ta' aġenda.

(b) L-aġenda ma tirriflettix il-prijoritajiet proposti mill-atturi tas-soċjetà ċivili iżda tkompli tnaqqas il-piż tal-interventi tas-saħħa u dawk soċjali bħala parti minn politika dwar id-drogi li diġà tagħti importanza sproporzjonata lill-miżuri ta' tnaqqis fil-provvista.

(c) Il-qafas u l-lingwaġġ użati fl-aġenda – li jenfasizzaw is-sigurtà – isaħħu approċċ antikwat u stigmatizzanti.

(d) L-iżbilanċ li jikkaratterizza l-approċċ preferut fil-pjan ta' azzjoni u l-impatt mistenni tiegħu fuq l-allokazzjoni tar-riżorsi huwa inkwetanti, bħalma huma n-nuqqas ta' indikaturi li jistgħu jitkejlu u l-konsegwenzi tagħha f'termini ta' responsabbiltà.

3.6. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, li huma dawk li jagħġnu l-opinjoni pubblika f'dan il-qasam, ikkritikaw b'vuċi waħda l-ispirtu ġenerali u d-dettalji tal-abbozz, u talbu li dan jiġi rieżaminat bir-reqqa.

## 4. Kunsiderazzjonijiet strateġiċi

4.1. Il-KESE jemmen bis-sħiħ li jenħtieġ li jiġi segwit u msaħħaħ dejjem iżjed, fil-qafas tal-għaxar strateġija kontra d-drogi tal-UE, l-approċċ tekniku u l-politiki pubbliċi li jiffurmaw il-bażi konsenswali tal-istrateġija dwar id-drogi. Il-Kumitat għalhekk jilqa' b'sodisfazzjon l-impenn tal-Kunsill Ewropew li jiżviluppa strateġija Ewropea dwar id-drogi li hija bbilanċjata, integrata u bbażata fuq l-evidenza. Huwa jistieden lill-Gvern Ġermaniż, li għandu l-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, biex iqis l-aspetti li ġejjin fit-tħejjija tal-istrateġija l-ġdida dwar id-drogi.

4.2. Il-KESE jirrakkomanda li jinżamm il-lingwaġġ użat fl-aġenda, kif ukoll it-terminoloġija professjonali u xjentifika, u li fil-kontenut tagħha jiġi żviluppat aktar l-approċċ strateġiku ppreferut sal-lum, filwaqt li jiġi adattat għall-użu amministrattiv u jiġi żgurat li l-monitoraġġ kontinwu u l-evalwazzjoni kritika tal-implimentazzjoni tiegħu jkunu possibbli.

4.3. L-UE trid tirrispetta u tiddefendi bis-sħiħ il-valuri fundamentali [4] mħaddna fl-istrateġija [5] attwali tagħha u timpenja ruħha għal dan fid-dokument ta' strateġija tagħha.

4.4. Il-Kumitat jipproponi li d-dokument li għandu jiġi adottat għandu jirreferi b'mod espliċitu għall-konvenzjonijiet internazzjonali u r-rakkomandazzjonijiet ta' politika li fuqhom hija bbażata l-validità sostantiva u legali tiegħu [6]., u jibni fuq dawn it-testijiet. Il-KESE jħeġġeġ lill-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE biex iżommu l-pożizzjoni ta' tmexxija tal-UE u l-impenji eżemplari tagħha fil-forums internazzjonali tal-politika dwar id-drogi.

4.5. Fil-fehma tal-KESE, l-aġenda l-ġdida għandha tinkorpora wkoll l-elementi ewlenin tal-istrateġija preċedenti u tkompli tiżviluppa, filwaqt li tqis l-iżvilupp tal-għarfien xjentifiku, il-qafas għall-prevenzjoni, it-trattament, it-tnaqqis tal-ħsara, l-arranġamenti terapewtiċi u l-proċessi ta' rkupru.

4.6. L-evalwazzjoni tal-istrateġija u tal-pjan ta' azzjoni preċedenti dwar id-drogi identifikat żbilanċi sinifikanti favur l-interventi tal-ġustizzja kriminali f'termini ta' prijoritizzazzjoni u allokazzjoni tar-riżorsi tal-politiki dwar id-drogi. L-interventi tas-saħħa u dawk soċjali jirrappreżentaw biss frazzjoni ta' dak li l-Istati Membri jiddedikaw għat-tnaqqis tal-provvista. Dan wassal, f'għadd ta' pajjiżi, għall-interruzzjoni jew kopertura estremament baxxa tas-servizzi kkonċernati, b'konsegwenzi xi kultant severi f'termini ta' żieda fil-mortalità u l-morbożità. Il-KESE jirrakkomanda li l-istrateġija l-ġdida dwar id-drogi u l-pjan(i) ta' azzjoni l-ġdid(ġodda) f'dan il-qasam itejbu b'mod sinifikanti l-proporzjon tal-interventi ta' tnaqqis tad-domanda fi ħdan il-politika dwar id-drogi, kemm f'termini tal-għadd ta' interventi strateġiċi kif ukoll tal-allokazzjoni tar-riżorsi. Il-Kumitat jittama wkoll li l-Kummissjoni tagħmel kull sforz biex tiżgura li l-Istati Membri jtejbu b'mod sinifikanti l-kopertura u l-kwalità tagħhom.

4.7. Il-mandat u l-għodod taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA) għandhom jissaħħu wkoll u l-konklużjonijiet xjentifiċi għandhom jiġu integrati direttament fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

4.8. Huwa importanti li l-aġenda tindirizza l-fenomeni tad-droga b'mod verament ibbilanċjat, abbażi ta' approċċ integrat u multidixxiplinari, f'qafas li jibni fuq id-drittijiet tal-bniedem u l-kooperazzjoni internazzjonali, iqis l-aspetti tas-saħħa pubblika u l-iżviluppi fl-għarfien xjentifiku u li jipprevedi evalwazzjoni kontinwa.

4.9. Il-KESE jenfasizza li, peress li l-konsum tad-drogi huwa fenomenu bijopsikosoċjali kumpless, miżuri possibbli mhux xierqa għall-ġlieda kontra d-drogi, bħall-kriminalizzazzjoni unilaterali tal-konsumaturi tad-drogi, jikkawżaw ħsara serja lis-saħħa u lis-soċjetà u għalhekk jaggravaw il-problemi tas-sigurtà soċjetali aktar milli jsolvuhom. Għal din ir-raġuni, il-KESE jirrakkomanda li:

(a) il-Kunsill Ewropew iżomm l-approċċ preċedenti tiegħu u jneħħi l-aġenda dwar id-drogi mill-pakkett ta' miżuri relatati mal-Unjoni tas-Sigurtà,

(b) jiżgura li l-fenomeni marbuta mad-diversi aspetti tal-problema jiġu ttrattati b'mod differenti,

(c) jadotta approċċ multidixxiplinari b'reazzjoni għal dawn il-fenomeni,

(d) jipprevedi l-użu ta' sanzjonijiet u ripressjoni biss bħala l-aħħar għażla, jekk ikun jista' jintwera li strumenti oħrajn ta' intervent ma jistgħux jintużaw b'mod effettiv.

4.10. F'dawn l-aħħar deċennji, il-kultura tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-interventi biex titnaqqas id-domanda u r-riskji tjiebet b'mod konsiderevoli. Bil-għan li tiġi promossa politika dwar id-drogi bbażata fuq l-evidenza, il-KESE jirrakkomanda li:

---

(4) "… hi bbażata l-ewwel u qabel kollox fuq il-prinċipji fundamentali tal-liġi tal-UE u, f'kull rigward, issostni l-valuri fundaturi tal-Unjoni: ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, is-solidarjetà, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem. L-għan tagħha hu li tipproteġi u ttejjeb il-benesseri tas-soċjetà u tal-individwu, li tipproteġi s-saħħa pubblika, li toffri livell għoli ta' sigurtà għall-pubbliku ġenerali u li tieħu approċċ bilanċjat, integrat u bbażat fuq l-evidenza fir-rigward tal-fenomenu tad-drogi."

(5) https://www.consilium.europa.eu/media/30727/drugs-strategy-2013_content.pdf

(6) https://www.unodc.org/documents/postungass2016//outcome/V1603301-E.pdf
https://www.unodc.org/documents/ungass2016/Contributions/IO/EU_COMMON_POSITION_ON_UNGASS.pdf

(a) jiġi żgurat li l-istrateġija u l-pjan ta' azzjoni l-ġodda dwar id-drogi jagħmlu enfasi qawwija fuq it-titjib sinifikanti tal-kopertura u l-kwalità tas-servizzi soċjali u tas-saħħa għall-konsumaturi tad-drogi, filwaqt li jirrevedu l-indikaturi diġà użati fil-pjan ta' azzjoni preċedenti;

(b) tiġi żviluppata, bil-parteċipazzjoni tal-EMCDDA u l-Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Drogi, sistema unika li tippermetti monitoraġġ u evalwazzjoni kontinwi fl-Istati Membri differenti tal-evoluzzjoni tal-kopertura u l-kwalità tal-interventi previsti fil-pjan ta' azzjoni tal-UE tal-politika dwar id-drogi;

(c) jiġu stabbiliti mill-aktar fis possibbli, abbażi tal-mudell li diġà ntuża biex titnaqqas id-domanda, indikaturi għall-valutazzjoni tal-effetti tal-interventi mmirati biex titnaqqas il-provvista, kif ukoll standards tal-kwalità, filwaqt li jiġi rikonoxxut li tali interventi, filwaqt li potenzjalment ikollhom impatt dirett u serju fuq il-kundizzjonijiet tal-għajxien u l-libertajiet individwali tal-persuni kkonċernati, rarament ikunu soġġetti għal valutazzjoni bbażata fuq l-evidenza;

(d) jitwessa' l-mandat tal-EMCDDA biex jinkludi valutazzjoni tal-impatt tal-politika dwar id-drogi fuq id-drittijiet tal-bniedem, li, pereżempju, tkejjel l-effetti negattivi tal-kriminalizzazzjoni u d-diskriminazzjoni istituzzjonali fuq popolazzjonijiet li jikkunsmaw id-drogi u li jappartjenu għal gruppi vulnerabbli.

4.11. Il-KESE jemmen li hemm bżonn li tittejjeb fit-tul, anke f'dan il-qasam ukoll, il-koerenza tal-prattiki fl-applikazzjoni tal-liġi tal-Istati Membri f'konformità mar-rekwiżiti ta' armonizzazzjoni, peress li bħalissa hemm differenzi fil-prattiki tal-Istati Membri li huma tali li bla dubju jiksru d-drittijiet tal-bniedem ([7]).

4.12. Il-KESE huwa għalhekk konvint li l-Unjoni Ewropea għandha ssib u tiżviluppa modi kif tmexxi lill-Istati Membri biex fil-futur jikkonverġu b'mod sinifikanti l-approċċi tagħhom għall-politika dwar id-drogi, mhux biss permezz ta' rakkomandazzjonijiet ta' politika

4.13. Il-KESE jqis ukoll li huwa importanti li interventi innovattivi bbażati fuq ix-xjenza jiġu rikonoxxuti, garantiti u appoġġjati fl-aġendi strateġiċi tal-UE u tal-Istati Membri tagħha.

4.14. Peress li, f'termini ta' realtà soċjali, id-dipendenzi legali (l-alkoħol, it-tabakk, il-biċċa l-kbira tad-dipendenzi tal-imġiba, eċċ.) u illegali jikkostitwixxu sistema interpersonali fi ħdan il-familji u l-komunitajiet, il-KESE jirrakkomanda li l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha ma jibqgħux jivvalutaw u jimmaniġġjaw dawn ir-riskji separatament, iżda pjuttost bħala komponenti interkonnessi ta' sistema unika, u li jipproponu dejjem aktar politiki ta' intervent komuni.

4.15. Abbażi tal-prinċipju "primum nil nocere" ("tagħmel l-ebda ħsara"), hemm bżonn ta' evalwazzjoni u dibattitu sinċieri u determinanti biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi negattivi tal-politiki u tal-ambjent regolatorju, l-effetti tal-istigmatizzazzjoni soċjali u l-kriminalizzazzjoni mhux ġustifikata, l-esklużjoni soċjali u l-ostakli għall-aċċess għat-trattament. Il-KESE jirrakkomanda wkoll li titqies il-valutazzjoni sostantiva tal-pożizzjoni komuni adottata minn 32 aġenzija tan-Nazzjonijiet Uniti fl-2019 ([8]).

4.16. L-istrateġija tal-UE dwar id-drogi għandha tirrikonoxxi d-drittijiet fundamentali tal-konsumaturi tad-drogi fit-trattament u l-kura, kif inhu l-każ għal kwalunkwe kategorija oħra ta' mard.

4.17. L-allokazzjoni tar-riżorsi baġitarji tal-Istati Membri għandha tiġi vvalutata abbażi tad-disponibbiltà u l-kapaċità tas-servizzi rikonoxxuti u rakkomandati f'dan il-qasam.

4.18. Involviment professjonali akbar tas-soċjetà ċivili huwa essenzjali għall-implimentazzjoni tal-prinċipji fundamentali. Il-mandat Ewropew tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Drogi għandu għalhekk jissaħħaħ, kif ukoll l-involviment tal-professjonisti tas-soċjetà ċivili fl-Istati Membri. Għal dan il-għan, jeħtieġ li jiġi vvalutat b'mod regolari l-ftuħ tal-Istati Membri u r-rieda tagħhom li jikkooperaw, flimkien mal-prattiki tagħhom f'termini tal-involviment ta' organizzazzjonijiet professjonali fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

([7]) L-istess imġiba twassal f'xi pajjiżi għal prosekuzzjoni kriminali u infurzar rigoruż tal-liġi u, f'oħrajn, għall-forniment ta' servizzi ta' kura tas-saħħa u ta' għajnuna soċjali, differenza fit-trattament ibbażata biss fuq in-nazzjonalità jew il-post ta' residenza tal-konsumaturi tad-drogi. Bl-istess mod, il-forniment ta' ċerti servizzi huwa kkunsidrat f'xi Stati Membri bħala dritt fundamentali filwaqt li oħrajn jirrifjutaw din l-idea.

([8]) CEB/2018/2, pp 12-14.

4.19. Il-Kumitat iqis li l-miżuri biex titnaqqas il-provvista huma importanti, iżda jenfasizza l-ħtieġa li dejjem jiġu kkoordinati mal-miżuri biex titnaqqas id-domanda. Filwaqt li għodod ripressivi u ġudizzjarji effettivi huma essenzjali biex jiġi indirizzat il-kummerċ illeċitu tad-droga, f'dawn l-aħħar deċennji ħareġ ċar li l-politiki ta' kriminalizzazzjoni unilaterali għandhom impatt negattiv fuq is-saħħa tan-nies u l-komunitajiet, kif ukoll fuq l-integrazzjoni soċjali tal-konsumaturi tad-drogi.

4.20. Il-pandemija tal-COVID-19 uriet li gruppi vulnerabbli ta' konsumaturi tad-drogi huma partikolarment esposti għall-konsegwenzi negattivi tas-sitwazzjoni epidemjoloġika, li tista' twassal għal żieda notevoli fir-riskji marbuta mal-konsum tad-drogi (inqas aċċess għal trattament, akkwist ta' drogi aktar riskjużi, perikli akbar ta' drogi mixtrija, aktar effetti ta' kriminalizzazzjoni u ta' stigmatizzazzjoni, konsegwenzi negattivi għas-saħħa pubblika, aktar tnaqqis tal-mezzi bażiċi tal-għajxien, eċċ.). Minħabba l-pandemija, f'ħafna pajjiżi huma preċiżament dawk is-servizzi li huma l-unika interfaċċja bejn dawn il-gruppi u l-katina tat-trattament li x'aktarx l-iżjed li jbatu minħabba s-sitwazzjoni u jkunu mġiegħla jnaqqsu l-kapaċità tagħhom.

Brussell, it-3 ta' Diċembru 2020.

Christa SCHWENG
*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew (riformulazzjoni)**

*[COM(2020) 579]*

**u**

**"Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1139 fir-rigward tal-kapaċità tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea li taġixxi bħala Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew"**

*[COM(2020) 577]*

(2021/C 56/07)

Relatur Ġenerali: **Dumitru FORNEA**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 26-27.10.2020 |
| | Parlament Ewropew, 22.10.2020 |
| Bażi legali | Artikoli 100(2) u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Informazzjoni |
| Deċiżjoni tal-Bureau | 28.10.2020 |
| Adottata fil-plenarja | 2.12.2020 |
| Sessjoni plenarja Nru | 556 |
| Riżultat tal-votazzjoni | 198/21/34 |
| (favur/kontra/astensjonijiet) | |

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew japprezza l-isforzi tal-Kummissjoni Ewropea, tal-Parlament Ewropew u tal-istituzzjonijiet speċjalizzati tal-UE biex isibu soluzzjonijiet legali u amministrattivi ġodda li jistgħu jiżguraw l-iżvilupp sostenibbli tas-sistema tat-trasport bl-ajru għall-benefiċċju taċ-ċittadini kollha, tal-utenti tal-ispazju tal-ajru u tal-ambjent. Aħna lkoll naqblu li huwa meħtieġ li tiġi żgurata s-sikurezza tat-traffiku tal-ajru, li titjieb il-prestazzjoni ġenerali, l-iskalabbiltà u r-reżiljenza tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru (ATM/ANS), u nappoġġjaw ukoll l-għan tal-Ajru Uniku Ewropew (SES) għal network pan-Ewropew koerenti u ATM/ANS progressivament aktar integrata u teknoloġikament modernizzata.

1.2. Il-proposta riformulata emendata dwar l-Ajru Uniku Ewropew (SES) tal-Kummissjoni Ewropea hija ġeneralment milqugħa minn ħafna partijiet interessati u hija meqjusa neċessarja biex jintlaħqu l-miri stipulati mill-Kummissjoni jiġifieri: it-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-$CO_2$, inqas dewmien fl-art (ajruporti) u aktar kosteffiċjenza fil-provvista tas-servizz tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru. Dawn il-miri għandhom ukoll l-appoġġ ta' rapporti oħra bħalma huwa r-rapport tal-Grupp ta' Persuni Għorrief tal-2019 dwar l-Ajru Uniku Ewropew futur ([1]).

1.3. Il-proposta riformulata emendata dwar l-Ajru Uniku Ewropew ippreżentata hija qafas regolatorju aġġornat li jipprova jikseb il-miri oriġinali tal-Ajru Uniku Ewropew li jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-$CO_2$, li jitnaqqas id-dewmien u li jsir titjib fil-kosteffiċjenza tal-provvista tas-servizz tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru. Madanakollu, anke jekk il-proposta tal-Kummissjoni tirrappreżenta titjib meta mqabbla mar-Regolament eżistenti, għadu mhux ċar jekk l-abbozz huwiex biżżejjed sabiex jinkisbu l-miri oriġinali tal-Ajru Uniku Ewropew. Għaldaqstant, nissuġġerixxu li tinbeda diskussjoni biex tiġi ċċarata l-ambizzjoni tar-Regolament il-ġdid dwar l-Ajru Uniku Ewropew.

([1]) https://www.sesarju.eu/node/3330

1.4. Il-funzjoni tal-maniġer tan-network jeħtieġ li tiġi ċċarata. B'mod partikolari, il-kamp ta' applikazzjoni ġenerali u l-impatt tiegħu fuq l-ippjanar tal-ajru, il-ġestjoni tal-kapaċità, id-disinn tal-ispazju tal-ajru, l-ambjent u l-prijoritizzazzjoni tat-talbiet.

1.5. Il-partijiet interessati kollha fl-avjazzjoni għandhom jiġu involuti biex jittieħdu deċiżjonijiet kbar. Il-prinċipju ta' konsultazzjoni siewja jeħtieġ li jkun jagħmel parti mill-proposta qafas.

1.6. Hemm tħassib li l-ambizzjoni ta' din il-proposta hija wiesgħa wisq, u għaldaqstant għandha ssir aktar riflessjoni dwar il-miżuri ambjentali u dawn għandhom jiġu żviluppati lil hinn minn din il-proposta. Politika addizzjonali bħal din għandha tqis il-miżuri rilevanti kollha tas-sostenibbiltà fl-avjazzjoni, fosthom l-introduzzjoni u l-integrazzjoni tal-fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli. F'dawn id-dibattiti, għandha tiġi evalwata l-effikaċja tal-modulazzjoni tal-imposti biex tinċentiva l-imġiba ambjentali tal-linji tal-ajru.

1.7. Filwaqt li jirrikonoxxi li s-settur tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru jista' jikkontribwixxi għat-tnaqqis ġenerali tal-emissjonijiet tas-$CO_2$, l-użu effettiv tat-teknoloġija b'mod sostenibbli jista' jnaqqas l-emissjonijiet tas-$CO_2$ fl-avjazzjoni. Dan l-approċċ għandu jitqies bħala mezz biex titnaqqas aktar l-impronta tal-industrija tal-avjazzjoni. Huwa rikonoxxut li t-teknoloġiji bħal fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli jistgħu jnaqqsu l-emissjonijiet tas-$CO_2$ b'mod konsiderevoli, ferm aktar minn dak li jista' jinkiseb b'din il-proposta.

1.8. Din il-proposta ma tqisx biżżejjed l-impatt drammatiku tal-COVID-19 fuq l-industrija. Speċifikament, l-inkoraġġiment tal-proposta għal tibdil strutturali għandu l-potenzjal li joħloq aktar frammentazzjoni u kumplessità akbar fi żmien fejn l-industrija teħtieġ stabbiltà biex tirkupra. Għaldaqstant, studju u kunsiderazzjoni ulterjuri huma meħtieġa biex jitqies b'mod adegwat l-impatt soċjali u ekonomiku tal-pandemija tal-COVID-19 kemm fuq il-ħaddiema kif ukoll fuq l-utenti tas-servizz. Barra minn hekk, l-għan tal-proposta li ttejjeb il-kapaċità fis-settur tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru sar inqas rilevanti peress li t-traffiku naqas b'mod drammatiku mindu faqqgħet il-pandemija tal-COVID-19. L-istimi attwali tal-Eurocontrol juru li x'aktarx fl-2024 nerġgħu lura għat-traffiku tal-2019 ([2]).

1.9. Fir-rigward tal-iskema ta' prestazzjoni, approċċ minn fuq għal isfel immexxi mill-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA) dwar l-analiżi tal-prestazzjoni għandu jqis il-kundizzjonijiet lokali b'mod sinifikanti. Proċess ta' djalogu soċjali strutturat fuq il-prestazzjoni għandu jqis il-kundizzjonijiet u l-fatturi lokali.

1.10. L-indipendenza ta' regolatur ekonomiku ġdid trid tiġi żgurata u trid tinżamm demarkazzjoni ċara bejn ir-regolamentazzjoni u l-applikazzjoni tas-servizzi. Għaldaqstant, għandhom isiru l-emendi li ġejjin għall-iskema ta' prestazzjoni:

— Il-qasam ewlieni ta' prestazzjoni tas-sikurezza għandu jiġi żviluppat fuq l-istess livell bħal oqsma ewlenin oħra ta' prestazzjoni bil-miri u l-indikaturi metriċi tal-UE.

— Il-mekkaniżmi ta' konsultazzjoni obbligatorja għandhom jiġu introdotti fil-livell lokali biex jiżguraw involviment xieraq tar-rappreżentanti tal-persunal fl-adozzjoni tal-pjani tal-prestazzjoni lokali.

— L-interdipendenza bejn l-oqsma ewlenin ta' prestazzjoni differenti għandha tiġi rikonoxxuta u mitigata kif meħtieġ.

1.11. Għandu jiġi żgurat li s-separazzjoni strutturali tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tevita kunflitti ta' interess sinifikanti, li jista' jkollhom impatt fuq l-effiċjenza u l-kosteffettività tal-industrija, il-ħajjiet tal-ħaddiema u s-sikurezza tal-industrija. L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jeħtiġilhom jaġixxu indipendentement minn kwalunkwe pressjoni industrijali, ekonomika, soċjali jew politika u għalhekk, f'konformità mal-istandards fl-Istati Membri, għandhom jibqgħu fi ħdan is-settur pubbliku. Ir-regoli li jistabbilixxu l-għażla tal-proċessi tal-persunal tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti m'għandhomx imorru kontra l-proċessi tal-għażla tas-soltu għall-impjegati taċ-ċivil tal-Istati Membri.

1.12. Il-blokok ta' spazju tal-ajru funzjonali (FABs), li din il-proposta tfittex li żżarma, għenu biex tinħoloq kultura komuni bejn l-imsieħba soċjali kollha, u ffaċilitat prestazzjoni mtejba.

([2]) Eurocontrol, l-Aġġornament tas-Suq [10 ta' Novembru 2020]. Kif ippreżentat minn Eamonn Brennan waqt il-Eurocontrol Hardtalk Live tal-10 ta' Novembru 2020 https://www.youtube.com/watch?v=-VSQe97wDmc

1.13. B'referenza għall-provvista tas-servizzi ta' appoġġ (servizzi tal-komunikazzjoni, tan-navigazzjoni u tas-sorveljanza (CNS), servizzi ta' informazzjoni ajrunawtika (AIS), servizzi meteoroloġiċi (MET)), ninsabu mħassbin li l-intenzjoni tal-proposta tikkonforma mal-proposti preċedenti, SES1, u SES2, li tipprivatizza u tifframmenta s-settur, li t-tnejn li huma ġew miċħuda bejn il-proposta inizjali tal-Kummissjoni u l-adozzjoni tat-testi differenti. Filwaqt li ntlaħaq kompromess fil-proċess SES2, dan l-approċċ attwali mhuwiex ibbilanċjat, u jiffavorixxi s-separazzjoni tas-servizzi ta' appoġġ u l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-suq. Il-proposta għandha tqis fehma bbilanċjata, filwaqt li tqis il-konsegwenzi soċjoekonomiċi negattivi ta' approċċ bħal dan, l-għan li jinħoloq servizz effiċjenti u effettiv, u n-nuqqas ta' rieda politika li ġiet espressa fi proposti preċedenti dwar l-Ajru Uniku Ewropew.

1.14. Matul il-proċedura leġiżlattiva, huwa rrakkomandat li tingħata kunsiderazzjoni dovuta lil ċerti aspetti ta' din il-proposta, b'mod partikolari kwalunkwe proposta biex tinfired jew tiġi liberalizzata l-provvista tas-servizzi. Huwa rikonoxxut li dawn il-fatturi għandhom il-potenzjal li jkollhom impatt detrimentali fuq il-ħaddiema u l-imsieħba soċjali għandhom għalhekk jiġu involuti matul dan il-proċess.

## 2. **Sfond u kummenti ġenerali**

### 2.1. *L-għan iddikjarat tal-Kummissjoni Ewropea fl-adozzjoni ta' dan il-pakkett leġiżlattiv*

Il-Kummissjoni għandha l-għan li ttejjeb l-effiċjenza ġenerali tal-mod li bih l-ispazju tal-ajru Ewropew jiġi organizzat u ġestit permezz tar-riforma tal-monopolju tal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru. Il-pakkett ilu ħafna mistenni u l-leġiżlazzjoni dwar l-Ajru Uniku Ewropew ilha ma tiġi aġġornata għal aktar minn 10 snin. Tqiesu l-bidliet fl-evoluzzjoni tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u n-Network Ewropew għall-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru għandu jiġi riformat biex ilaħħaq kemm mat-tkabbir sostnut tat-traffiku tal-ajru matul l-aħħar għaxar snin kif ukoll ma' varjazzjonijiet sinifikanti mhux previsti tat-traffiku, bħal dawk ikkawżati mill-pandemija attwali tal-COVID-19. Dan jeħtieġ bidliet li jippermettu li l-operazzjonijiet isiru taħt l-aktar kundizzjonijiet sikuri, kosteffettivi, effiċjenti fit-titjir u li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent, kif ukoll miżuri li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-avjazzjoni, skont l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Dan ifisser kontinwazzjoni tad-deframmentazzjoni tal-ispazju tal-ajru Ewropew, biex jitnaqqas id-dewmien, jiżdiedu l-istandards tas-sikurezza u l-effiċjenza tat-titjiriet biex titnaqqas l-impronta ambjentali tal-avjazzjoni, u jitnaqqsu l-ispejjeż relatati mal-provvista monopolistika tas-servizzi.

L-effiċjenza tar-rotot tat-titjiriet tista' tiżdied billi jiġu adottati soluzzjonijiet ta' teknoloġija diġitali ġodda. Dan jista' jiġi implimentat permezz tal-kooperazzjoni u t-tisħiħ tal-fiduċja bejn in-nazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u l-partijiet ikkonċernati tal-industrija.

### 2.2. *Liċenzja soċjali għall-operat u r-relazzjoni mas-soċjetà ċivili organizzata*

2.2.1. Din il-Proposta SES2+ hija parzjalment riformulazzjoni ta' proposta preċedenti tal-SES2+, li d-diskussjonijiet dwarha waqfu minħabba nuqqas ta' qbil bilaterali bejn żewġ Stati Membri. Peress li l-kontenut huwa simili għal dak tal-proposti preċedenti dwar l-Ajru Uniku Ewropew li ma rnexxewx, għad hemm il-possibbiltà li ma jintlaħaqx kunsens politiku. It-tħassib tal-Istati Membri tradizzjonalment inkluda t-tħassib politiku, it-tħassib dwar is-sovranità, il-fatturi soċjoekonomiċi, il-liberalizzazzjoni tal-ispazju tal-ajru nazzjonali u l-privatizzazzjoni furzata. Matul il-proċedura leġiżlattiva, huwa rrakkomandat li dan it-tħassib jingħata kunsiderazzjoni dovuta.

2.2.2. Il-Kummissjoni Ewropea ssostni li l-kwistjonijiet soċjali tqiesu fil-Valutazzjoni tal-Impatt tal-2013 dwar il-proposta inizjali SES2+. Bħalissa għaddej studju dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru (ATCO) u tal-persunal tal-prodotti elettroniċi tas-sikurezza tat-traffiku tal-ajru (ATSEP) li se jitqies waqt l-iżvilupp tal-leġiżlazzjoni sekondarja ladarba l-proposta dwar l-Ajru Uniku Ewropew tiġi adottata. Madankollu, minn dak iż-żmien, l-isfond soċjali evolva ħafna. L-istudju dwar li-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ATCO u tal-ATSEP qiegħed jiffoka l-aktar fuq is-sitwazzjoni attwali u l-feedback tal-imsieħba soċjali mhuwiex daqstant pożittiv fir-rigward tax-xenarji futuri.

2.2.3. Għadd ta' kwistjonijiet mill-feedback ipprovdut mill-partijiet interessati f'diskussjonijiet preċedenti ma tqisux. Dawn jinkludu s-serje ta' diskussjonijiet madwar mejda li wasslu għad-dikjarazzjoni ta' livell għoli dwar l-Ajru Diġitali Ewropew, u għodod ta' konsultazzjoni eżistenti, bħad-Djalogu Soċjali Settorjali tal-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru, il-Grupp ta' Persuni Għorrief u l-Grupp ta' Esperti tal-Ajru Uniku Ewropew dwar id-Dimensjoni Umana. Fid-dawl ta' dan, għad hemm għadd ta' kwistjonijiet soċjoekonomiċi pendenti inkluż l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji ġodda u inizjattiva meħuda mill-imsieħba soċjali tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru biex jiġi żviluppat pjan direzzjonali tad-dimensjoni soċjali u umana għall-Ajru Uniku Ewropew.

2.2.4. Il-partijiet ikkonċernati ewlenin fl-avjazzjoni jappoġġjaw il-kooperazzjoni kontinwa bejn l-Istati Membri, il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u l-maniġer tan-network. Il-ħidma tal-inizjattiva Ajru Uniku Ewropew tappoġġja tali impenn transkonfinali, u għandha tkompli tiżviluppa mezzi li bihom jistgħu jittejbu s-sikurezza operazzjonali, l-effiċjenza u l-kosteffettività, inkluż permezz ta' aċċess għal programmi ta' taħriġ tal-persunal li fuqhom tiddependi l-kisba tal-"Ajru Uniku Ewropew".

2.2.5. Laqgħat ta' ħidma aktar frekwenti bejn l-amministrazzjonijiet tat-traffiku tal-ajru militari fl-Istati Membri kif ukoll djalogu kontinwu bejn l-amministrazzjonijiet tat-traffiku tal-ajru ċivili u militari jistgħu jwasslu għal rotot tat-titjiriet aktar effiċjenti, kemm ekonomikament kif ukoll speċjalment mill-perspettiva ekoloġika u mil-lat ta' benefiċċji għall-passiġġieri/il-konsumaturi.

2.2.6. L-istabbiliment tal-prestazzjoni ambjentali jeħtieġ li jkun xprunat aktar minn parametri konkreti milli mill-ispiża nnifisha. Hija meħtieġa riforma biex tissaħħaħ l-importanza tal-ekoloġizzazzjoni tat-titjiriet u b'hekk is-servizz li għandu jiġi offrut mill-ANSP u l-Maniġer tan-Network, kif ukoll l-aħjar użu tan-network mill-utenti tal-ispazju tal-ajru.

2.3. *Kunsiderazzjoni tal-pandemija tal-COVID-19*

2.3.1. B'mod partikolari, l-industrija tal-avjazzjoni soffriet l-aktar mill-kriżi ekonomika b'riżultat tal-kriżi tal-COVID-19. L-istimi internazzjonali huma li l-livelli tat-traffiku jerġgħu lura għal dawk tal-2019 l-aktar kmieni fl-2024, sakemm il-vaċċin tal-COVID-19 jiġi introdott b'suċċess fl-ewwel nofs tal-2021. Minħabba li qed tiżdied il-pressjoni fuq l-industrija biex tirkupra xi forma ta' operazzjonijiet normali, l-impatt ta' din il-proposta għandu jinftiehem bis-sħiħ, meta jitqiesu l-emendi strutturali sinifikanti li qed tipproponi għall-industrija Ewropea tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru. Il-proposta m'għandhiex tfixkel il-kapaċità tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru jew ta' setturi oħra tal-avjazzjoni biex jerġgħu jibdew l-operazzjonijiet normali.

2.3.2. Hemm nuqqas evidenti ta' adattamenti għall-proposta fid-dawl tal-kriżi tal-COVID-19, li jservi biex jenfasizza t-tħassib espress li l-proposta hija maqtugħa mill-fatturi li jikkonċernaw l-industrija tal-avjazzjoni fid-dinja wara l-COVID-19. Jidher li l-valutazzjonijiet kollha tal-impatt tal-proposta saru qabel il-COVID-19 u għalhekk mhumiex aktar rilevanti.

2.3.3. Il-kriżi tal-COVID-19 kellha effett drammatiku fuq il-forza tax-xogħol fl-avjazzjoni, fejn għexieren ta' eluf ta' ħaddiema diġà tilfu xogħolhom fl-Ewropa. Il-"funzjonijiet ta' appoġġ" tal-industrija tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru bħas-CNS, l-AIS, u l-MET jistgħu jwasslu għal aktar konsegwenzi soċjali negattivi minħabba l-isforzi ta' din il-proposta biex tifred is-servizzi. Dan irid jiġi rikonoxxut, u l-proposta għandha tkun konxja tal-impatt soċjoekonomiku tal-pandemija fuq dawn il-ħaddiema u l-volatilità tas-settur fil-klima attwali.

2.3.4. Peress li l-futur tal-industrija għadu mhux ċar, huwa diffiċli li titħejja leġiżlazzjoni li tipprovdi rimedju effettiv għat-tħassib indirizzat fl-għan tal-proposta. Barra minn hekk, l-impatti soċjali u ekonomiċi tal-kriżi għadhom mhumiex ċari għalkollox, u huwa prematur li jsiru valutazzjonijiet jew konklużjonijiet ibbażati fuq il-projezzjonijiet attwali, li qed jinbidlu malajr hekk kif tiżviluppa l-pandemija.

2.4. *Applikazzjoni tal-prinċipji tas-suq*

2.4.1. Il-Kummissjoni qiegħda titlob robustezza finanzjarja, iżda il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru (ANSPs) jistgħu jqisu l-arkitettura istituzzjonali l-ġdida proposta bħala waħda pjuttost burokratika, bi spejjeż ġodda introdotti li mhux neċessarjament huma relatati mal-ħidma operattiva. Aspett ieħor li jista' jqajjem mistoqsijiet huwa l-korp tal-appell, li, fil-format propost, jista' ma jkunx totalment indipendenti mill-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni (PRB), anke jekk l-intenzjoni tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward hija pjuttost ċara, jiġifieri l-ħolqien ta' korp li jista' jsolvi każijiet permezz ta' proċedura mhux ġudizzjarja, u mhux biss fil-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja.

2.4.2. Għall-kuntrarju ta' setturi oħra tal-industrija, is-settur tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru għandu jibqa' f'livell għoli ta' kapaċità operattiva irrispettivament mid-domanda fit-traffiku tal-ajru kummerċjali. Is-settur u l-forza tax-xogħol tiegħu komplew jaħdmu irrispettivament mill-pandemija u pprovdew is-servizzi meħtieġa għat-traffiku essenzjali bħall-merkanzija bl-ajru, it-titjiriet mediċi u militari.

2.4.3. Minn perspettiva soċjoekonomika, hemm tħassib li l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-suq għas-Servizzi tat-Traffiku tal-Ajru tal-Ajrudromi tista' twassal għal instabbiltà fix-xogħol u tnaqqas l-istandards tax-xogħol fis-settur għad-detriment tal-forza tax-xogħol u tal-komunità kollha kemm hi. Dan ifixkel l-għan li tinkiseb żieda fl-effiċjenza operattiva u għalhekk huwa improbabbli li tonqos l-ispiża tas-servizzi. Tista' wkoll tnaqqas l-għadd ta' ajrudromi fejn jiġi pprovdut is-servizz tat-traffiku tal-ajru u jkollha impatt dirett fuq is-sikurezza f'ajrudromi bħal dawn.

2.4.4. Fis-settur tal-ATM, tradizzjonalment kien hemm livell għoli ta' inkwiet industrijali b'tentattivi preċedenti biex jiġi liberalizzat is-settur. Fil-fatt, ħafna minn dan l-inkwiet iffoka speċifikament fuq proposti preċedenti tal-SES. Huwa possibbli li din il-proposta fil-forma attwali tagħha twassal għal aktar inkwiet soċjali u tilwim industrijali minħabba l-għan tagħha li tikseb liberalizzazzjoni akbar tal-industrija u li tiftaħ għal aktar privatizzazzjoni u frammentazzjoni tas-settur tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru, b'mod partikolari fl-hekk imsejħa "funzjonijiet ta' appoġġ".

2.5. *Is-separazzjoni tal-awtorità superviżorja u l-provvista tas-servizzi*

Wara r-regolament SES1, hemm separazzjoni obbligatorja bejn ir-rwoli superviżorji u dawk tal-provvista tas-servizzi, tal-anqas fil-livell ta' funzjoni. Għandha tingħata kunsiderazzjoni lil din l-emenda fis-SES2+, peress li l-esperjenza miksuba permezz tal-proċessi ta' separazzjoni funzjonali wriet li l-prestazzjoni tista' tinżamm fl-istess livell bħala settur li huwa strutturalment separat. Bl-istess mod, aktar ċarezza dwar il-kamp ta' applikazzjoni ġenerali tal-proposta f'dan ir-rigward tintlaqa' tajjeb.

Brussell, it-2 ta' Diċembru 2020.

Christa SCHWENG
*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*

*ANNESS*

Dawn il-punti tal-abbozz ta’ opinjoni ġew immodifikati biex jirriflettu l-emendi adottati mill-Assemblea, iżda rċevew aktar minn kwart tal-voti (Artikolu 54(4) tar-Regoli ta’ Proċedura):

(a) ***Punt 1.14***

1.14. ~~Għandha ssir valutazzjoni tal-impatt soċjali dwar~~ Matul il-proċedura leġiżlattiva, huwa rrakkomandat li tingħata kunsiderazzjoni dovuta lil ċerti aspetti ta’ din il-proposta, b’mod partikolari kwalunkwe proposta biex tinfired jew tiġi liberalizzata l-provvista tas-servizzi. Huwa rikonoxxut li dawn il-fatturi għandhom il-potenzjal li jkollhom impatt detrimentali fuq il-ħaddiema u l-imsieħba soċjali għandhom għalhekk jiġu involuti matul dan il-proċess.

**Riżultat tal-votazzjoni dwar l-emenda:**

Voti favur: 119

Voti kontra: 104

Astensjonijiet: 26

(b) ***Punt 2.2.1***

2.2.1. Din il-Proposta SES2+ hija parzjalment riformulazzjoni ta’ proposta preċedenti tal-SES2+, li d-diskussjonijiet dwarha waqfu minħabba nuqqas ta’ qbil bilaterali bejn żewġ Stati Membri. Peress li l-kontenut huwa simili għal dak tal-proposti preċedenti dwar l-Ajru Uniku Ewropew li ma rnexxewx, għad hemm il-possibbiltà li ma jintlaħaqx kunsens politiku. It-tħassib tal-Istati Membri tradizzjonalment inkluda t-tħassib politiku, it-tħassib dwar is-sovranità, il-fatturi soċjoekonomiċi, il-liberalizzazzjoni tal-ispazju tal-ajru nazzjonali u l-privatizzazzjoni furzata. ~~Serje ta’ valutazzjonijiet tal-impatt bir-reqqa tgħin fl-identifikazzjoni u l-mitigazzjoni ta’ dan it-tħassib.~~ Matul il-proċedura leġiżlattiva, huwa rrakkomandat li dan it-tħassib jingħata kunsiderazzjoni dovuta.

**Riżultat tal-votazzjoni dwar l-emenda:**

Voti favur: 113

Voti kontra: 113

Astensjonijiet: 23

Skont l-Artikolu 61 tar-Regoli ta’ Proċedura, peress li l-votazzjoni kienet ugwali (numru indaqs ta’ voti favur u kontra), il-President kellha l-vot deċiżiv favur l-emenda.

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll applikabbli fiż-żona tal-Konvenzjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 520/2007"**

*[COM(2020) 308 final — 2020/0139 (COD)]*

(2021/C 56/08)

Relatur uniku: **Javier GARAT PÉREZ**


| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Parlament Ewropew, 23.7.2020 |
| | Kunsill, 20.7.2020 |
| Bażi legali | Artikoli 43(2) u Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent |
| Adottata fis-sezzjoni | 12.11.2020 |
| Adottata fil-plenarja | 2.12.2020 |
| Sessjoni plenarja Nru | 556 |
| Riżultat tal-votazzjoni | 228/0/9 |
| (favur/kontra/astensjonijiet) | |


## 1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-KESE jqis li hemm bżonn li l-miżuri ta' kontroll, ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni adottati mill-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali (IATTC) jiġu trasposti fid-dritt tal-Unjoni bil-għan li jiġu applikati b'mod uniformi u effettiv fi ħdan l-UE. Din it-traspożizzjoni għandha tkun konformi ma' dak li ġie miftiehem fl-IATTC, mingħajr ma toħloq obbligi ġodda għall-bastimenti Ewropej. Il-Kumitat għalhekk jappoġġja l-Proposta għal Regolament.

1.2. Madankollu, il-Kumitat jirrakkomanda li jitqiesu l-kunsiderazzjonijiet stabbiliti fl-Opinjoni tiegħu dwar *Miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar li japplikaw fiż-Żona Regolatorja tal-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (NAFO)* ([1]).

1.3. Għaldaqstant, il-KESE jqis li l-proposta mressqa ma tistabbilixxix mekkaniżmu effiċjenti għat-traspożizzjoni tar-regoli adottati mill-IATTC u ma tindirizzax il-ħtieġa li dawn jiġu aġġornati kull sena.

1.4. Il-Kumitat huwa favur mekkaniżmu aktar effiċjenti u sempliċi u għaldaqstant jipproponi regolament b'artikolu wieħed biss li jistabbilixxi li, fir-rigward tal-flotta tagħha, l-Unjoni Ewropea għandha assolutament tapplika r-regoli adottati mill-IATTC.

1.5. Il-KESE jenfasizza r-riskju li ġġib magħha l-introduzzjoni tas-sistema tal-atti delegati li permezz tagħha l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tilleġiżla mingħajr ma tkun soġġetta għal proċeduri ordinarji.

## 2. **Sommarju tal-proposta tal-Kummissjoni**

2.1. L-għan ta' din il-proposta ([2]) huwa li l-miżuri ta' kontroll, ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni adottati mill-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali (IATTC), li l-Unjoni Ewropea ilha parti kontraenti tagħha sa mill-2006, jiġu trasposti fid-dritt tal-Unjoni.

---

([1]) Ara l-Opinjoni tal-KESE dwar "*Miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar – NAFO*" (ĠU C 429, 11.12.2020, p. 279).

([2]) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll applikabbli fiż-żona tal-Konvenzjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 520/2007 (COM/2020/308 final): https://eur-lex.europa.eu/legal-content/mt/TXT/?uri=CELEX%3A52020PC0308&qid=1603701098515

2.2. Il-Konvenzjoni tal-IATTC tipprevedi li r-riżoluzzjonijiet tagħha huma vinkolanti u li l-partijiet kontraenti għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni u l-konformità magħha, u kwalunkwe miżura ta' konservazzjoni u ġestjoni adottata skontha.

2.3. Għalhekk hija l-Unjoni Ewropea li għandha tiżgura l-konformità mal-miżuri kollha approvati mill-IATTC, u li l-miżuri stabbiliti f'din il-proposta jkopru dawk adottati mill-IATTC mill-2008 'l quddiem. Il-Proposta għal Regolament tinkludi wkoll mekkaniżmu biex jiffaċilita l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-IATTC fil-futur.

2.4. Il-proposta li qed tiġi kkunsidrata tipprevedi li l-Kummissjoni tingħata setgħat delegati, skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, biex tkun tista' timplimenta kwalunkwe emenda għal dawn il-miżuri, liema emendi jiġu approvati fil-laqgħat annwali tal-IATTC, u biex tiżgura kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bejn il-bastimenti tas-sajd Ewropej u dawk ta' partijiet kontraenti oħra tal-IATTC.

2.5. Il-miżuri previsti fil-proposta jikkonċernaw l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għal-lenez tal-klieb il-baħar u, b'mod ġenerali, il-protezzjoni ta' ċerti speċijiet ta' klieb il-baħar, il-perjodi ta' waqfien mis-sajd, id-dispożizzjonijiet dwar it-tfassil u l-użu tat-tagħmir biex jinġabar il-ħut (FAD), ir-reġistrazzjoni tad-data, il-protezzjoni tat-tjur tal-baħar, il-kopertura tal-osservaturi xjentifiċi, ir-reġistru reġjonali tal-bastimenti, il-programmi ta' data u statistika u l-linji gwida dwar il-mortalità tal-fkieren.

3. **Kummenti ġenerali**

3.1. Il-KESE jqis li hemm bżonn li l-miżuri ta' kontroll, ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni adottati mill-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali (IATTC) jiġu trasposti fid-dritt tal-Unjoni bil-għan li jiġu applikati b'mod uniformi u effettiv fi ħdan l-UE. Din it-traspożizzjoni għandha tkun konformi ma' dak li ġie miftiehem fl-IATTC, mingħajr ma toħloq obbligi ġodda għall-bastimenti Ewropej.

3.2. Madankollu, peress li l-IATTC ta' spiss temenda l-miżuri ta' konservazzjoni u ta' kontroll tagħha fil-laqgħat annwali tagħha, il-Kumitat iqis li l-proposta mressqa ma tipprevedix mekkaniżmu effiċjenti għat-traspożizzjoni tal-miżuri adottati mill-IATTC jew għall-aġġornamenti tagħhom.

3.3. Il-KESE jemmen li l-iżjed mekkaniżmu effiċjenti biex jiġu indirizzati dawn l-aġġornamenti regolari tar-regoli adottati mill-IATTC jkun li jitfassal regolament sempliċi li jiġġustifika l-ħtieġa li jsiru aġġornamenti regolari tal-miżuri rilevanti, tal-inqas għall-kompetenzi allokati, u li jinkludi artikolu wieħed biss li fih jiġi stabbilit l-impenn tal-Unjoni Ewropea favur l-applikazzjoni assoluta, fir-rigward tal-flotta tagħha, tar-regoli adottati mill-IATTC kull sena.

3.4. Inkella, il-KESE jwissi dwar ir-riskju ta' diskrepanza permanenti li tista' tinħoloq bejn ir-regoli adottati mill-IATTC u l-leġiżlazzjoni ppubblikata mill-UE, u l-inċertezza tad-dritt li dan jista' joħloq.

Brussell, it-2 ta' Diċembru 2020.

Christa SCHWENG
*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KEE fir-rigward ta' miżuri temporanji b'rabta mat-taxxa fuq il-valur miżjud għall-vaċċini tal-COVID-19 u ma' apparat mediku dijanjostiku in vitro b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19"**

*[COM(2020) 688 final — 2020/0311 (CNS)]*

(2021/C 56/09)

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 6.11.2020 |
| Bażi legali | Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali |
| Opinjoni adottata fil-plenarja | 2.12.2020 |
| Sessjoni plenarja Nru | 556 |
| Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet) | 195/0/3 |

Peress li l-Kumitat ħabbar li jappoġġja r-regoli tat-tassazzjoni minħabba l-kriżi tal-COVID-19 fl-Opinjoni tiegħu dwar il-*Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2011/16/UE biex tiġi indirizzata l-ħtieġa urġenti li jiġu posposti ċerti limiti ta' żmien għall-preżentazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni minħabba l-pandemija tal-COVID-19 [COM(2020) 197 final – 2020/0081 (CNS)]*; dwar il-*Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Direttivi (UE) 2017/2455 u (UE) 2019/1995 f'dak li jirrigwarda d-dati tattraspożizzjoni u tal-applikazzjoni minħabba l-kriżi kkawżata mit-tifqigħa tal-COVID-19* [COM(2020) 198 final – 2020/0082 (CNS)] u dwar il-*Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2454 f'dak li jirrigwarda d-dati tal-applikazzjoni minħabba l-kriżi kkawżata mit-tifqigħa tal-COVID-19* (COM(2020) 201 final – 2020/0084 (CNS)] ([1]), adottata fl-10 ta' Ġunju 2020 u din l-emenda għad-Direttiva 2006/112/KE ma tinkludix kontenut ieħor li l-KESE jista' jikkumenta fuqu, iddeċieda, matul il-556 sessjoni plenarja tiegħu tat-2 u t-3 ta' Diċembru 2020 (seduta tat-2 ta' Diċembru), b'195 vot favur u 3 astensjonijiet, li jagħti opinjoni favorevoli għat-test propost u li jagħmel referenza għall-pożizzjoni li ħa fid-dokument imsemmi hawn fuq.

Brussell, it-2 ta' Diċembru 2020.

Christa SCHWENG
*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*

---

([1]) ĠU C 311, 18.9.2020, p. 76.

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni biex tivvota favur iż-żieda fil-kapital tal-Fond Ewropew tal-Investiment**

*[COM(2020) 774 final — 2020/0343 (COD)]*

(2021/C 56/10)

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Parlament Ewropew, 26.11.2020 |
| | Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 30.11.2020 |
| Bażi legali | Artikoli 173(3) u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali |
| Adottata fil-plenarja | 2.12.2020 |
| Sessjoni plenarja Nru | 556 |
| Riżultat tal-votazzjoni | 207/1/8 |
| (favur/kontra/astensjonijiet) | |

Billi l-Kumitat jikkunsidra li l-kontenut tal-proposta huwa kompletament sodisfaċenti u li, barra minn hekk, diġà ta fehmtu dwar fl-Opinjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Proposta għal Regolament li jistabbilixxi l-Programm InvestEU ([1]), adottata fis-17 ta' Ottubru 2018 u dwar ir-reviżjoni tagħha ([2]), adottata fil-15 ta' Lulju 2020, iddeċieda, matul il-556 sessjoni plenarja tiegħu tat-2 u t-3 ta' Diċembru 2020 (seduta tat-2 ta' Diċembru 2020), b'207 voti favur, vot 1 kontra u 8 astensjonijiet, li jagħti opinjoni favorevoli għat-test propost u li jagħmel referenza għall-pożizzjoni li ħa fid-dokument imsemmi hawn fuq.

Brussell, it-2 ta' Diċembru 2020.

Christa SCHWENG
*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*

([1]) ĠU C 62, 15.2.2019, p. 131.
([2]) ĠU C 364, 28.10.2020, p. 139.

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2004/37/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol**

*(COM(2020) 571 final — 2020/0262 (COD))*

(2021/C 56/11)

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 21.10.2020 |
| | Parlament Ewropew, 5.10.2020 |
| Bażi legali | Artikoli 153(2) u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza |
| Opinjoni adottata fil-plenarja | 2.12.2020 |
| Sessjoni plenarja Nru | 556 |
| Riżultat tal-votazzjoni<br>(favur/kontra/astensjonijiet) | 224/0/6 |

Billi l-Kumitat jikkunsidra li l-kontenut tal-proposta huwa kompletament sodisfaċenti u li, barra minn hekk, diġà ta fehmtu fl-Opinjonijiet tiegħu, jiġifieri Opinjoni SOC/545 – *Protezzjoni minn sustanzi kimiċi li jikkawżaw il-kanċer*, adottata fil-21 ta' Settembru 2016; Opinjoni SOC/559 – *Protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol*, adottata fil-31 ta' Mejju 2017; Opinjoni SOC/591 – *Protezzjoni minn karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol*, adottata fid-19 ta' Settembru 2018, u Opinjoni CCMI/130 – *It-tneħħija għalkollox tal-asbestos mill-UE*, adottata fit-18 ta' Frar 2015 ([1]), iddeċieda, matul il-556 sessjoni plenarja tiegħu tat-2 u t-3 ta' Diċembru 2020, b'224 vot favur u 6 astensjonijiet, li jagħti opinjoni favorevoli għat-test propost u li jagħmel referenza għall-pożizzjoni li ħa fid-dokumenti msemmija.

Brussell, it-2 ta' Diċembru 2020.

Christa SCHWENG
*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*

([1]) ĠU C 487, 28.12.2016, p. 113; ĠU C 288, 31.8.2017, p. 56; ĠU C 440, 6.12.2018, p. 145; ĠU C 251, 31.7.2015, p. 13.

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti aspetti ta' sikurezza ferrovjarja u ta' konnettività ferrovjarja fir-rigward tal-infrastruttura transfruntiera li tgħaqqad l-Unjoni mar-Renju Unit permezz taċ-Channel Fixed Link**

*(COM(2020) 782 final — 2020/0347 (COD))*

(2021/C 56/12)

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 2.12.2020 |
| | Parlament Ewropew, 14.12.2020 |
| Bażi legali | Artikoli 91(1) u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Informazzjoni |
| Adottata fil-plenarja | 2.12.2020 |
| Sessjoni plenarja Nru | 556 |
| Riżultat tal-votazzjoni | 210/1/4 |
| (favur/kontra/astensjonijiet) | |

Billi l-Kumitat jikkunsidra li l-kontenut tal-proposta huwa kompletament sodisfaċenti u m'hemm bżonn tal-ebda kumment min-naħa tiegħu, iddeċieda, matul il-556 sessjoni plenarja tiegħu tat-2 u t-3 ta' Diċembru 2020 (laqgħa tat-2 ta' Diċembru), b'201 voti favur, vot wieħed (1) kontra u 4 astensjonijiet, li jagħti opinjoni favorevoli għat-test propost.

Brussell, it-2 ta' Diċembru 2020.

Christa SCHWENG
*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT